

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-24 ta' Frar 2010

Dwar il-Kuntratti ta' servizz pubbliku ta' trasport bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u Danske statsbaner (Għajnuna mill-Istat C 41/08 (ex NN 35/08))

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 975)

(Il-test Daniż biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/3/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tal-istess Artikoli ⁽²⁾,

Billi:

1. PROĊEDURA

- (1) Wara żewġ ilmenti u bosta skambji bejn, minn naħa waħda, il-Kummissjoni u ż-żewġ partijiet li ressqu l-ilment, u min-naħa l-oħra bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Daniżi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fl-10 ta' Settembru 2008 f'dan il-każ u għallhekk stiednet lid-Danimarka u lill-partijiet interessati, permezz tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' ftuħ f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾, sabiex iressqu l-kummenti tagħhom.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali kienet parzjalment is-suġġett ta' rikors ta' annullament ippreżentat minn wieħed mill-partijiet li ressqu l-ilment quddiem il-Qorti tal-Unjoni Ewropea. Dan

l-appell ġie miċħud b'ħa inammissibbli permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Novembru 2009 ⁽⁴⁾.

- (3) Permezz ta' ittra tas-17 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni stiednet lid-Danimarka u lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-bażi legali xierqa għar-reviżjoni tal-kompatibbiltà ta' Għajnuna mill-Istat f'dan il-każ, minħabba d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 u Nru 1107/70 ⁽⁵⁾.

2. PREŻENTAZZJONI TAL-BENEFIĊJARJU U TAL-PERSUNI LI QED JIPPREŻENTAW L-ILMENT

2.1. IL-BENEFIĊJARJU TAL-MIŻURI: DANSKE STATSبانER

2.1.1. IL-KUMPAĊIJA FERROVJARJA STORIKA DANIŻA

- (4) Danske Statsbaner SV (DSB) hija l-kumpanija ferrovjarja ewlenija fid-Danimarka.
- (5) DSB hija proprjetà sħiħa tal-Istat Daniż ⁽⁶⁾. DSB topera biss servizzi ta' trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u servizzi relatati ⁽⁷⁾. DSB hija attiva wkoll permezz tas-sussidjarji tagħha b'mod partikolari fl-Isvezja, fin-Norveġja u fir-Renju Unit.

⁽¹⁾ B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE saru l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Iż-żewġ dispożizzjonijiet huma sostanzjalment identiċi għal dawk ta' qabel. Fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom jinftehem b'ħa referenzi għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE jekk ikun il-każ.

⁽²⁾ ĠU C 309, 4.12.2008, p. 14.

⁽³⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

⁽⁴⁾ Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Novembru 2009 fil-kawża T-87/09, *Jørgen Andersen vs Il-Kummissjoni*.

⁽⁵⁾ ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1.

⁽⁶⁾ Liġi Nru 485 tal-1 ta' Lulju 1998 li wassal għall-ħolqien tal-kumpanija pubblika indipendenti DSB SV u DSB Cargo mill-1 ta' Jannar 1999 ("il-Liġi DSB").

⁽⁷⁾ L-attivitajiet ta' trasport tal-merkanzija ta' DSB inbiegħu lid-Deutsche Bahn fl-2001.

(6) Fl-1998, il-Parlament Daniż adotta liġi li tiffred l-infrastruttura ferrovjarja mill-attivitajiet ta' trasport ferrovjarju ta' DSB ⁽⁸⁾.

(7) Fl-2008, DSB kellha madwar 9 200 impjegat. Il-fatturat tagħha fl-2008 kien jammonta għal madwar DKK 9,85 biljun (EUR 1,32 biljun).

2.1.2. IL-ĦOLQIEN TAL-KUMPAĊIJA PUBBLIKA DSB

(8) Fl-1999, DSB ġiet trasformata f'kumpanija pubblika indipendenti ⁽⁹⁾.

(9) Għal dan il-għan għe stabbilit mudell għdid ta' ġestjoni finanzjarja tal-kumpanija. Il-bilanċ ta' ftuħ tal-kumpanija għe elaborat fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tal-attiv u tal-passiv. L-awtoritajiet Daniżi indikaw li għall-karigi kollha sinifikanti, DSB kisbet evalwazzjoni oħra magħmula minn esperti indipendenti.

(10) L-awtoritajiet Daniżi spjegaw li l-kapital ta' ekwità ta' DSB għe kkalkolat permezz ta' tqabbil ma' kumpaniji simili li għandhom assi fissi kbar. Il-bilanċ ta' ftuħ finali tal-kumpanija kien ibbażat fuq proporzjon ta' likwidità ta' 36 % u fuq allokkazzjoni inizjali.

(11) Barra minn hekk, għandu jkun innotat li l-qafas legali applikabbli għal DSB għe ssupplimentat permezz ta' standards ta' kontabilità u linji gwida nazzjonali tal-kompetizzjoni li jobbligaw lill-kumpanija iżomm kontijiet separati tal-attivitajiet ewlenin tagħha u b'hekk tevita l-kontrosussidji. Il-kontijiet tal-ħlasijiet kuntrattwali mogħtija lil DSB fuq il-bażi tal-kuntratti ta' servizzi pubbliċi tat-trasport jġu wkoll miżmuma separati mill-attivitajiet l-oħra li jsiru fuq bażi strettament kummerċjali.

(12) Il-kontijiet ta' DSB huma miżmuma għal kull attività u huma bbażati fuq kontabilità analitika dettaljata li tuża bażi ta' tqassim tal-ispejjeż u tal-prodotti ⁽¹⁰⁾.

2.1.3. IL-GRUPP DSB

i. DSB S-tog a/s

(13) Il-Grupp DSB jinkludi wkoll is-sussidjarja DSB S-tog a/s, proprjeta' 100 % ta' DSB SV, li topera s-servizzi ferrovjarji suburbani kollha tal-belt ta' Kopenhagen.

(14) Il-kontijiet ta' DSB S-tog a/s jinżammu separati minn DSB SV minħabba li hija kumpanija indipendenti. Bl-istess mod, ir-regolament tal-kontabilità ta' DSB jipprovdi li t-transazzjonijiet bejn DSB u DSB S-tog a/s għandhom isiru skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

(15) Il-bilanċ żejjed iġġenerat mis-sussidjarja DSB S-tog a/s ttieħed inkunsiderazzjoni, wara li tneħħiet it-taxxa, fir-

⁽⁸⁾ Issa l-ġestjoni tal-infrastruttura ferrovjarja u l-manutenzjoni tagħha hija pprovduta minn Banedanmark, li hija kumpanija separata.

⁽⁹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

⁽¹⁰⁾ L-awtoritajiet Daniżi spjegaw li d-diversi kontijiet tal-prodotti thejw fuq il-bażi ta' allokkazzjoni u mhux ta' sistema ta' kontabilità. Ma setgħux jinħarġu karti tal-bilanċ separati għal kull attività mill-kontijiet.

riżultat konsolidat ta' DSB SV. Il-politika tal-Istat Daniż fil-qasam ta' dividendi hija definita meta mqabbla mal-kumpanija ewlenija DSB SV fis-sens li d-dividendi jitħallsu minn din tal-aħħar.

ii. Ishma oħra

(16) DSB għandha 100 % tal-ishma ta' DSB Sverige AB, DSB Norge u DSB UK Ltd AS li l-attività tagħhom tikkonsisti, kif intqal aktar 'il fuq, fil-provvista tas-servizzi ta' trasport tal-passiġġieri u attivitajiet oħrajn relatati, rispettivament, fl-Isvezja, fin-Norveġja u fir-Renju Unit.

(17) Barra minn hekk, DSB għandha 60 % ta' Roslagståg AB li topera l-linja Roslag fir-reġjun ta' Stokkolma. DSB għandha l-kumpanija privata BSD ApS, inkarigata mill-ħarsien tad-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali.

(18) Barra minn hekk, DSB u DSB S-tog a/s għandhom flimkien l-azjenda DSB Rejsekort A/S, li għandha 52 % ta' Rejsekort A/S, operatur tal-biljetterija elettronika (e-Ticketing) tat-trasport pubbliku.

(19) Fl-aħħar nett, DSB għandha 100 % ta' Kort & Godt, katina ta' ħwienet fl-istazzjonijiet.

2.2. IL-PARTIJIET LI RESSQU L-ILMENT

2.2.1. L-EWWEL PARTI LI RESSQET L-ILMENT

(20) L-ewwel parti li ressqet l-ilment hija Gråhundbus, kumpanija privata ta' trasport tal-passiġġieri bix-xarabank (minn hawn 'il quddiem Gråhundbus).

2.2.2. IT-TIENI PARTI LI RESSQET L-ILMENT

(21) It-tieni parti li ressqet l-ilment hija Dansk Kollektiv Trafik, assoċjazzjoni professjonali li tirrappreżenta diversi operaturi tat-trasport Daniżi (minn hawn 'il quddiem DKT).

3. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-KUNTRATTI TA' SERVIZZ PUBBLIKU TA' TRASPORT BEJN IL-MINISTERU TAT-TRASPORT DANIŻ U DSB

3.1. IL-QAFAS LEGALI TAL-KUNTRATTI TA' SERVIZZ PUBBLIKU TA' TRASPORT FID-DANIMARKA

(22) Sal-1 ta' Jannar 2000, DSB kellha l-monopolju tas-servizzi ta' trasport ferrovjarju tal-passiġġieri fid-Danimarka. Minn dakinhar 'il hawn, il-leġiżlatur Daniż abolixxa l-monopolju u pprova żewġ skemi alternattivi għall-provvediment tas-servizzi ta' trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija ⁽¹¹⁾:

⁽¹¹⁾ Lov om jernbaneverksamhed m.v. Liġi Nru 289 tat-18 ta' Mejju 1998 kif sussegwentement emendata. Il-Liġi kkonsolidata l-aktar reċenti hija l-Liġi Nru 1171 tat-2 ta' Diċembru 2004.

- minn naħa, it-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri li jopera fuq bażi kummerċjali, mingħajr l-ebda kumpens għall-awtoritajiet pubbliċi (“traffiku ħieles”);
- min-naħa l-oħra, it-traffiku li jopera taħt kuntratti ta’ servizz pubbliku ta’ trasport b’kumpens mill-awtoritajiet pubbliċi (“traffiku ta’ servizz pubbliku”).
- (23) Skont l-awtoritajiet Daniżi, bħalissa ma jopera l-ebda servizz ta’ trasport tal-passiġġieri, fuq bażi regolari taħt l-iskema ta’ traffiku ħieles.
- (24) Fil-każ tal-kuntratti ta’ servizz pubbliku ta’ trasport, il-qafas regolatorju Daniż jagħmel distinzjoni bejn żewġ tipi ta’ kuntratti:
- il-kuntratti ta’ servizz pubbliku ta’ trasport li huma nnegozjati bi ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti u l-operatur mingħajr sejħa għall-offerti minn qabel. Il-Ministeru tat-Trasport huwa l-awtorità responsabbli fid-Danimarka għan-negozzazzjoni ta’ dan it-tip ta’ kuntratti ta’ servizz pubbliku, bl-eċċezzjoni tas-servizzi mħaddma minn ċerti operaturi żgħar reġjonali;
- il-kuntratti ta’ servizz pubbliku ta’ trasport li jingħataw wara proċedura ta’ sejħa għall-offerti. L-awtorità kompetenti responsabbli għal dawn il-kuntratti permezz ta’ sejħa għall-offerti hija t-Traffikstyrelsen, awtorità regolatorja stabbilita mill-Ministeru tat-Trasport.
- (25) F’dan il-kuntest, DSB topera servizzi prinċipali, reġjonali u lokali ta’ trasport ferrovjarju tal-passiġġieri taħt kuntratti ta’ servizz pubbliku konklużi minn żmien għal żmien mal-Ministeru tat-Trasport.
- (26) Barra minn hekk, l-użu ta’ proċeduri ta’ sejħa għall-offerti żviluppa gradwalment matul is-snin. Fl-2002, Arriva fil-fatt kisbet parti mit-trasport pubbliku reġjonali fid-Danimarka tal-Punent. Fl-2007, kumpanija bi sħab bejn DSB u First Group (DSB First) ukoll kisbet parti mit-trasport pubbliku reġjonali fid-Danimarka tal-Lvant u fin-Nofsinhar tal-Isvezja li kien jinkludi rotot transnazzjonali reġjonali ta’ trasport pubbliku.
- (27) L-awtoritajiet Daniżi indikaw ukoll l-intenzjoni tagħhom li jippreżentaw aktar kuntratti għal proċedura ta’ sejħa għall-offerti.

3.2. IL-KUNTRATT TA’ SERVIZZ PUBBLIKU TA’ TRASPORT GĦALL-PERJODU 2000-2004

- (28) Dan il-kuntratt jirrigwarda t-trasport tal-linji prinċipali u reġjonali li jitħaddem taħt servizz pubbliku minn DSB matul il-perjodu 2000-2004.
- (29) Is-sezzjoni 1 tippovdi li “l-għan ta’ dan il-kuntratt huwa li jippromwovi żvilupp pożittiv tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri billi jieħu bħala punt ta’ tluq is-sitwazzjoni finanzjarja solida ta’ DSB, il-kumpanija ferrovjarja pubblika Daniża”.

- (30) Il-premessi li ġejjin jiġbru fil-qosor id-dispożizzjonijiet l-aktar rilevanti għall-analiżi ta’ dan il-kuntratt ta’ servizz pubbliku.

3.2.1. KONTENUT TAL-KUNTRATT ⁽¹²⁾

- (31) L-Artikolu 3 jiddefinixxi l-ambitu ta’ applikazzjoni tal-kuntratt. Huwa jirreferi għall-provvista ta’ servizzi ta’ trasport ferrovjarju u ta’ servizzi lill-passiġġieri. Il-kuntratt ma jkoprix is-servizzi pubbliċi ta’ trasport mogħtija permezz ta’ sejħa għall-offerti u lanqas it-trasport fit-traffiku ħieles inkluż it-trasport tal-merkanzija.
- (32) Is-servizzi ta’ trasport ipprovduti minn DSB huma spjegati fid-dettall fl-Artikolu 7 tal-kuntratt. DSB għandha l-obbligu li tagħti ċertu ammont ta’ prestazzjonijiet [imkejla fi produzzjoni ta’ kilometri-ferrovjarji (minn hawn ‘il quddiem kilometri-ferrovjarji)] għat-tul tal-kuntratt.

Produzzjoni ta’ kilometri-ferrovjarji għat-tul tal-kuntratt

Sena	2000	2001	2002	2003	2004
km ferr. (miljuni)	41,0	41,7	41,9	42,1	43,3

- (33) L-Artikolu 7(1)(a) jistabbilixxi l-mira ta’ produzzjoni annwali ta’ 51 miljun kilometri-ferrovjarji li għandha tint-laħaq mill-1 ta’ Jannar 2006.
- (34) L-Artikolu 8 tal-kuntratt jispeċifika madankollu li l-Ministeru Daniż tat-Trasport jista’ jiddeċiedi li joħroġ sejħa għall-offerti għal ċerta parti tal-produzzjoni ta’ kilometri-ferrovjarji, li jirriżulta fit-tmiem tal-kuntratt. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 jagħtu dettalji tas-sistema legali applikabbli għas-sejħa għall-offerti. Jispeċifikaw ukoll il-konsegwenzi b’mod partikolari t-tnaqqis tal-kumpens u l-implikazzjonijiet li jirrigwardaw materjal ferrovjarju (magni u vaguni) (rolling stock).
- (35) L-Artikolu 7 jistabbilixxi wkoll ir-regoli li jirrigwardaw il-ħinijiet u l-frekwenza tas-servizzi ta’ trasport. Fil-każ tal-ħinijiet, l-Artikolu 9 jipprovdi l-koordinazzjoni tal-iskedi tal-ħinijiet. Diversi dispożizzjonijiet huma mfassla sabiex jiżguraw li DSB tista’ timplimenta sistema ta’ trasport pubbliku koerenti billi joffru l-possibbiltà ta’ koordinazzjoni bejn il-karozzi tal-linja u l-ferroviji.
- (36) L-Artikolu 10 fih id-dispożizzjonijiet dwar l-użu u l-akkwist ta’ materjal ferrovjarju ġdid li jikkorrispondi għal ammont totali ta’ DKK 5,6 biljun sal-2006. Dan il-materjal ferrovjarju ġdid huwa mudell ġdid ta’ ferroviji li jaħdmu bid-diżil imsejħa IC4. Il-karatteristiċi tekniċi ta’ dawn il-ferroviji ġodda f’termini ta’ veloċità, numru ta’ postijiet jew il-livell ta’ kumdità huma definiti fl-Artikolu 10, bħall-kundizzjonijiet ta’ użu ta’ dawn il-ferroviji fuq ċerti rotot. Dawn l-investimenti huma kkumpensati permezz ta’ ħlasijiet kuntrattwali deskritti hawn taħt.

⁽¹²⁾ Il-kuntratt fih preambolu, 22 Artikoli u 5 Annessi.

(37) Id-dispożizzjonijiet l-oħrajn rilevanti li jistħoqqilhom jissemmew huma:

— l-Artikolu 11 li jispeċifika l-kundizzjonijiet rigward l-infrastruttura u jiddefinixxi r-relazzjonijiet ma' *Banedanmark*;

— l-Artikolu 12 li fih id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw is-servizzi lill-passiġġieri;

— l-Artikolu 13 li jiddefinixxi l-penali f'każ ta' nuqqas ta' puntwalità;

— l-Artikolu 14 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-iffissar tal-prezzijiet tat-trasport.

3.2.2. IL-ĦLASIJIET KUNTRATTWALI

(38) Il-kumpens finanzjarju għal DSB huwa definit fl-Artikolu 4 tal-kuntratt.

(39) Id-dħul mill-bejgħ tal-biljetti jmur għand DSB. Barra minn hekk, DSB tirċievi ħlas kuntrattwali mill-Ministeru tat-Trasport Daniż għas-servizzi stabbiliti mill-kuntratt.

(40) Il-ħlasijiet kuntrattwali huma deskritti fit-tabella ta' hawn taħt:

Ħlasijiet kuntrattwali 2000-2004

Sena	2000	2001	2002	2003	2004
DKK (miljuni)	2 884,9	2 945,7	2 953,7	3 039,4	3 057,9

(41) Dawn il-ħlasijiet huma indikati fuq l-indiċi tal-prezzijiet netti kull sena.

(42) It-total tal-ħlasijiet kuntrattwali huwa bbażat fuq il-previżjoni fuq għaxar snin tal-baġit ta' DSB li ġie adottat fil-11 ta' Ġunju 1999 u li jiddefinixxi l-istrateġija finanzjarja fit-tul ta' DSB.

(43) L-Artikolu 4 jipprovdi wkoll ċerti aġġustamenti b'konnessjoni mal-implimentazzjoni tal-Ftehim qafas għal ħames snin mis-26 ta' Novembru 1999 applikabbli għas-settur tat-trasport ferrovjarju. Dan il-Ftehim qafas wassal għall-adozzjoni ta' bosta addenda speċifiċi għall-kuntratt rigward:

— l-akkwist u l-kummissjonar ta' materjal ferrovjarju ġdid (l-Artikolu 10 tal-kuntratt);

— il-pools tat-trasport ferrovjarju ħafif u l-immoder-nizzar tal-istazzjonijiet;

— it-titjib tal-kwalità tar-rotta ferrovjarja Odense-Svendborg;

— l-inċentivi finanzjarji li jipromwovu produzzjoni raġonevoli ta' traffiku fuq il-livell soċjo-ekonomiku.

(44) Il-ħlasijiet kuntrattwali jkopru l-amortizzament u l-imgħax fuq il-materjal ferrovjarju mixtri skont l-Artikolu 10 tal-kuntratt. Madankollu, l-addenda l-oħra jistgħu jimplikaw żieda fil-ħlasijiet kuntrattwali.

(45) L-Artikolu 5 jirrigwarda l-ispejjeż ferrovjarji. Il-ħlasijiet kuntrattwali jinkludu l-infiq ta' DSB għall-ħlas tal-ispejjeż ferrovjarji dovuti għall-ferroviji koperti mill-kuntratt. L-Artikolu 5 jipprovdi wkoll skema ta' aġġustament annwali tal-ispejjeż ferrovjarji.

3.2.3. IT-TRASPORT URBAN

(46) Ġie konkluż ukoll kuntratt bejn il-Ministeru tat-Trasport Daniż u DSB S-tog a/s rigward il-provvista ta' trasport pubbliku fuq in-netwerk ferrovjarju metropolitan li jaħdem bl-elettriku matul il-perjodu 2000-2004.

(47) Dan il-kuntratt huwa mibni fuq l-istess mudell u fih dispożizzjonijiet simili għal dawk tal-kuntratt li jirrigwarda s-servizzi ta' trasport tal-linji prinċipali u reġjonali. Huwa jiddeskrivi fid-dettall is-servizzi ta' trasport pubbliku metropolitan li għandha ttiprovdi DSB S-tog a/s, billi jistabbilixxi l-obbligu li jsir ċertu ammont ta' servizzi (imkejjel fi produzzjoni ta' kilometri-ferrovjarji) għat-tul tal-kuntratt. Jinkludi obbligi li jirrigwardaw il-ħinijiet u l-frekwenza tas-servizzi kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar l-użu u l-akkwist ta' materjal ferrovjarju ġdid.

(48) Is-sistema ta' kumpens prevista minn dan il-kuntratt hija identika għal dik tal-kuntratt dwar is-servizzi ta' trasport pubbliċi ta' linji prinċipali u ta' linji reġjonali. Il-ħlasijiet kuntrattwali huma ddeterminati fuq l-istess bażi ta' kalkolu (qligħ fuq il-kapital ta' ekwità ta' 6 % wara t-taxxa).

(49) Il-ħlasijiet kuntrattwali huma deskritti fit-tabella hawn taħt u soġġetti għall-istess termini bħall-kuntratt li jirrigwarda s-servizzi pubbliċi ta' trasport tal-linji prinċipali u reġjonali:

Ħlasijiet kuntrattwali 2000-2004

Sena	2000	2001	2002	2003	2004
DKK (miljuni)	547,2	701,9	855,7	1 016,6	1 127,3

3.3. IL-KUNTRATT TA' SERVIZZ PUBBLIKU TA' TRASPORT GĦALL-PERJODU 2005-2014

- (50) It-tieni kuntratt bejn il-Ministeru tat-Trasport Daniż u DSB jirrigwarda l-provvista ta' servizzi pubbliċi ta' trasport tal-linji prinċipali u reġionali matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2005 – u l-31 ta' Diċembru 2014.
- (51) L-għan tal-kuntratt huwa deskritt fl-introduzzjoni kif ġej: "L-istabbiliment ta' qafas ċar biex dan is-servizz pubbliku jingħata b'mod li jggarantixxi lill-Istat l-aħjar riżultat possibbli f'termini ta' trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija, bir-riżorsi finanzjarji magħmula disponibbli għat-trasport ferrovjarju u l-iżgurar li DSB jkollha sitwazzjoni finanzjarja soda".
- #### 3.3.1. KONTENUT TAL-KUNTRATT ⁽¹³⁾
- (52) L-Artikolu 1.1 jiddefinixxi l-ambitu ta' applikazzjoni tal-kuntratt. Dan fih is-sezzjonijiet speċifiċi tan-netwerk li fih it-traffiku huwa żgurat bħala servizz pubbliku b'mod konformi mal-kuntratt.
- (53) Għandu jiġi nnutat li fuq żewġ rotot speċifiċi, DSB ma tirċievi l-ebda dħul mill-biljetti. Il-kuntratt jirrigwarda wkoll rotot internazzjonali mal-Ġermanja u r-rotta Kopenhagen – Ystad, li qabel kienet tiġi operata fit-traffiku ħieles.
- (54) Is-servizzi ta' trasport li għandha tagħti DSB huma definiti fi pjan ta' traffiku (numru u spazjar tal-ferroviji), pjan tal-waqfiet (servizz tal-waqfiet) u pjan tal-linji (ħtiġijiet ta' rotot). Dawn it-tliet pjanijiet huma deskritti fl-ewwel Artikolu l-istess bħar-regoli li jirrigwardaw il-kapaċità f'postijiet bilqiegħda, il-frekwenza, l-affidabbiltà, is-sodisfazzjon tal-passiġġieri, il-waqfien tas-servizz u l-kundizzjonijiet speċjali l-oħra.
- (55) L-Artikolu 2 jipprovdi t-termini ta' ffixsar tal-prezzijiet, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw il-vjaġġi li jgħaddu minn Øresund.
- (56) L-Artikolu 3 jirrigwarda l-ambitu ta' applikazzjoni tas-servizzi ta' trasport rilevanti meta mqabbla ma' dawk ipprovduti fit-traffiku ħieles. B'mod partikolari, fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu huwa speċifikat li s-servizzi pubbliċi ta' trasport jistgħu jiġu estiżi lil hinn mill-qafas attwali, mingħajr żieda fil-ħlasijiet kuntrattwali.
- (57) L-Artikolu 4 jistabbilixxi r-regoli, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi li jirrigwardaw l-immodernizzar tal-istazzjonijiet. DSB għandha tħejji pjanijiet għall-immodernizzar tal-istazzjonijiet li għandhom jiġu sottomessi lill-Ministeru Daniż tat-Trasport bħala informazzjoni.
- (58) L-Artikolu 5 tal-kuntratt jelenka l-impenji speċifiċi ta' DSB għall-operat tal-attivitajiet ta' trasport. Dawn l-impenji jirrigwardaw fost oħrajn l-informazzjoni, l-ispezzjonijiet tat-tagħmir, l-obbligu li materjal ferrovjarju jkun magħmul disponibbli għall-operaturi f'każ ta' sejħa għall-offerti fuq ċerti rotot jew ċerti kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' biljetti jew ta' pass b'xejn għal ċerti kategoriji ta' passiġġieri.
- (59) Fl-aħħar nett, l-Artikolu 6 jipprovdi l-possibbiltà u l-kundizzjonijiet għall-organizzazzjoni tas-sejħiet għall-offerti fuq ċerti rotot u t-tnaqqis tal-ħlasijiet kuntrattwali li jikkorrispondu għas-servizzi kkonċernati li jirriżultaw minnha.
- #### 3.3.2. HLASIJET KUNTRATTWALI
- (60) Il-kumpens finanzjarju għal DSB huwa stabbilit fl-Artikolu 7 tal-kuntratt.
- (61) Id-dħul mill-bejgħ tal-biljetti jmur għand DSB ⁽¹⁴⁾. Barra minn hekk, DSB tirċievi ħlas kuntrattwali mill-Ministeru tat-Trasport Daniż għas-servizzi previsti mill-kuntratt.
- (62) Il-ħlasijiet kuntrattwali huma deskritti fit-tabella ta' hawn taħt:

Ħlasijiet kuntrattwali 2005-2014

Sena	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014
DKK (miljuni)	2 985	3 021	2 803	2 669	2 523	2 480	2 486	2 433	2 475	2 470

- (63) Dawn il-ħlasijiet huma fissi u mhumiex soġġetti għal xi aġġustamenti awtomatiċi sakemm ma jkunx speċifikat xort'oħra fil-kuntratt. Madankollu, dawn jiġu riveduti kull sena fuq il-bażi tal-evoluzzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet netti inklużi fl-Att tal-Finanzi.
- (64) Il-kuntratt ma jispeċifikax kif jiġi kkalkulat it-total ta' ħlasijiet kuntrattwali. Il-Ministeru Daniż tat-Trasport indika li l-ħlasijiet huma bbażati fuq previżjoni tal-baġit ta' għaxar snin, ibbażati fuq stima tal-ispejjeż u tad-dħul.
- (65) Il-ħlasijiet kuntrattwali jkopru, fost elementi oħrajn, l-amortizzament u l-imgħax fuq il-materjal ferrovjarju l-ġdid, kif deskritt f'din it-tabella:

⁽¹³⁾ Il-kuntratt fih preambolu, 10 Artikoli u 9 Annessi.

⁽¹⁴⁾ Ara l-eċċezzjonijiet hawn fuq.

Amortizzament tal-materjal ferrovjarju l-ġdid 2005-2014

(f' DKK miljuni)

Sena	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014
IC4	50	167	247	258	258	258	258	258	258	258
IC2	1	24	46	46	46	46	46	46	46	46
Ferroviji lokali						15	44	74	89	89

- (66) Il-pjan ta' kunsinna għall-investimenti annwali f'materjal ferrovjarju ġdid huwa ppreżentat f'din it-tabella li ġejja:

Kunsinna tal-materjal ferrovjarju l-ġdid

Sena	2003	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011
IC4	1	31	44	7					
IC2		1	22						
Ferroviji lokali							14 (*)	14 (*)	14 (*)

(*) Data not available when the contract was concluded.

- (67) Iddaħħlu diversi dispożizzjonijiet fil-kuntratt li jikkunsidraw id-dewmien fil-kunsinna tal-materjal ferrovjarju fil-qafas tal-kuntratt għall-perjodu 2000-2004.
- (68) L-Artikolu 7.1.2. jipprovd i-possibbiltà li l-ħlasijiet kuntrattwali jiġu aġġustati kull sena fuq il-bażi tal-kunsinna tal-materjal ferrovjarju l-ġdid. Dawn l-aġġustamenti m'għandhomx iwasslu sabiex DSB tirċievi kumpens akbar. Dan l-aġġustament ma jsirx meta t-tnaqqis ikun inqas minn DKK 8 miljun.

3.3.3. IT-TRASPORT URBAN

- (69) Kuntratt ieħor bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u DSB S-tog a/s jirrigwarda l-provvista ta' servizzi pubbliċi ta' trasport fuq in-netwerk ferrovjarju metropolitan li jaħdem bl-elettriku matul il-perjodu tal-1 ta' Jannar 2005 sal 31 ta' Diċembru 2014.
- (70) Dan il-kuntratt jibbaża fuq sistema ta' dispożizzjonijiet simili għall-kuntratt dwar is-servizzi pubbliċi ta' trasport tal-linji prinċipali u reġjonali. Huwa jiddefinixxi l-prestazzjonijiet li għandhom jiġu żgurati minn DSB S-tog a/s rigward il-linji rilevanti, is-servizzi ta' trasport, ir-reqwiżiti f'termini ta' kapaċità, regolarità, u affidabbiltà tas-servizz kif ukoll il-livell ta' sodisfazzjon tal-passiġġieri jew il-waqfien tas-servizz. Il-kuntratt jispeċifika wkoll il-kundizzjonijiet tal-iffissar tal-prezzijiet, tal-immodernizzar tal-istazzjonijiet u l-komunikazzjoni tal-informazzjoni. Huwa jipprovd i-s-sanzjonijiet f'każ ta' ksur tal-kuntratt.
- (71) Is-sistema ta' kumpens stabbilita f'dan il-kuntratt hija wkoll identika għal dik tal-kuntratt li jirrigwarda s-servizzi ta' trasport tal-linji prinċipali u reġjonali. Il-ħlasijiet kuntrattwali huma ddeterminati fuq l-istess bażi ta' kalkolu (qligħ fuq il-kapital ta' ekwità ta' 6 % wara t-taxxa).
- (72) Il-ħlasijiet kuntrattwali huma deskritti fit-tabella ta' hawn taħt:

Ħlasijiet kuntrattwali 2005-2014

Sena	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014
DKK (miljuni)	1 340	1 370	1 265	1 160	1 077	1 021	965	918	876	831

(73) Bħall-kuntratt li jirrigwarda s-servizzi pubbliċi ta' trasport tal-linji prinċipali u reġjonali, il-kuntratt jipprovdi l-kundizzjonijiet ta' reviżjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ukoll il-ħlasijiet kuntrattwali għall-amortizzament tal-materjal ferrovjarju.

4. RAĠUNIJET LI WASSLU GĦALL-ADOZZJONI TAD-DEĊIŻJONI TA' FTUĦ TAL-PROĊEDURA

(74) Fid-Deċiżjoni ta' ftuħ ta' proċedura tagħha, il-Kummissjoni esprimiet dubji rigward il-kompatibbiltà tal-kumpens għall-ġhoti tas-servizz pubbliku mħallas lil DSB mas-sug intern. Il-Kummissjoni semmiet li l-għan tal-proċedura kien li tiddetermina jekk dawn il-kuntratti ta' servizz pubbliku jimplikawx l-ġhoti ta' għajnuniet mill-Istat lil DSB u jekk il-ħlasijiet kuntrattwali mħallsa wasslux għal kumpens żejjed għall-ispejjeż imġarrba minn DSB biex taqdi l-missjoni ta' servizz pubbliku definita fil-kuntratti.

(75) L-ewwel nett, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku favur DSB. Għal dan hija applikat il-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza *Altmark* ⁽¹⁵⁾.

(76) Għalkemm il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kumpanija benefiċjarja kienet effettivament responsabbli għall-implimentazzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku ta' trasport definiti b'mod ċar (premessi 69 sa 76 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ), madankollu hija esprimiet id-dubji tagħha dwar l-eżistenza ta' parametri stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti li fuq il-bażi tagħhom kien għe kkalkulat il-kumpens għall-perjodu 2009-2014 (premessi 77 sa 80 tad-Deċiżjoni msemmija).

(77) Il-Kummissjoni esprimiet dubji wkoll dwar il-fatt li l-kumpens ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-ispejjeż kollha jew parti mill-ispejjeż imġarrba mill-implimentazzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku, waqt li jitqies id-dħul rilevanti kif ukoll profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn il-missjonijiet. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni xtaqet speċifikament tirrevedi l-qliegħ mid-dħul ta' DSB (premessi 83 sa 90 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ), id-dewmien fil-kunsinna tal-materjal ferrovjarju (premessi 91 sa 100 tad-Deċiżjoni msemmija) u l-każ speċifiku tar-rotta Kopenhagen – Ystad (premessi 101 sa 103 tad-Deċiżjoni msemmija).

(78) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnutat li l-kuntratti ta' servizz pubbliku ma ngħatawx wara proċedura ta' sejħa għall-offerti. Għaldaqstant hija esprimiet id-dubji tagħha dwar il-fatt li l-livell ta' kumpens meħtieġ għe ddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż li kumpanija medja, ġestita tajjeb u mġammra b'mezzi ta' trasport adegwati sabiex tissodisfa r-rekwiżiti ta' servizz pubbliku, kien ikollha ssostni sabiex twettaq dawn l-obbligi, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti kif ukoll profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi (premessi 104 sa 107 tad-Deċiżjoni msemmija).

(79) Minħabba li l-kumpens għas-servizz pubbliku huwa riżors tal-Istat u aktarx joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni għalhekk esprimiet dubji li l-kuntratti ta' servizz pubbliku ta' trasport jimplikaw għajnuniet mill-Istat favur DSB.

(80) Wara dan, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà ta' dawn il-kuntratti ta' servizz pubbliku mas-sug intern fuq il-bażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 ⁽¹⁶⁾.

(81) Il-Kummissjoni esprimiet dubji wkoll dwar jekk l-ammont tal-kumpens, jiġifieri l-prezz imħallas mill-gvern Daniż, kien limitat għal dak li kien meħtieġ sabiex ikopri l-ispejjeż iġġenerati mit-twettiq ta' missjoni ta' servizz pubbliku, għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq fl-evalwazzjoni tas-sodisfar tat-tielet kriterju stabbilit mis-sentenza *Altmark*. B'mod partikolari, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk il-ġbid ta' dividendi mill-Istat Daniż fuq id-dħul ta' DSB kif ukoll it-tnaqqis ta' ħlasijiet kuntrattwali annwali evitawx kull riskju ta' kumpens żejjed (premessi 129 u 131 tad-Deċiżjoni msemmija).

5. ARGUMENTI TAL-AWTORITAJIET DANIŻI WARA L-FTUĦ TA' PROĊEDURA

Rimarki preliminari

(82) Fl-ittra tagħhom tat-12 ta' Diċembru 2008, l-awtoritajiet Daniżi kkunsidraw li huma kienu diġà pprovdew bħala parti mill-inkjesta preċedenti tal-Kummissjoni, l-elementi fattwali u legali li kienet teħtieġ il-Kummissjoni sabiex

⁽¹⁵⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, Kawża C-280/00, *Altmark Trans GmbH u Regierungspräsidium Magdeburg vs Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH* ("Altmark"), Għabra 2003, p. I-7747.

⁽¹⁶⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 tas-26 ta' Ġunju 1969 dwar azzjoni mill-Istati Membri dwar l-obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 156, 28.6.1969, p. 1). Rettifika ĠU L 169, 29.6.1991, p. 1.

tistabbilixxi li l-ħlasijiet kuntrattwali mhumiex għajnuna mill-Istat jew, għall-inqas, li kwalunkwe għajnuna mill-Istat hija kompatibbli mat-Trattat. L-awtoritajiet Daniżi għalhekk fakkru l-elementi fattwali u legali ppreżentati lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, huma żviluppaw argumenti dwar l-elementi fattwali u legali li għandhom jiġu koperti fid-dettall minħabba avvenimenti li sehew sadanittant jew fid-dawl tal-kummenti magħmula mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura ta' eżami formali.

- (83) Fil-prinċipju, l-awtoritajiet Daniżi jindikaw ukoll li jappoġġaw ir-raġunament tal-Kummissjoni dwar minn naħa l-verifika tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat bl-applikazzjoni tal-kriterji tas-sentenza Altmark, u min-naħa l-oħra l-bażi legali biex tistabbilixxi l-kompatibbiltà mat-Trattat.
- (84) Madankollu, l-awtoritajiet Daniżi jesprimu n-nuqqas ta' qbil tagħhom dwar l-interpretazzjoni magħmula mill-Kummissjoni tas-sentenza *Danske Busvognmænd* (magħrufa wkoll bħala s-sentenza "Combus")⁽¹⁷⁾. Il-Kummissjoni fil-fatt iddikjarat li jekk il-kuntratt ta' servizz pubbliku jimplika għajnuna mill-Istat, din kien imissha għet notifikata. Għall-kuntrarju, l-awtoritajiet Daniżi jqisu li jekk ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 huwa applikabbli u l-kumpens previst taħt il-kuntratt ta' servizz pubbliku huwa konformi mar-Regolament, allura dan il-kumpens huwa eżentat mill-obbligu tan-notifika skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.
- (85) Fl-aħħar nett, id-Danimarka tenfasizza li, fil-ġurisprudenza reċenti, u b'mod partikolari fil-kawża T-289/03 BUPA e. a./Kummissjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, huwa speċifikat li l-kriterji stabbiliti fis-sentenza Altmark għandhom jiġu applikati b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni fis-settur ikkonċernat u li l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni wiesgħa.

Dwar it-tieni kriterju tas-sentenza Altmark

- (86) L-awtoritajiet Daniżi jinnutaw li l-Kummissjoni rrikonoxxiet li t-tieni kriterju tas-sentenza Altmark kien issodisfat f'dak li jirrigwarda l-kumpens imħallas għall-perjodu 1998-2008 iżda li hija għandha dubji dwar il-perjodu 2009-2014.
- (87) L-awtoritajiet Daniżi jemmnu li dawn id-dubji huma bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata, minħabba li l-kumpens, bħal fil-każ tal-perjodu preċedenti, ġie kkal-kulat fuq il-bażi ta' baġit ta' għaxar snin għall-perjodu 2005-2014.

- (88) Huma baġtu dan il-baġit lill-Kummissjoni u ppreżentaw it-tbassir u s-suppożizzjonijiet użati sabiex jibbażaw dan il-baġit, jiġifieri:

- inflazzjoni annwali ġenerali ta' 2,5 %,
- żieda fil-prezz tal-biljetti ta' 2,5 % li tikkorrispondi għall-inflazzjoni,
- żieda medja fil-produttività ta' 2,5 % fis-sena,
- rata ta' imgħax annwali ta' 5,15 %,
- qligħ fuq id-dħul wara t-taxxa ta' 6 %,
- investimenti fil-materjal ferrovjarju ta' madwar 10 biljun DKK,
- żieda ta' madwar 20 % fl-għadd ta' kilometri vjaġġati,
- żieda ta' madwar 20 % fl-għadd ta' vjaġġaturi,
- l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-pagi tal-persunal ta' DSB.

- (89) Barra minn hekk, id-Danimarka tgħid li dan il-baġit tfassal inizjalment fuq il-bażi tal-obbligi li jirrigwardaw l-ispejjeż marbuta mal-infrastruttura fl-2003. Il-bidliet li saru f'dawn l-obbligi u t-tnaqqis sussegwenti tal-kumpens mogħti lil DSB sadanittant, ġew inklużi fil-kuntratt qabel ma dan ġie ffirmat. Il-Ministeru tat-Trasport spjega l-kontenut tal-kuntratt u l-baġit fl-Att Nru 112 tal-2004 u din id-dejta għet inkluzja fl-Att tal-Finanzi.

Dwar it-tielet kriterju tas-sentenza Altmark

- (90) L-awtoritajiet Daniżi ressqu xi argumenti u elementi ta' informazzjoni dwar it-tliet aspetti li fuqhom il-Kummissjoni esprimiet dubji rigward riskju ta' kumpens żejjed.

⁽¹⁷⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Marzu 2004 fil-kawża T-157/01 *Danske Busvognmænd*, punti 77 sa 79.

i. Titjib fir-riżultati ta' DSB

- (91) L-ewwel nett, l-awtoritajiet Daniżi jemmnu li t-titjib fid-dħul ta' DSB mhuwiex dovut għal xi kumpens żejjed. Skont id-Danimarka, il-bażi ta' kalkolu tal-kumpens kienet tajba u għalhekk it-titjib fir-riżultati miksuba mhumiex attribwibbli għal xi kumpens żejjed iżda huwa dovut għal ċirkostanzi oħrajn.

Kapital ta' ekwità

- (92) Id-Danimarka pprovdiet analiżi dettaljata tal-bidliet fil-kapital ta' ekwità ta' DSB li żdiedu matul il-perjodu 1999-2004 minn 4,797 biljun DKK għal 7,701 biljun DKK (jiġifieri żieda ta' 2,852 biljun DKK). Iż-żieda fl-ekwità hija dovuta għal ċerti ċirkostanzi li ma kinux ġew ikkunsidrati waqt it-tfassil tal-baġit, fosthom titjib qawwi mhux mistenni fl-effiċjenza ta' DSB u dħul ogħla min-normal minn pereżempju l-bejgħ ta' proprjetà immobbli. Dawn mhumiex ċirkostanzi li l-gvern Daniż seta' raġonevolment jikkunsidra biex jistabbilixxi l-baġit u b'hekk jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens.
- (93) L-awtoritajiet Daniżi jispjegaw li ż-żieda fil-kapital ta' ekwità mhijiex madankollu dovuta għal xi sussidji operattivi mħallsa mill-Istat iżda għal ħames fatturi oħra li wħud minnhom ma kinux mistennija:

— fuq naħa waħda, parti kbira taż-żieda tal-kapital ta' ekwità ta' DSB kienet prevista fil-baġit ta' kostituzzjoni (1,709 biljun DKK). L-Att 249/1999 juri li fil-bidu kien hemm kundizzjoni politika u ekonomika evidenti li tirregola t-trasformazzjoni ta' DSB f'kumpanija pubblika indipendenti sostenibbli, li DSB kellha tasal fi ftit snin għal relazzjoni tas-solvenza ta' mill-inqas 30 %. Din il-kundizzjoni minn qabel kienet ibbażata fuq apprezzament ekonomiku tal-proporzjoni ta' solvenza meħtieġa għall-impriżi tad-daqs ta' DSB;

— l-Istat tħallas xi dividendi fi tmiem dan il-perjodu fl-2005 (736 miljun DKK), li jfisser li DSB ma setgħetx attwalment ikollha dan il-kapital ta' ekwità fl-aħħar tal-2004;

— parti miż-żieda fil-kapital ta' ekwità hija dovuta għal modifiki fil-prattiki tal-kontabilità fl-1999 u fl-2001 f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet minn qabel imposti fuq il-baġit inizjali fl-1999 (evalwazzjoni tal-kapital ta' ekwità ta' total ta' 594 miljun DKK). Din il-bidla fil-prattiki tal-kontabilità ma kellha l-

ebda sinifikat ekonomiku reali għall-kumpanija u għalhekk għandha ssir korrezzjoni. L-awtoritajiet Daniżi jenfasizzaw għalhekk li bid-dejta korretta ta' dawn il-bidliet fil-kontabilità, wieħed jista' jinnota li l-bidla fil-kapital ta' ekwità kienet fil-fatt waħda negattiva, bi tnaqqis ta' 135 miljun DKK

— ir-rata tat-taxxa fuq il-kumpaniji li, fi żmien il-baġit ta' kostituzzjoni fl-1999, kienet ta' 32 % wara (fis-snin 2002, 2003 u 2004) tniżżlet għal 30 %. Dan it-tnaqqis fir-rata ta' taxxa ġab dħul mhux mistenni ta' 43 miljun DKK fuq il-perjodu meqjus. Mingħajr dan l-effett, kien ikun osservat impatt negattiv fuq il-kapital ta' ekwità ta' 178 miljun DKK;

— ir-reviżjoni 'l isfel tal-kapital ta' ekwità fil-bilanċ ta' f'tuħ tal-1999 ta' 36 miljun DKK.

- (94) Skont id-Danimarka, dawn l-elementi juru li ż-żieda fil-kapital ta' ekwità ta' DSB mhijiex dovuta għal xi sussidji operattivi għolja mħallsa mill-Istat u għandha titqies skont l-aspetti finanzjarji, ta' kontabilità u tat-taxxa msemmija hawn fuq. DSB għalhekk ma użatx is-sussidji mogħtija mill-Istat sabiex iżżid il-kapital ta' ekwità tagħha fi proporzjonijiet ogħla mit-total previst fil-baġit ta' kostituzzjoni.

Riżultati operattivi

- (95) Fir-rigward tar-riżultati operattivi mniżżla fil-baġit qabel it-tqas tad-dividendi, l-awtoritajiet Daniżi jenfasizzaw li t-titjib fir-riżultati osservati mhuwiex indikazzjoni tal-fatt li DSB irċeviet xi kumpens żejjed. Dan it-titjib huwa pjuttost dovut għal diversi fatturi – li kellhom effetti pożittivi jew negattivi – li ma setgħux ikunu kkunsidrati meta ġie stabbilit il-livell ta' kumpens.

- (96) Id-Danimarka tqis li varjazzjonijiet bħal dawn mill-baġit inizjali huma inevitabbli fil-każ ta' kuntratti multiannwali li jirrigwardaw it-tweġġ ta' missjoni ta' servizz pubbliku. F'dan il-każ, mhuwiex possibbli li wieħed jistabbilixxi l-ammont tal-kumpens b'mod li wieħed ikun jista' jgħid, wara reviżjoni ex post, li jirrifletti preċiżament l-ispejjeż reali, wara tnaqqis tad-dħul u profitt raġonevoli.

- (97) Skont l-awtoritajiet Daniżi, anki fil-każ li obbligu ta' servizz pubbliku jirriżulta minn għoti ta' seġha għall-offerti, jistgħu jseħħu bidliet fis-suq u fis-sitwazzjoni tal-kumpanija kkonċernata, bħal meta riżultat effettivament miksub ma jkunx jaqbel ma' dak li l-kumpanija allokata tkun bassret fil-konklużjoni tal-kuntratt.

- (98) Id-Danimarka temmen għalhekk li ma jistax jintuża l-argument tat-titjib jew tat-tnaqqis tar-riżultati mhux mistennija attribwibbli għal dan it-tip ta' fatturi imprevisi biex wieħed isostni li l-kumpens ġie ffixat b'mod li jimplika l-għoti ta' kumpens żejjed jew ta' kumpens nieqes.
- (99) F'dan il-każ, it-titjib irrappurtat tar-riżultati huwa dovut għall-azzjoni simultanja ta' diversi fatturi bħall-bidla ġenerali taċ-ċirkostanzi, l-iżviluppi fis-suq ikkonċernat, il-produttività (pereżempju permezz ta' tnaqqis tal-ispiża tax-xogħol jew ta' aċċess għall-infrastruttura wara l-bejgħ tal-fergħa tal-merkanzija, tnaqqis tal-amortizzament jew titjib fil-ġestjoni finanzjarja).
- (100) Id-Danimarka żżid li l-kuntratti konklużi ma' DSB huma kkaratterizzati mill-fatt li l-imsieħba kuntrattwali qablu dwar ħlas fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet normali f'ekonomija tas-suq, bil-livell ta' ħlas jiġi ddeterminat b'mod li jkopri l-ispejjeż ta' DSB, b'kunsiderazzjoni tad-dħul mistenni u ta' profitt raġonevoli. Il-fatt li DSB finalment kisbet riżultati aħjar minn dawk previsti mill-baġit, ma jfissirx li l-ammont ta' kumpens stabbilit fil-kuntratti kien għoli wisq.

Tnaqqis tal-kumpens u tqassim tad-dividendi

- (101) L-awtoritajiet Daniżi josservaw li anki jekk, fl-opinjoni tagħhom, ma kienx hemm kumpens żejjed, ir-riskju ta' kumpens żejjed huwa xorta waħda eliminat mill-politika tal-gvern Daniż dwar id-dividendi deskritta fl-Att tal-Finanzi Nru 249/1999 u mit-tnaqqis sussegwenti tal-kumpens fil-ftehim li sar ma' DSB.
- (102) Fil-fatt, id-Danimarka tikkunsidra li hija żgura, permezz tal-politika tagħha dwar id-dividendi, li DSB ma żżidx il-kapital ta' ekwità tagħha aktar mil-livell previst u b'hekk, mhux aktar mil-livell meħtieġ. Għalkemm ma ġiet stabbilita l-ebda regola legali vinkolanti, din il-politika tad-dividendi tipprova tirrikonċilja żewġ aspetti:
- il-kunsiderazzjonijiet normali f'ekonomija tas-suq li jiddeterminaw dak li huwa ekonomikament ġustifikabbli minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija;
 - il-kunsiderazzjonijiet soċjo-ekonomiċi jew marbuta mal-kompetizzjoni, minħabba d-daqs tal-kapital ta' ekwità u tas-sussidji operattivi ta' DSB.
- (103) L-awtoritajiet Daniżi jiddikjaraw li l-ħlasijiet ta' dividendi lill-Istat għandhom jintużaw bħala mezz ta' korrezzjoni tad-daqs tal-kapital ta' ekwità ta' DSB fis-snin ta' wara l-kostituzzjoni u bħala mezz kif jitranġa l-ammont żejjed

operattiv jekk wara jirriżulta li DSB tkun kisbet fil-fatt riżultati ogħla minn dawk mistennija. Dan il-prinċipju jirriżulta mill-Att tal-Finanzi Nru 249/1999. Il-ħlas tad-dividendi għandu jintuża sabiex jirregola kontinwament l-istruttura tal-kapital ta' DSB u, b'hekk, is-sussidju operattiv nett reali. Il-politika dwar id-dividendi tippovdi wkoll li DSB tkun iċċentivata sabiex ittejjeb l-effiċjenza tagħha minħabba li l-punt ta' tluq kien li d-dividendi kellhom jikkorrispondu għal nofs il-bilanċ wara t-taxxa ta' DSB. Għaldaqstant dan it-titjib fl-effiċjenza huwa, sa ċertu punt, ta' benefiċċju għal DSB u ma jirriżultax biss f'ritorn sussegwenti tas-sussidju operattiv.

- (104) L-awtoritajiet Daniżi jqisu li dan huwa konformi mal-kunsiderazzjonijiet ġenerali ta' ekonomija tas-suq li skontrahom huwa possibbli li jintużaw iċċentivi li jiddeterminaw dak li huwa msejjaħ profitt raġonevoli, kif irrakkomandat mill-Kummissjoni⁽¹⁸⁾.
- (105) Id-Danimarka tinnotta li l-applikazzjoni ta' din il-politika dwar id-dividendi wasslet, għall-perjodu 1999-2006, b'konnessjoni mal-missjonijiet imwettqa skont il-kuntratti, sabiex l-Istat jitħallas madwar 3 biljun DKK addizzjonali meta mqabbla mal-figura prevista inizjalment.
- (106) Skont l-awtoritajiet Daniżi, il-politika dwar id-dividendi ħadmet, fil-fatt, bħala "skema ta' restituzzjoni", li tagħmel tajjeb għal kwalunkwe kumpens żejjed. Huma jenfasizzaw li l-parti tal-kumpens ta' DSB li nġhatat lura lill-Istat taħt forma ta' dividendi hija, barra minn hekk, sostanzjalment ogħla mid-differenza bejn l-ammont li kien previst mill-baġit ta' DSB u dak li fil-fatt inkiseb. Il-politika tad-dividendi għaldaqstant ikkontribwiet, b'dan il-mod, sabiex tigarantixxi li DSB ma tkunx tista' tapprofitta mis-sussidju operattiv tal-Istat sabiex tikseb vantaġġ kompetittiv – pereżempju billi tiżviluppa l-kapital ta' ekwità tagħha lil hinn mil-livell previst billi tuża l-bilanċ annwali.
- (107) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi jemmnu li huwa diffiċli ħafna li jiġu stabbiliti regoli kuntrattwali li jirrigwardaw korrezzjoni sussegwenti għas-sussidju operattiv. B'kuntrast, l-Istat jista' – permezz tal-politika tad-dividendi, skont il-liġi Daniża dwar il-kumpaniji – jkun żgurat li s-sussidju operattiv nett jiġi effettivament korrett, jekk ir-riżultat tas-sena jkun akbar minn dak li kien mistenni jew previst meta ġie konkluż il-kuntratt. Fil-fehma tiegħu, it-tqassim tad-dividendi huwa għalhekk, fil-prattika, mezz ferm effettiv ta' protezzjoni kontra l-kumpens żejjed.

⁽¹⁸⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/842/KE tat-28 ta' Novembru 2005 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 86(2) tat-Trattat KE għall-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku mogħtija lil ċerti kumpaniji inkarigati mill-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 67); ara b'mod partikolari l-Artikolu 5(4).

(108) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi jsemmu li l-Qorti tal-Prim'Istanza stabbiliet ukoll li l-Istati Membri għandu jkollhom marġini wiesgħa ta' diskrezzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-kumpens meta din tiddependi fuq evalwazzjoni ta' fatti ekonomiċi kumplessi⁽¹⁹⁾. Huma jfakkru wkoll li, fil-liġi Komunitarja, ma jeżisti l-ebda obbligu li jipprovdju li reviżjoni 'l isfel tas-sussidju operattiv nett għandha dejjem issir b'ċertu mod, pereżempju billi jiġu applikati regoli kuntrattwali jew b'mod ekwivalenti. L-importanti huwa, skont il-kriterji tas-sentenza Altmark, li l-Istat jiżgura verament li ma jkun hemm l-ebda kumpens żejjed. Madankollu, huma l-Istati Membri li jiddeċiedu b'liema mod jipproċedu fil-prattika.

ii. Dewmien fil-kunsinna tal-materjal ferrovjarju

(109) Skont l-awtoritajiet Daniżi, id-dewmien fil-kunsinna tal-ferroviji IC4 u IC2 ma wassalx għal vantaġġ ekonomiku għal DSB.

(110) Huma jikkonfermaw li l-kunsinna tal-ferroviji l-ġodda IC4 u IC2, ordnati qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' trasport għall-2005-2014 u li kellhom ikunu kkonsenjati mill-2003, kienet soġġetta għal dewmien attribwibbli lill-manifattur (AnsaldoBreda). L-awtoritajiet Daniżi jindikaw li kieku l-kunsinna saret skont l-iskeda, DSB kien ikollha ssostni l-ispejjeż għall-amortizzament tal-ferroviji u għall-imgħax, u li kienu koperti mill-ħlasijiet kuntrattwali.

kuntratt ta' trasport 2005-2014

(111) Peress li DSB ma ħallsitx dawn l-ispejjeż, il-ħlasijiet kuntrattwali ġew imnaqqs skont il-kuntratt ta' trasport għall-2005-2014. L-ammont eżatt tal-ispejjeż evitati huwa kkalkulat fuq il-bażi tas-self kuntrattat realment minn DSB u fuq perjodu ta' amortizzament ta' 20 sena, skont il-prattiċi tal-kontabilità ta' DSB (jiġifieri 4 miljuni DKK iffrankati għal dewmien ta' sena fuq il-ferrovija IC4 u 2.7 miljuni DKK iffrankati għal dewmien ta' sena fuq il-ferrovija IC2).

(112) Għalhekk, il-ħlasijiet lil DSB tnaqqsu skont il-kuntratt b'645 miljun DKK (252 miljun DKK fl-2005 u 393 miljun DKK fl-2006).

(113) Minħabba dawn l-elementi, id-Danimarka tqis li wieħed ma jstax jikkunsidra li d-dewmien fil-kunsinna tal-ferroviji IC4 u IC2 wassal, f'dak li jirrigwarda l-kuntratt ta' trasport 2005-2014, għal kumpens żejjed għal DSB.

kuntratti addizzjonali

(114) Biex ikollha materjal modern biżżejjed, DSB ilha tuża materjal mikri sa mill-2001 – kuntratti addizzjonali – li kellhom ikunu estiżi wara l-2006 minħabba dewmien konsiderevoli mill-fornitur tagħha, AnsaldoBreda (estensjoni sa 4 snin oħra).

(115) L-awtoritajiet Daniżi jiddikjaraw minn naħa li l-ħlas kuntrattwali mogħti lil DSB skont il-kuntratt innegożjat ma kienx ikopri l-ispejjeż marbuta mal-ikkummissjonar tal-ferroviji (amortizzament u interessi) fil-każ li dawn il-ferroviji ma jiġux ikkummissjonati u li l-kuntratt innegożjat ma kien jipprovdji l-ebda obbligu għal DSB li tikkummissjoni tagħmir ta' sostituzzjoni fuq il-linji msemmija qabel.

(116) Għalhekk, skont l-awtoritajiet Daniżi, il-kuntratti addizzjonali jimponu lil DSB obbligi ta' servizz pubbliku addizzjonali (kummissjonar tat-tagħmir ta' sostituzzjoni modern fuq ċerti linji) filwaqt li jagħtuha kumpens għall-ispejjeż tal-kiri.

kuntratt ta' trasport 2000-2004

(117) L-awtoritajiet Daniżi jikkunsidraw li l-impatt ekonomiku pożittiv nett dovut għad-dewmien huwa attribwibbli għall-fatt li l-kuntratt inizjali ta' 5 snin, bħall-kuntratt addizzjonali għall-2001-2004, ma kienx jipprovdji dispożizzjonijiet dwar it-tnaqqis tal-kumpens f'każ ta' dewmien fil-kunsinna tal-ferroviji IC4. Għall-kuntrarju, il-kuntratt ta' trasport 2005-2014 fis-seħħ fih kif xieraq dispożizzjonijiet relatati mat-tnaqqis tal-kumpens f'każ ta' dewmien.

(118) Huma jistmaw dan l-impatt pożittiv nett matul il-perjodu 2001-2004 għal 104 miljun DKK minħabba d-dewmien fil-kunsinna tal-ferroviji. Madankollu, dan l-impatt dirett ma jkoprix il-konsegwenzi ekonomiċi reali tad-dewmien għal DSB li ma setgħetx tuża l-ferroviji ġodda (manutenzjoni tal-ferroviji l-antiki, dannu f'termini ta' immaġini, dħul mitluf).

(119) Barra minn hekk, id-Danimarka tiddikjara li l-kumpens li rċeviet DSB mingħand AnsaldoBreda huwa biss kumpens provviżorju għat-telf ekonomiku minħabba d-dewmien fil-kunsinna tal-ferroviji. Mal-kunsinna, jiġi ddeterminat l-ammont definittiv tad-dannu ta' DSB u l-ammont totali tal-kumpens ta' AnsaldoBreda jkun jista' jiġi stabbilit.

⁽¹⁹⁾ Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Frar 2008, *BUPA vs Il-Kummissjoni*, T-289/03, Ġabra 2008, punt 214.

(120) L-awtoritajiet Daniżi jikkunsidraw għalhekk li dan il-kumpens ser jikkorrispondi eżattament għat-telf ekonomiku ta' DSB u għaldaqstant ser ikun newtrali għall-kontabilità ta' DSB. Għall-istess raġuni, l-impatt nett tal-kumpens ta' AnsaldoBreda mhuwiex kumpens żejjed għal DSB. Id-dewmien fil-kunsinna tal-ferroviji ma tax u mhuwiex ser jagħti fil-futur vantaġġ ekonomiku lil DSB.

(121) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Daniżi jfakkru li fi kwalunkwe każ, il-politika tad-dividendi tal-gvern Daniż tiżgura li kull impatt pożittiv eventwali tal-kumpens li ħadet DSB ser ikun eliminat mal-ħlasijiet tad-dividendi.

iii. Il-każ speċifiku tar-rotta Kopenhagen – Ystad

Kumpens għal servizz pubbliku

(122) L-awtoritajiet Daniżi jiddikjaraw li huwa biss l-operat tal-linja inkwistjoni minn DSB fil-perjodu 2005-2014 li ta lok għal kumpens.

(123) Fil-fatt, għandhom jiġu distinti tliet perjodi għall-operat ta' din il-linja:

— sal-2002, il-linja kienet operata bħala "attività ta' trafiku ħieles" jiġifieri f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni sħiħa, mingħajr għoti ta' kumpens jew obbligu impost mill-Istat. DSB kellha għalhekk iżżomm kontijiet separati għal din il-linja li kellha toħloq qligħ fuq perjodu globali, meta wieħed jikkunsidra biss id-dħul ta' din il-linja;

— fl-2002, DSB iddeċidiet li tiegħaf topera l-linja bħala "traffiku ħieles" u ġie konkluż kuntratt innoċenzat bejn il-Ministeru tat-Trasport u DSB għall-operat tal-linja bħala trasport pubbliku mill-2002 sal-31 ta' Diċembru 2004 inkluż. Għall-kuntrarju, il-kuntratt ma kienx jipprovdi li ħlaq separat jew addizzjonali jingħata lil DSB għat-twettiq tal-missjoni ta' servizz pubbliku;

— fil-konklużjoni tal-kuntratt ta' trasport għall-perjodu 2005-2014, sar possibbli li l-kumpens mogħti lil DSB japplika wkoll għal-linja Kopenhagen-Ystad.

(124) Id-Danimarka tispeċifika għalhekk li ma tħallset l-ebda riżorsa pubblika għall-operat tal-linja qabel l-2005.

(125) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi jfakkru li din il-linja kienet tagħmel telf meta kienet operata bħala trafiku ħieles u li ma jistax ikun argumentat li porzjon żgħir tad-dħul attwali jista' jkun dovut għall-konsegwenzi indiretti tal-bidu tal-operat tal-linja Kopenhagen-Ystad minn DSB biex jingħad li DSB irċeviet kumpens żejjed. Fi kwalunkwe każ, DSB naturalment kienet tkun intitolata

għal profitt raġonevoli fil-forma ta' profitt fuq il-kapital investit. Huma jqisu li dan mhuwiex biżżejjed biex jingħad li d-dħul attwali wassal għal kumpens żejjed għal DSB, jekk wieħed jikkunsidra l-kisba ta' profitt raġonevoli.

Qsim bil-vapur

(126) F'dak li jirrigwarda l-kwistjoni tal-ispejjeż imħallsa minn DSB għall-bejgħ tal-biljetti li jinkludu l-qsim bil-vapur bejn Ystad u Rønne, port tal-wasla fuq il-gżira ta' Bornholm, l-awtoritajiet Daniżi bagħtu t-tariffi użati minn Bornholmstrafikken, kumpanija li topera l-vapur. Skont l-awtoritajiet Daniżi, minn dan jirriżulta li ma ġewx applikati rati differenti f'dak li jirrigwarda DSB u Gråhundbus.

(127) Huma taw ukoll elementi ta' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' operat tal-konnessjoni bil-vapur mill-kumpanija Bornholmstrafikken A/S. Abbażi ta' kuntratt konkluż mal-gvern wara sejħa għall-offerti:

— il-kuntratt bejn il-gvern u Bornholmstrafikken jistipula obbligu ġenerali li Bornholmstrafikken għandha tqabbal il-ħinijiet tal-wasla u tat-tluq tagħha ma' dawk tal-operaturi tal-karozzi tal-linja jew tal-ferroviji li jgħaqqdu lil Kopenhagen u Ystad;

— fih ukoll klawsoli li jobbligaw lil Bornholmstrafikken sabiex tiżviluppa kooperazzjoni f'dak li jirrigwarda l-biljetti mal-operaturi tal-karozzi tal-linja jew tal-ferroviji li, tul il-kuntratt, jipprovdu s-servizz fuq ir-rotta Kopenhagen-Ystad bil-ferrovija jew bil-karozza tal-linja, b'mod li l-vjaġġaturi jistgħu jixtru biljett ikkombinat għall-vapur u l-karozza tal-linja/ferrovija filwaqt li jgawdu minn skont;

— it-tariffi massimi li Bornholmstrafikken għandha d-dritt li titlob huma stabbiliti mill-kuntratt;

— ma fih l-ebda dispożizzjoni oħra rigward ħtieġa ta' tariffa jew l-implimentazzjoni ta' tnaqqis, u l-gvern m'għandu l-ebda raġuni li jistabbilixxi rekwiżiti ġodda aktar tard f'dan ir-rigward.

(128) Skont l-awtoritajiet Daniżi, minn dan jirriżulta li l-gvern m'għandux il-possibbiltà li jinfluwenza l-operat ta' Bornholmstrafikken għajr li jagħmel mod li Bornholmstrafikken tirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt. Bornholmstrafikken tuża – u dejjem użat matul il-perjodu kollu inkwistjoni sa mis-sena 2000 – l-istess prezzijiet f'dak li jirrigwarda DSB u Gråhundbus, rispettivament, u għaldaqstant DSB ma bbenefikatx minn vantaġġ.

- (129) L-awtoritajiet Daniżi jinfurmaw madankollu li l-uniku prezz li huwa applikabbli biss għal DSB huwa l-prezz speċjali għal DSB Orange bil-qsim tal-Grand Belt. Dan huwa l-prezz li jirrigwarda tip ta' biljett DSB speċjali ħafna, li jista' jintuża biss mill-klijenti li jixtru biljett DSB Orange meta jitolqu minn Jutland għal Bornholm. Skont l-awtoritajiet Daniżi, Bornholmstrafikken tagħti skont fuq dan it-tip partikolari ta' biljett minħabba li tixtieq tattira aktar klijenti minn Jutland lejn Bornholm. Dan l-iskont speċjali mhuwiex impost mill-kuntratt bejn l-Istat Daniż u l-operatur tal-vapur. Hija riżultat tax-xewqa kummerċjali li tiġi żviluppata klijentela fil-Jutland u b'hekk tiżviluppa l-klijentela kollha.
- (130) F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Daniżi jikkunsidraw li din hija miżura kummerċjali ġenerali li toħloq skontijiet bl-għan li tiżdied il-klijentela. Huma jispeċifikaw li Gråhundbus topera l-linja Kopenhagen-Ystad, u, b'hekk, ma taqamx il-Grand Belt. Għalhekk, fil-fehma tagħhom huwa ovvjw li t-tnaqqis li jikkorrispondi għal din ir-rotta ma jidherx fil-prezzijiet mitluba minn Gråhundbus.
- (131) L-awtoritajiet Daniżi jispeċifikaw ukoll li din l-offerta kienet tirrigwarda biss madwar [...] (*) passiġġier matul il-perjodu 2003-2008. Ibbażata fuq inizjattiva tal-operaturi, din l-offerta setgħet infetħet għal kumpaniji tal-karozzi tal-linja li xtaqu joffru l-istess servizz. Huma jindikaw ukoll li din l-offerta kummerċjali ma baqgħetx disponibbli mill-2009.
- (132) Għaldaqstant, id-Danimarka tqis li DSB ma ħaditx vantaġġ marbut mal-operat tal-linja Kopenhagen-Ystad, kemm fil-forma ta' kumpens żejjed kif ukoll fil-forma ta' prezz partikolarment baxx għall-qsim bil-vapur bejn Rønne u Ystad.
- (135) Fil-kuntest tal-kostituzzjoni ta' DSB, l-awtoritajiet Daniżi stabbilixxew baġit fuq għaxar snin, ibbażat fuq diversi kundizzjonijiet inizjali, fosthom titjib tal-produttività, u li fuqu ġie stabbilit is-sussidju operattiv ta' DSB għall-perjodu 1999-2004.
- (136) Dan il-baġit, li ddaħħal fil-Liġi Nru 249 tal-11 ta' Ġunju 1999, kien ibbażat fuq l-aspettativi ta' dħul fuq il-kapital ta' ekwità wara t-taxxa ta' 6 %, li l-awtoritajiet Daniżi kienu stmaw li huwa profitt raġonevoli.
- (137) Skont l-awtoritajiet Daniżi, is-sussidju operattiv kien għalhekk ir-riżultat ta' evalwazzjoni globali tal-ispejjeż, tad-dħul u ta' profitt raġonevoli, li saret fuq il-bażi tal-elementi li kienu disponibbli fl-1999 u skont il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq. L-istabbiliment tal-baġit fuq għaxar snin, kif ukoll il-kalkolu sussegwenti tal-ħlasijiet kuntrattwali mogħtija lil DSB, għaldaqstant saru skont ir-raba' kriterju tas-sentenza Altmark.
- (138) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi jfakkru l-liġi tal-Unjoni ⁽²¹⁾ u jenfasizzaw id-diffikultajiet, f'dan il-każ, li jsir paragun konkret ma' operatur ieħor.

Dwar il-kompatibbiltà

Dwar ir-raba' kriterju tas-sentenza Altmark

- (133) Dwar il-kwistjoni jekk il-kumpens kienx iddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż li jkollha ssostrni kumpanija medja ġestita sew, l-awtoritajiet Daniżi jikkunsidraw li, fil-qafas tal-kostituzzjoni ta' DSB bħala kumpanija indipendenti, saru l-analiżijiet kollha meħtieġa u fattibbli fil-prattika.
- (134) Huma josservaw ukoll li s-separazzjoni ta' DSB mill-Istat saret fuq il-bażi tar-rapport Bernstein, li kien fih analiżi dettaljata tal-possibbiltajiet li tiżdied l-effiċjenza ta' DSB ⁽²⁰⁾, li wara ġew implimentati fi pjan ta' ristrutturazzjoni ta' skala akbar fl-1996. Dawn il-miżuri effettivament saħħew l-effiċjenza kummerċjali ta' DSB u li żiedu l-produttività tagħha bi 32 %.
- (139) Anki jekk il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li nġhatat għajna mill-Istat lil DSB, l-awtoritajiet Daniżi huma tal-fehma li dan il-kumpens huwa xorta waħda kompatibbli mas-suq intern.
- (140) Mill-perspettiva tagħhom, bħala parti mill-konklużjoni tal-kuntratti nnegozjati, saru l-aktar analiżijiet u kalkoli preċiżi li setgħu jsiru fil-prattika biex jiżguraw kalkolu korrett tal-kumpens.
- (141) L-awtoritajiet Daniżi jaqblu mar-raġunament tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, li, fil-fatt, il-kumpens jista' jitqies kompatibbli mas-suq intern sakemm it-tielet kriterju tas-sentenza Altmark ikun issodisfat.
- (142) Kif indikat hawn fuq, l-awtoritajiet Daniżi jemmnu li dak kollu li seta' raġonevolment ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat li DSB ma tirċievi l-ebda kumpens żejjed sar u li – mill-inqas – jeħtieġ li jkun konkluż li l-ħlas kuntrattwali li rċeviet DSB taħt il-kuntratti nnegozjati huwa għajna kompatibbli mas-suq intern.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali

⁽²⁰⁾ Ir-rapport Bernstein sar fl-1993 wara valutazzjoni mitluba mill-Ministeru Daniż tat-Trasport.

⁽²¹⁾ B'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Frar 2008, *BUPA vs Il-Kummissjoni*, T-289/03, Ġabra 2008, u tat-22 ta' Ottubru 2008 — *TV 2/Danmark vs Il-Kummissjoni* TV2, kawżi magħquda T-309/04, T-317/04, T-329/04 u T-336/04, mhux ippubblikati.

- (143) Għall-kuntrarju, kif indikat qabel, l-awtoritajiet Daniżi ma jaqblux mar-raġunament tal-Kummissjoni dwar id-distinzjoni bejn kuntratti u missjonijiet ta' servizz pubbliku u l-legalità tal-ghajjnuna. Huma jqsu f'dan il-każ li jekk DSB irċeviet ghajjnuna mill-Istat, din l-ghajjnuna ma kellhiex tkun notifikata. Jekk il-Kummissjoni ssostni r-raġunament tagħha, dan ikun ifisser differenza fundamentali u mhux ġustifikata skont jekk Stat Membru li jimponi lil kumpanija li hija proprjetà tiegħu 100 % l-obbligu li twettaq missjonijiet ta' trasport jinkludix l-ambitu, il-kwalità u l-prezz tas-servizzi f'kuntratt jew le.
- (144) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-awtoritajiet Daniżi jemmnu li m'hemm l-ebda raġuni li jitolbu restituzzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat li tista' tiġi kkunsidrata bħala mhux kompatibbli mas-suq intern.

Dwar it-taxxa fuq il-pagi

- (145) L-awtoritajiet Daniżi josservaw li, fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar it-tbassir tat-tneħħija tat-taxxa fuq il-pagi, il-Kummissjoni ma eżaminatx il-kwistjoni ta' din it-taxxa f'din il-proċedura.
- (146) Għall-għanijiet prattiċi kollha, l-awtoritajiet Daniżi ddikjaraw li l-bidliet fit-taxxa fuq il-pagi ddaħħlu mil-Liġi Nru 526 tal-25 ta' Ġunju 2008 u li dawn daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009.

Dwar il-bażi legali għar-reviżjoni tal-kompatibbiltà

- (147) L-awtoritajiet Daniżi indikaw permezz ta' ittra tat-8 ta' Jannar 2010 li m'għandhomx kummenti partikolari dwar id-determinazzjoni mill-Kummissjoni tal-bażi legali applikabbli bejn ir-Regolamenti (KEE) Nru 1191/69 u (KE) Nru 1370/2007.

6. KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI WARA L-FTUĦ TAL-PROĊEDURA

- (148) Ġew sottomessi kummenti minn DSB, il-kumpanija benefiċjarja tal-miżuri inkwistjoni u minn DKT, it-tieni parti li ppreżentat l-ilment. Għandu jiġi nnutat li Gråhundbus, l-ewwel parti li ppreżentat ilment ma sottomettietx kummenti.

6.1. KUMMENTI SOTTOMESSI MINN DSB

- (149) Permezz ta' ittra datata t-30 ta' Diċembru 2008, DSB baġhtet il-kummenti tagħha dwar id-Deċiżjoni ta' bidu ta' proċedura tal-Kummissjoni.
- (150) DSB taqbel kompletament mal-kummenti tal-awtoritajiet Daniżi u teżamina biss jekk il-Kummissjoni tistax titlob l-irkupru tal-ghajjnuna kieku kellha tasal għall-konklużjoni li l-kuntratti ta' servizz pubbliku jinvolvu ghajjnuna mill-Istat li mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

- (151) DSB tqis li l-irkupru ta' tali ghajjnuna, f'dan il-każ, ikun kuntrarju għall-prinċipju tal-fiduċja leġittima, biex b'hekk ifixkel l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 dwar il-bidliet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ⁽²²⁾.

- (152) L-ewwel nett, DSB tikkunsidra li hija setgħet leġittimament temmen li l-ħlasijiet kuntrattwali tal-gvern Daniż li jirrigwardaw il-kuntratti ta' 5 snin u ta' 10 snin ma kienux ghajjnuna mill-Istat. Hija tqis fil-fatt li s-sitwazzjoni ma kinitx ċara f'dak li jirrigwarda l-kontroll li kien meħtieġ isir sabiex tkun ivverifikata l-eżistenza ta' ghajjnuna mill-Istat fil-qasam tat-trasport fuq l-art.

- (153) Barra minn hekk, DSB tikkunsidra li jeħtieġ li wieħed imur lura għaż-żmien meta saret it-transazzjoni biex jivvaluta jekk il-gvern tax xi vantaġġ lil DSB. Il-fatt li jista' jeżisti ċertu nuqqas ta' ċertezza rigward l-ispejjeż tas-servizzi u s-sorsi oħrajn possibbli ta' dħul m'għandux iwaqqaf lill-Istat milli jikkonkludi ftehim bi prezz li jirrifletti l-kundizzjonijiet tas-suq. Skont DSB, kull ftehim normalment ikun fiħ xi nuqqas ta' ċertezza u, f'relazzjonijiet kuntrattwali normali, hija l-kumpanija li tassumi dan ir-riskju. Sistema bħal din fejn DSB iġġorr waħedha r-riskju ta' varjazzjonijiet mhux mistennija fil-bejgħ tal-biljetti jew tal-infiq hija l-aħjar mezz kif tinkoraġġiha ttejjeb is-servizzi tagħha u tattira aktar vjaġġaturi ⁽²³⁾, li jippermetti lill-Istat iżid il-valur tal-ħlasijiet kuntrattwali li jagħti lil DSB u li jġieghha tbat r-riskju f'każ ta' prestazzjoni fqira pereżempju minħabba ġestjoni ħażina jew telf ta' dħul. DSB għaldaqstant hija tal-fehma li l-Istat, waqt il-konklużjoni taż-żewġ kuntratti, aġixxa bħala investitur razzjonali li jagħmel l-aħjar użu mill-possibbiltajiet tiegħu li jikseb l-aħjar ritorn possibbli mill-imsem-mija kuntratti.

- (154) It-tieni, DSB tikkunsidra li kienet ibbażata fuq fiduċja leġittima minħabba l-fatt li l-ħlasijiet kuntrattwali xorta kienu jissodisfaw il-kriterji ffissati mir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 u kienu jibbenefikaw minn eżenzjoni kategorika taħt dan ir-Regolament. Hija tesprimi d-dubbi tagħha dwar l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-Artikolu 14 tiegħu.

- (155) DSB tfakkar fil-fatt li t-taqsima V tar-Regolament – li ma fihiex dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-ammont tal-kumpens – tikkontrasta mat-taqsimit II sa IV tal-istess Regolament li fihom dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-ammont ta' kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku. Skont DSB, ir-Regolament kien maħsub sabiex iwieġeb għax-xewqa li jingħata kumpens raġonevoli lill-operaturi. Madankollu, f'każ ta' impenji volontarji, it-trasportaturi

⁽²²⁾ Ġurnal Uffiċjali L 83, 27.3.1999, p. 1.

⁽²³⁾ Ara b'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Jannar 2006, Nru 604/2005 – il-Ġermanja – Servizzi ta' trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja f'Wittenberg, ĠU C 209, 31.8.2006, p. 7, punti 78 u segwenti.

marbuta b'kuntratti ta' servizz pubbliku huma f'sitwazzjoni differenti ħafna minn dawk ta' operatori li l-Istat ikun imponilhom obbligi ta' servizz pubbliku b'mod unilaterali, kif rifless fir-Regolament. F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni ma tistax tinterpreta r-Regolament (KEE) Nru 1191/69 fid-dawl tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE ⁽²⁴⁾.

- (156) Fl-aħħar nett, DSB ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-Artikolu 17 tar-Regolament, li l-eċċezzjoni ta' notifika prevista tapplika biss għall-kumpens għall-missjonijiet ta' servizz pubbliku u mhux għall-kuntratti ta' servizz pubbliku.

Dwar il-bażi legali għar-reviżjoni tal-kompatibbiltà

- (157) DSB ippreżentat il-kummenti tagħha permezz ta' ittra tat-8 ta' Jannar 2010. DSB tikkuntesta fil-prinċipju l-fatt li f'dan il-każ il-Kummissjoni tapplika r-Regolament (KE) Nru 1370/2007.
- (158) DSB tfakkar li l-kuntratti ta' trasport ikkonċernati bejn DSB u l-Istat Daniż ġew konklużi qabel l-adozzjoni tar-Regolament u qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu. Jekk ir-Regolament għandu jkun applikat, ikun liġi b'effett retroattiv, li DSB temmen li huwa kuntrarju għall-prinċipji legali fundamentali, kemm il-prinċipju tas-sigurtà legali u l-prinċipju tal-protezzjoni tal-fiduċja leġittima. DSB tinnota wkoll li xejn ma jissuġġerixxi li l-leġiżlatur tal-UE kellu l-ħsieb li jagħti effett retroattiv lir-Regolament (KE) Nru 1370/2007.
- (159) Għall-kuntrarju DSB tinnota li r-Regolament jipprovdi introduzzjoni gradwali tar-regoli l-ġodda, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ma japplikawx ġeneralment għall-kuntratti eżistenti jekk it-tul tagħhom huwa limitat. It-tul tal-kuntratti inkwistjoni kien konsistenti ma' dak preskritt fid-dispożizzjonijiet tranżitorji, u għalhekk DSB tikkunsidra li huma regolati biss mil-liġijiet fis-seħħ meta ġew konklużi, jiġifieri r-Regolamenti (KEE) Nru 1191/69 u (KEE) Nru 1107/70.
- (160) DSB tibbaża wkoll fuq id-Deċiżjonijiet l-aktar reċenti tal-Kummissjoni, li fihom il-Kummissjoni kkunsidrat li r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 ma jistax jiġi applikat għal kuntratti konklużi qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament fit-3 ta' Diċembru 2009 ⁽²⁵⁾.

⁽²⁴⁾ B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikolu 86 tat-Trattat KE sar l-Artikolu 106 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Iż-żewġ dispożizzjonijiet huma sostanzjalment identiċi. Fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikolu 106 tat-TFUE għandhom jinftehem bħala referenzi għall-Artikolu 86 tat-Trattat KE jekk ikun il-każ.

⁽²⁵⁾ Ara rigward dan id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2009/325/KE tas-26 ta' Novembru 2008 dwar l-Għajnuna mill-Istat C 3/08 (ex NN102/05) – ir-Repubblika Ċeka – Kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil kumpaniji tal-karozzi tal-linja tal-Moravja tan-Nofsinar, ĠU L 97, 16.4.2009, p. 14 (premissa 111); id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2009/845/KE tas-26 ta' Novembru 2008 dwar l-Għajnuna mill-Istat – l-Awstrija – Appoġġ pubbliku lil Postbus fid-distrett ta' Lienz, C 16/07 (ex NN 55/06), ĠU L 306, 20.11.2009, p. 26 (premissa 104).

- (161) Alternattivament, DSB ipprovde element li juru li l-kuntratti ta' trasport jirrispettaw fi kwalunkwe każ id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007.

6.2. KUMMENTI SOTTOMESSI MINN DKT

- (162) Permezz ta' ittra datata s-16 ta' Frar 2009, DKT issottomettiet il-kummenti tagħha dwar id-Deċiżjoni ta' bidu ta' proċedura. Dawn il-kummenti huma miġbura fil-qosor kif ġej.

Rimarki preliminari

- (163) DKT tirreferi għall-elementi kollha mibgħuta lill-Kummissjoni bħala parti mill-ilment tagħha u kuntatti ta' qabel il-ftuħ tal-proċedura.
- (164) DKT tinnota li d-Deċiżjoni ta' ftuħ tal-Kummissjoni tidher li tirreferi biss għall-kuntratti ta' servizz pubbliku ta' DSB li jirrigwardaw l-attivitatiet tagħha ta' trasport ferrovjarju klassiku u ma tirrigwardax l-attivitatiet ta' trasport urban imwettqa mis-sussidjarja tagħha DSB S-tog a/s, li madankollu ssemmev fl-ilment inizjali tagħha.
- (165) DKT tinnota li l-kuntratti li jirrigwardaw it-trasport urban huma simili u jqajmu l-istess dubji. F'dawn iċ-ċirkostanzi, DKT tinsisti fuq il-fatt li din ir-reviżjoni tal-Kummissjoni għandha wkoll tirrigwarda l-kuntratti ta' servizz pubbliku tat-trasport urban.
- (166) B'mod ġenerali, DKT tikkunsidra li f'dan il-każ il-kriterji tas-sentenza Altmark mhumiex issodisfati u li l-kuntratti inkwistjoni għalhekk jiġu akkumpanjati minn għajnuna mill-Istat. DKT temmen li dawn l-għajnuniet mhumiex kompatibbli u lanqas legali u li l-Kummissjoni għandha tordna l-irkupru tagħhom.

Dwar l-ewwel kriterju tas-sentenza Altmark

- (167) Anki jekk il-Kummissjoni ma wrietx dubji dwar is-sodisfar tal-ewwel kriterju tas-sentenza Altmark, DKT xorta waħda kkumentat dwar dan il-punt.
- (168) DKT tikkunsidra li l-marġni wiesgħa ta' flessibbiltà li għandhom l-Istati Membri sabiex jistabbilixxu obbligi ta' servizz pubbliku m'għandhiex twassal għal sitwazzjonijiet arbitrarji li fihom il-partijiet terzi ma jkunux jistgħu jikkontestaw il-fatt li attività hija operata bħala parti minn missjoni ta' servizz pubbliku. Skont DKT, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li timmotiva l-ħtieġa li jiġu imposti obbligi ta' servizz pubbliku.

(169) Fuq il-bażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-prattika tal-Kummissjoni, DKT tikkontesta l-analiżi tal-Kummissjoni li tinnota n-nuqqas ta' żball ovvju ta' evalwazzjoni. DKT temmen b'mod partikolari li l-eżistenza ta' miri rigward il-puntwalità, il-kwalità u r-regolarità tas-servizz mhijiex biżżejjed biex tistabbilixxi li servizz jaqa' taħt missjoni ta' servizz pubbliku.

(170) Il-Kummissjoni għandha pjuttost twettaq din l-analiżi fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 u teżamina l-proporzjonalità tal-missjonijiet tas-servizz pubbliku. Skont DKT, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra b'mod partikolari jekk l-operat tas-servizz inkwistjoni skont l-għanijiet ta' puntwalità, ta' kwalità u ta' regolarità imposti huwiex profittabbli.

(171) DKT tikkunsidra fil-fatt li l-kumpens għal servizz pubbliku huwa ġġustifikat biss meta s-servizz ma jkunx profittabbli u meta kumpens ikun essenzjali għall-operat tagħhom, li jfisser li għandha ssir reviżjoni separata ta' kull rotta ferrovjarja kkonċernata.

Dwar it-tieni kriterju tas-sentenza Altmark

(172) DKT tikkontesta r-raġunament tal-Kummissjoni li l-baġits għal għaxar snin li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tal-kumpens ta' DSB jilhq u t-tieni kriterju tas-sentenza Altmark. Hija temmen fil-fatt li dawn il-baġits ma fihomx il-parametri u l-analiżi dettaljata tal-ispejjeż li jippermettu l-iffissar tal-livell tal-kumpens meħtieġ għal kull linja ferrovjarja kkonċernata.

Dwar it-tielet kriterju tas-sentenza Altmark

(173) DKT tikkunsidra li dan it-tielet kriterju għandu jkun analizzat flimkien mar-raba' kriterju tas-sentenza Altmark, peress li jekk il-kumpanija ma tistax titqies bħala kumpanija medja ġestita sew, ir-reviżjoni tat-tielet kriterju ssir żejda għaliex ma tkunx tista' tiġi bbażata fuq l-analiżi tal-ispejjeż ta' din il-kumpanija.

Dwar ir-raba' kriterju tas-sentenza Altmark

(174) DKT tfakkar li l-għoti tal-kuntratti ta' servizz pubbliku inkwistjoni ma sarx permezz ta' sejħa għall-offerti. Barra minn hekk, DKT hija mħassba wkoll bħall-Kummissjoni dwar kemm il-baġits fuq għaxar snin u l-metodoloġija applikata mill-Istat Daniż jistgħu jissodisfaw ir-raba' kriterju tas-sentenza Altmark.

(175) F'dan ir-rigward, DKT targumenta b'mod partikolari li sejħiet għall-offerti organizzati fuq ċerti linji wrew li

kompetituri ta' DSB kienu kapaċi joperaw is-servizz għal prezz ta' inqas minn madwar 27 % mill-ispejjeż ta' DSB. Barra minn hekk, DKT tfakkar li DSB timpjega bħala persunal uffiċjali ta' kariga pubblika, li jeskludi s-sodisfar tar-raba' kriterju tas-sentenza Altmark.

Dwar in-nuqqas ta' kompatibbiltà tal-kumpens żejjed

(176) DKT ma taqbilx mar-raġunament tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna. Hija tikkunsidra fil-fatt li r-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jagħmel distinzjoni bejn, minn naħa, approċċ ibbażat fuq l-ispejjeż reali inkluż fit-taqsimiet II, III u IV tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 u, min-naħa l-oħra, approċċ ibbażat fuq il-prezz offrut minn fornitur meta mqabbel ma' kompetitur li joffri l-istess servizz, inkluż fit-taqsimi V tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Skont DKT, din id-distinzjoni hija riflessa fin-natura differenti bejn il-missjonijiet u l-kuntratti ta' servizz pubbliku, li jibbażaw fuq rekwiżiti proċedurali differenti.

(177) Għalhekk, ir-raġunament tal-Kummissjoni, ibbażat fuq approċċ ta' spejjeż reali u l-prinċipji marbuta mal-implimentazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE ma jistgħux ikunu applikati għar-reviżjoni tal-prezz fiss f'kuntratti ta' servizz pubbliku. DKT tqis li tali approċċ huwa kuntrarju għall-ġurisprudenza Komunitarja (kawża Combust), għall-prattika tal-Kummissjoni (Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizz pubbliku⁽²⁶⁾) u għad-Deċiżjoni ta' ftuħ innifisha li ssostni l-karattru ta' *lex specialis* tal-Artikolu 93 tat-TFUE.

(178) Peress li f'dan il-każ il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tapplika l-approċċ ibbażat fuq l-ispejjeż reali għall-kuntratti ta' servizz pubbliku, DKT xorta waħda kkomentat dwar dan l-approċċ.

(179) Fil-fatt, DKT tikkunsidra li d-dejta ppreżentata mill-awtoritajiet Daniżi sabiex isostnu n-nuqqas ta' kumpens żejjed hija żbaljata. DKT tavvanza diversi argumenti:

— DSB setgħet tnaqqas l-ispejjeż tagħha b'mod sinifikanti meta ħadet sehem fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti fuq ċerti linji.

— Barra minn hekk, il-kuntratti ta' servizz pubbliku jimponu li DSB tgawdi minn sitwazzjoni finanzjarja b'saħħitha, li jirrifletti l-fatt li l-ħlasijiet kuntrattwali huma ogħla mill-kumpens strett tal-ispejjeż relatati mal-obbligati ta' servizz pubbliku.

⁽²⁶⁾ ĠU C 297, 29.11.2005, p. 4.

- Il-livell tal-ħlasijiet kuntrattwali mhuwiex soġġett għal ġustifikazzjoni xierqa u l-baġits fuq għaxar snin tfasslu apposta sabiex jiggwarantixxu ċerti livelli ta' profitti lil DSB mingħajr ma ġew ibbażati fuq analiżi dettaljata tal-ispejjeż u tad-dħul ta' DSB għal kull waħda mir-rotot ikkonċernati.
 - Is-sistema ta' kumpens hija bbażata fuq mira ta' dħul fuq il-kapital ta' ekwità u mhux fuq il-kumpens strett tal-ispejjeż addizzjonali.
 - Skont il-kalkoli ppreżentati minn DKT, ir-rotta ferrovjarja prinċipali bejn Kopenhagen u Aarhus hija profittabbli, jekk wieħed jikkunsidra l-obbligi imposti attwalment fuq DSB u ma kelliex tkun soġġetta għal kuntratt ta' servizz pubbliku.
 - Barra minn hekk, il-qligħ ta' produttività allegat ta' DSB mhuwiex konsistenti mad-dejta finanzjarja li turi żieda fin-nefqa tal-persunal meta mqabbel mad-dħul fuq il-perjodu kkonċernat.
 - Bl-istess mod, DKT tesprimi dubji dwar it-tnaqqis tal-ħlasijiet kuntrattwali b'biljun DKK, li jammontaw pjuttost għal 647 miljun DKK skont il-kontijiet annwali tal-kumpanija.
 - DKT tallega li l-miri ta' DSB (f'kilometri-ferrovjarji) għall-perjodu 2000-2004 ma ntlaħqux – li kien jiġġustifika tnaqqis fil-ħlasijiet kuntrattwali – u li DSB irċeviet kumpens għal materjal ferrovjarju li ma kelliex iġġorr l-ispejjeż tiegħu minħabba dewmien fil-kunsinna.
 - Fl-aħħar nett, DKT tikkunsidra li DSB setgħet hija stess taffaċċja l-konsegwenzi finanzjarji tad-dewmien fil-kunsinna tal-materjal ferrovjarju u b'mod partikolari tal-apparat ta' sostituzzjoni, minħabba r-riżultati sinifikanti tagħha. DSB irċeviet 225 miljun DKK mingħand AnsaldoBreda bħala kumpens għad-dewmien, li kellihom jitħallsu lill-Istat Daniż li skont DKT sofira d-danni. DSB ibbenefikat minn bilanċ pożittiv ta' 104 miljuni DKK fi ħlasijiet kuntrattwali għal materjal li ma ntużax.
- (180) Il-benefiċċji għoljin ta' DSB huma skont DKT il-prova li l-kumpanija nġhatat kumpens żejjed għar-raġunijiet li ġejjin:
- ir-riżultati ta' DSB huma akbar mil-livelli ta' profitti li kumpanija espota għal riskju simili, jiġifieri riskju baxx, tista' raġonevolment tistenna.
 - DKT tirreferi għal analiżi żviluppata bħala parti mill-ilmont tagħha li turi li l-marġini benefiċjarja qabel it-taxxa ta' DSB (12,3 % għall-1999-2004 u 12,77 % għall-1999-2007) hija akbar minn dik ta' kumpaniji oħrajn ta' trasport ferrovjarju fl-Ewropa (2,21 % - 4,47 % fir-Renju Unit; 3,35 % fl-Isvezja; 0,49-4,65 % fil-Ġermanja jew 0,8-3,77 % għall-SNCF) u akbar mil-livell ikkwotat mill-Kummissjoni fi proċedura oħra komparabbli ⁽²⁷⁾;
- (181) Fl-aħħar nett, DKT tikkunsidra li l-argument li l-perċezzjoni ta' dividendi għenet sabiex jiġi evitat kumpens żejjed għandu jkun miċħud għar-raġunijiet li ġejjin:
- DKT tikkunsidra li r-riżultati ta' DSB huma wkoll ogħla b'mod ċar minn dawk tal-kompetituri interni tagħha, f'dak li jirrigwarda l-kuntratti ta' servizz pubbliku (DSB (12,77 %); DSB S-tog (10,45 %); Arriva 4,39 %; Metro Service (6,18 %);
 - DKT tenfasizza li r-riżultati ta' DSB qabżu b'mod ċar il-livell ta' 6 % ta' dħul fuq il-kapital ta' ekwità li l-Istat Daniż iffissa bħala mira għal DSB, li DKT tistma b'bilanċ favorevoli ta' 3,678 biljun DKK.
 - il-kuntratti ta' servizz pubbliku ma fihomx mekkaniżmi ta' restituzzjoni tal-ħlasijiet kuntrattwali f'każ li jaqbżu l-livell meħtieġ għall-kumpens strett tal-obbligi ta' servizz pubbliku;
 - f'dan il-każ l-Istat Daniż qiegħed iħallat ir-rwol tiegħu ta' investitur, azzjonist ta' kumpanija pubblika, u dak ta' setgħa pubblika li tippermetti li tikkumpensa obbligi ta' servizz pubbliku;
 - il-perċezzjoni ta' dividendi ma tistax fiha nfisha tinnewtralizza la l-effetti ekonomiċi ta' kumpens żejjed u lanqas id-distorsjoni tal-kompetizzjoni li l-effetti tagħhom jibqgħu fis-suq;
 - l-argument tal-perċezzjoni ta' dividendi twassal għal diskriminazzjoni bejn il-kumpaniji pubbliċi u l-kumpaniji privati;
 - il-qafas tal-Kummissjoni fuq l-għajnuniet fil-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi ma tipprovdi l-opportunità li tidifferixxi eċċessi għajr sa 10 % kull sena;
 - m'hemmx rabta diretta bejn il-kumpens żejjed u l-ammont ta' dividendi miġbura mill-Istat Daniż, li l-prinċipju tiegħu kien ukoll indikat fil-baġits ta' għaxar snin qabel il-konklużjoni tal-possibbiltà ta' kumpens żejjed.
- ⁽²⁷⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ottubru 2007 – C47/07 – kuntratt ta' servizz pubbliku bejn deutsche Bahn Regio u l-land ta' Berlin-Brandenburg (ĠU C 35, 8.2.2008, p. 13).

Dwar it-taxxa fuq il-pagi

- (182) DKT tindika li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-pagi tneħħiet mill-Istat Daniż fl-2008. Hija tirreferi għall-abbozz ta' liġi Daniża li fih l-ispiża tal-issuġġettar ta' DSB għal din it-taxxa kienet stmata għal 80 miljun DKK fis-sena. Fuq din il-bażi, DKT tqis li l-eżenzjoni tat-taxxa kellha effett negattiv sinifikanti fuq il-kompetizzjoni ta' kważi 800 miljun DKK fuq għaxar snin, somma li l-Istat Daniż għandu jirkupra.
- (183) Barra minn hekk, DKT ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar il-fatt li l-Istat Daniż iddeċieda li jikkumpensal-issuġġettar ta' DSB għat-taxxa fil-futur billi jżid il-ħlasijiet kuntrattwali.
- (184) DKT tixtieq li l-Kummissjoni titratta din il-kwistjoni taħt din il-proċedura, il-proċedura CP78/06 li għaliha kienet qiegħda tirreferi fid-Deċiżjoni ta' ftuħ li minn dakinhar 'l hawn ingħalqet.

Dwar il-bażi legali għar-reviżjoni tal-kompatibbiltà

- (185) Fl-10 ta' Jannar 2010, DKT bagħtet lill-Kummissjoni l-kummenti tagħha dwar l-għażla tal-bażi legali xierqa bejn ir-Regolamenti (KEE) Nru 1191/69 u (KE) Nru 1370/2007.
- (186) DKT tikkunsidra li minħabba li r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 daħal fis-seħħ biss fit-3 ta' Diċembru 2009, ir-reviżjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnunja inkwistjoni fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament hija żball legali. Wara li fakkret ċerti prinċipji marbuta mal-applikazzjoni *ratione temporis* tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuniet mill-Istat, DKT temmen li għandha ssir distinzjoni skont jekk dawn humiex miżuri ta' għajnunja notifikata jew le. DKT hija bbażata fuq il-każ SIDE⁽²⁸⁾ tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Unjoni Ewropea sabiex tistabbilixxi li f'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-kompatibbiltà fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.
- (187) Il-konklużjoni ta' DKT tibbaża b'mod speċjali fuq il-fatt li l-kuntratti ta' servizz pubbliku inkwistjoni jkopru l-perjodi 1999-2004 u 2005-2014 u li l-għajnuniet jingħataw fil-ħlasijiet kuntrattwali ta' kull xahar. Barra minn hekk, DKT tinnota li r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 ma jipprovdni l-ebda dispożizzjoni għall-għajnuniet mill-Istat diġà mogħtija jew li huma soġġetti għal proċedura ta' inkjesta. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' ftuħ tal-10 ta' Settembru 2008 ma tirreferix għar-Regolament il-ġdid għalkemm dan kien diġà ġie adottat. Fl-aħħar nett, DKT tindika wkoll kontradizzjoni mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-evalwazzjoni tal-għajnuniet illegali mill-Istat⁽²⁹⁾.

- (188) Għall-inqas, DKT temmen li r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jista' jkun biss il-bażi legali xierqa għar-reviż-

joni tal-kompatibbiltà fir-rigward tal-effetti futuri tal-kuntratti ta' servizz pubbliku, jiġifieri l-ħlasijiet kuntrattwali ta' wara t-3 ta' Diċembru 2009.

7. KUMMENTI TAD-DANIMARKA DWAR L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJET INTERESSATI

- (189) Skont id-Danimarka, l-osservazzjonijiet ta' DKT ma jagħtux lok għal evalwazzjoni differenti tal-fatti inkwistjoni. Id-Danimarka ssostni fil-fatt li l-erba' kriterji tas-sentenza Altmark huma ssodisfati f'dan il-każ u li DSB ma rċevietx kumpens żejjed.

Dwar l-ambitu tar-reviżjoni tal-Kummissjoni

- (190) Id-Danimarka tikkunsidra li l-kuntratti li jirrigwardaw it-trasport fir-reġjun tal-kapitali mhumiex koperti mill-proċedura formali ta' reviżjoni u li għaldaqstant m'hemmx hteġa ta' kkumentar fuq l-opinjoni ta' DKT dwar dawn il-kuntratti.
- (191) Id-Danimarka tindika madankollu li DSB S-tog a/s hija 100 % sussidjarja ta' DSB SV u li d-dejta dwar DSB S-tog a/s hija inkluzja fil-kontijiet ikkonsolidati tal-grupp DSB u d-dejta ġiet sottomessa mill-awtoritajiet Daniżi.
- (192) L-awtoritajiet Daniżi jispeċifikaw li l-ħlasijiet provviżorji u kuntrattwali li jirrigwardaw it-trasport minn S-tog ukoll ġew iddeterminati fuq il-bażi ta' dħul fuq il-kapital ta' ekwità wara t-taxxa ta' 6 %. Ir-riżultat ta' DSB S-tog a/s iddaħħal fil-baġit ta' DSB SV, u l-ħlasijiet kuntrattwali li għandhom jitħallsu lill-kumpanija għat-trasport fuq distanza twila u reġjonali ġew ikkalkulati skont dan. Barra minn hekk, ir-riżultat tal-operat iġġenerat mis-sussidjarja DSB S-tog a/s tteħdet inkunsiderazzjoni fir-riżultat ikkonsolidat ta' DSB SV. Ir-riżultat maħruġ mit-traffiku S-tog huwa għalhekk meqjus fir-riżultat finanzjarju totali ta' DSB SV.

Dwar il-kriterji tas-sentenza Altmark

- (193) Skont id-Danimarka, il-kummenti ta' DKT ma jqajmux dubji dwar il-fatt li l-erba' kriterji tas-sentenza Altmark f'dan il-każ huma ssodisfati.
- (194) Rigward l-ewwel kriterju, l-awtoritajiet Daniżi jfakkru li l-Kummissjoni ma wrietx dubji dwar dan il-punt. Il-kwistjoni ta' jekk il-linja Kopenhagen-Århus hijiex obligu ta' servizz pubbliku hija wkoll indirizzata hawn taħt.
- (195) Rigward it-tieni kriterju, l-awtoritajiet Daniżi jfakkru li l-Kummissjoni ma wrietx dubji dwar il-perjodu attwali sal-2008 u jispeċifikaw li għall-perjodu bejn l-2009 u l-2014, il-kumpens mogħti lil DSB ukoll ġie kkalkulat fuq il-bażi ta' baġit ta' għaxar snin mibgħut lill-Kummissjoni.

⁽²⁸⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' April 2008, kawża T-348/04, *Société internationale de diffusion et d'édition SA (SIDE)*.

⁽²⁹⁾ ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.

(196) Rigward il-kummenti ta' DKT dwar it-tielet kriterju u l-fatt li m'għandux jiġi kkunsidrat għajr jekk ir-raba' kriterju jiġi ssodifat minn qabel, l-awtoritajiet Daniżi ma jaqblux ma' din l-opinjoni u jikkunsidraw li l-kriterji jistgħu wkoll jitqiesu indipendentement minn xulxin u fl-ordni li l-Qorti tal-Ġustizzja segwiet fis-sentenza Altmark.

(197) Rigward ir-raba' kriterju, l-awtoritajiet Daniżi finalment jirrifjutaw l-argumenti ta' DKT li jwasslu għal konklużjoni ta' nuqqas ta' konformità ma' dan il-kriterju. Fil-fatt, huma jindikaw li l-baġits fuq għaxar snin tfasslu fuq il-bażi tad-dejta kollha dejta disponibbli u analiżi suffiċjenti tal-ispejjeż, li tinkludi l-perspettivi ta' titjib fit-tul. Barra minn hekk, il-baġit ġie rivedut matul in-negozjati tat-tieni kuntratt u l-ħlasijiet kuntrattwali tnaqqsu biex jikkunsidraw iż-żidiet fl-efċjenza. L-awtoritajiet Daniżi jindikaw ukoll li l-fatt li l-kumpanija ġġorr, għal raġunijiet storiċi, spejjeż straordinarijati relatati ma' ħaddiema impjegati taħt status pubbliku m'għandu l-ebda rabta mal-ġestjoni tajba jew ħażina tal-kumpanija. Huma jfakkru wkoll li jeżistu differenzi kbar fl-istruttura tal-kapital, il-profil tar-riskju, eċċ., tad-diversi kumpaniji ferrovjarji, li jagħmel it-tqabbil ma' kumpaniji oħrajn impossibbli. Bl-istess mod, il-fatt li DSB First setgħet toffri servizz bi prezz – mal-ewwel daqqa t'għajn – aktar baxx għal-linja Kystbanen ma jirriflettix, u lanqas jindika, il-fatt li l-ħlasijiet mogħtija lil DSB kienu kbar wisq, minħabba li din l-offerta saret minn kumpanija separata u hija bbażata fuq parametri differenti (il-persunal kuntrattwali biss, tagħmir ġdid, inqas persunal abbord).

Dwar il-kompatibbiltà

(198) Id-Danimarka tfakkar id-dubji tagħha dwar ir-raġunament żviluppat mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, li hija tqis suġġett għal nuqqas konsiderevoli ta' ċertezza legali, b'mod partikolari rigward l-obbligu ta' notifika tal-kuntratti ta' servizz pubbliku.

(199) Id-Danimarka ma taqbilx madankollu mal-interpretazzjoni ta' DKT, b'mod speċjali rigward l-użu tal-kelma "prezz" fl-Artikolu 14(2)(b) u n-nuqqas ta' applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuniet mill-Istat fil-każ li r-Regolament (KEE) Nru 1191/69 ikun applikabbli.

i. Punti ġenerali rigward l-analiżi

(200) Id-Danimarka ma taqbilx assolutament mal-argument ta' DKT li l-kumpens għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tal-ispejjeż fil-livell ta' kull linja kkonċernata. L-ebda bażi legali ma titlob li l-kumpens mogħti taħt kuntratt ġenerali ta' twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku jkun ikkalkulat fuq il-bażi ta' analiżijiet, flivell "mikro", ta' kull obbligu li jkun aċċetta l-fornitur tas-servizzi.

(201) L-awtoritajiet Daniżi jikkontestaw l-interpretazzjoni magħmula minn DKT tas-sentenza Fred Olsen (każ T-17/02) u jenfasizzaw li f'dan il-każ, dan huwa netwerk

koerenti, integrat u operat taħt kuntratt innegożjat globali. Għaldaqstant l-iffissar tal-ammont tal-kumpens fuq il-bażi ta' analiżi linja b'linja mhuwiex meħtieġ u jista' jwassal għal riżultati qarrieqa. Din toħloq inċertezzi akbar dwar it-tqassim tal-ispejjeż komuni minn sommarju tad-dħul u tal-infiq kollu marbuta mat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku imposti mill-kuntratt.

(202) Huma jenfasizzaw madankollu li d-dejta ta' kontabilità ta' DSB li tirrigwarda s-servizzi pprovduti taħt il-kuntratt tista' tiġi eżaminata b'mod iżolat minħabba li dawn huma bbażati fuq kontabilità separata.

ii. Rotta Kopenhagen-Århus

(203) L-awtoritajiet Daniżi ma jaqblux mal-opinjoni li provvista ta' servizzi li tista' ssir mingħajr għajnunata finanzjarja ma tistax tkun obbligata ta' servizz pubbliku. L-Istat jista' jiddeċiedi li jinkludiha f'servizz pubbliku koerenti ta' skala kbira (ħtiġijiet f'termini ta' ħinijiet ta' servizz, ta' kapaċità, ta' tariffi, eċċ.), li huwa l-każ hawnhekk minħabba li din il-linja hija integrata mill-qrib mal-bqija tas-servizzi ta' DSB minħabba konnessjonijiet lejn it-tramuntana ta' Århus, il-konnessjoni ma' linji oħrajn kif ukoll id-diviżjoni jew il-ġbir fi gruppi tal-ferroviji li jivvjaġġaw fuqhom.

(204) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi jindikaw li l-kumpens mogħti lil DSB huwa kkalkulat fuq il-bażi tad-dħul u tal-ispejjeż marbuta mal-obbligi kollha ta' servizz pubbliku. Jekk ċerti linji jew servizzi li jistgħu jkunu żejda huma inklużi, id-dħul marbut magħhom jiġi integrat fil-kontijiet ta' kollox. Għalhekk, l-esklużjoni ta' ċerti linji li jistgħu jgħibu profiti iżidu biss l-għajnunata totali mħallsa lil DSB u l-inklużjoni ta' linja li ma turix telf mhux bilfors twassal għal kumpens żejded.

(205) Minbarra dan, l-awtoritajiet Daniżi jinnotaw li l-kalkoli ta' DKT li jirrigwardaw il-linja Kopenhagen-Århus mhuwiex eżatti u jipprovdu evidenza sabiex jikkonfermaw dan. Huma jindikaw li DKT ma tispeċifikax biżżejjed kif saru l-kalkoli u jindikaw li ma jafux il-figuri mogħtija. Skont id-Danimarka, stima ottimista twassal għal dħul inqas ta' [...] miljun DKK fuq din il-linja minn dak ikkwotat minn DKT, [...].

iii. Produttività

(206) L-awtoritajiet Daniżi jikkontestaw l-argument li DSB ma kinitx irreġistrat qligħ sinifikanti fil-produttività fl-1999-2007. Huma jikkontestaw fil-fatt il-metodu ta' kalkolu ta' DKT ibbażat fuq il-proporzjon tal-ispejjeż ta' persunal nominali/fatturat. Issa, l-fatturat ta' DSB huwa influwenzat minn ċertu numru ta' fatturi mikro u makroekonomiċi li għandhom l-effett li ma jkun hemm l-ebda korrelazzjoni proporzjonali kostanti bejn il-produzzjoni u l-fatturat (fatturi: il-kompetizzjoni lokali, it-tibdil taċ-ċirkostanzi, il-prijoritajiet politiċi, l-inflazzjoni, it-tibdil fil-kompożizzjoni soċjali tal-vjaġġaturi, eċċ).

(207) L-awtoritajiet Daniżi jipproponu żewġ metodi ta' evalwazzjoni tal-produttività tal-attivitàjiet ta' DSB:

— il-produzzjoni ta' DSB, jiġifieri n-numru ta' passiġġieri għal kull kilometru (żieda ta' 1,8 % fis-sena bejn l-1999-2007) imqabbla man-numru ta' impjegati (Ekwivalenti full-time);

— il-produzzjoni ta' DSB imqabbla mal-ispejjeż tal-persunal reali (jiġifieri aġġustati mill-inflazzjoni tal-pagi).

(208) Dawn iż-żewġ metodi juru żieda tal-produttività ta' 1,9 % u 2 % fis-sena rispettivament.

iv. Tnaqqis tal-ħlasijiet kuntrattwali

(209) L-awtoritajiet Daniżi jgħidu li l-figuri mressqa minn DKT f'dan ir-rigward mhumiex eżatti. Il-“ħlasijiet kuntrattwali” li jidhru fil-kontijiet ta' DSB u użati minn DKT jirrigwardaw kemm il-kuntratt konkluż mal-Istat li huwa deskritt hawnhekk kif ukoll ħlasijiet oħrajn marbuta ma' kuntratti oħrajn (kuntratti konklużi minn DSB fl-Isvezja; kuntratt ma' Hovedstadens Udviklingsråd (HUR) u kuntratt ta' trasport temporanju fuq il-linja Langå-Struer).

(210) Huma jispjegaw li t-tnaqqis ta' biljun DKK joħroġ b'mod ċar mill-Att tal-Finanzi għall-2003 (Artikolu 28.61.01, paragrafu 10). L-Atti tal-Finanzi għall-2003 u l-2004 juru wkoll li kien sar aġġustament għaż-żieda fl-ammonti li kienu tnaqqsu fl-2003 u fl-2004. Id-Danimarka bagħtet sommarju li juri li t-tnaqqis totali spiċċa biex żied għal 1018 miljun DKK.

v. Kilometri-ferrovjarji

(211) L-awtoritajiet Daniżi jindikaw li l-obbligu previst fil-kuntratt f'termini ta' produzzjoni ta' kilometri-ferrovjarji huwa inqas mill-figura ppreżentata minn DKT, peress li wieħed għandu jikkunsidra s-sejħa għall-offerti dwar is-servizz ta' trasport minn Jutland taċ-Ċentru u tal-Punent f'Novembru 2003. Huma bagħtu l-figuri eżatti ftabella, li juru li b'kollox DSB għamlet 1,5 miljun kilometri-ferrovjarji aktar minn kemm kien previst fil-kuntratt u għaldaqstant ma jistax jingħad li DSB irċeviet kumpens għal servizzi li ma ngħatawx. Barra minn hekk, huma jenfasizzaw li DSB bagħtet rapport dwar il-produzzjoni kuntrattwali tagħha kull tliet xhur lill-Ministeru tat-Trasport.

vi. Riżultati ta' DSB

(212) Id-Danimarka tikkunsidra li l-estimi tal-baġit ta' DSB – ibbażat fuq rata mbassra ta' marġini tal-profitt ta' 6 % – kienu raġonevoli u realistiki. Il-fatt li r-rata ta' marġini tal-profitt fil-fatt kienet oġhla minn dik tal-estimi tal-baġit hija attribwibbli għal sensiela ta' ċirkostanzi mhux mis-

tennija li l-gvern elimina l-effett tagħhom billi għamel tnaqqis speċjali tal-ħlasijiet kuntrattwali, minn naħa, u billi għabar xi dividendi, min-naħa l-oħra.

(213) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi għandhom dubji dwar ir-rilevanza tad-dejta dwar il-prestazzjonijiet tal-kumpaniji Ewropej ta' trasport ferrovjarju tal-vjaġġaturi. Huma jenfasizzaw ukoll id-diffikultà li jsiru dawn il-parametri (differenzi ta' struttura tal-kapital u tal-livell ta' kapital investit, kundizzjonijiet ta' riskju tal-operat, fatturi makroekonomiċi u strutturali li jinfluwenzaw id-dejta tal-kontabilità tal-kumpaniji) u jikkwotaw rapport li sar mill-Kummissjoni Ewropea, li ma jurix li DSB tagħmel aktar profitt mill-kompetituri tagħha fis-suq Ewropew.

(214) Barra minn hekk, id-Danimarka ma tikkontestax li l-bidla fir-riżultati ta' DSB uriet li kienet aktar favorevoli minn dak previst mill-baġits inizjali. L-awtoritajiet Daniżi madankollu jipprovdur kjarifiki dwar l-effetti tal-bidla fir-rati tat-taxxa u baġtu sommarju tar-riżultati ta' DSB.

(215) Id-Danimarka fl-aħħar nett bagħtet dejta reċenti dwar is-sitwazzjoni finanzjarja ta' DSB, u indikat li r-riżultati wara t-taxxa għall-attività ta' servizz pubbliku kienu jammontaw rispettivament għal 670 miljun DKK fl-2007 u għal 542 miljun DKK fl-2008.

vii. Politika dwar id-dividendi

(216) Id-Danimarka temmen li, flimkien ma' baġit dettaljat, il-politika dwar id-dividendi hija mezz effikaċi ħafna biex wieħed iħares lilu nnifsu mill-kumpens żejjed minħabba li hija għodda li toffri flessibilità biex jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed f'każ li l-assunzjonijiet tal-baġit jirriżultaw żbaljati. Il-politika dwar id-dividendi taħdem bħala addizzjoni mal-baġit dettaljat li fuqu jibbaża l-kuntratt ta' trasport.

(217) L-awtoritajiet Daniżi jfakkru li l-kumpens huwa definit minn qabel fuq il-bażi ta' stima dokumentata tal-prodotti u tal-ispejjeż u mhux riziżza li DSB tista' tuża b'mod illimitat. Huma jispeċifikaw ukoll li jekk il-figuri reali jindikaw differenza negattiva mill-estimi tal-baġit – pereżempju minħabba li l-ispejjeż jaqgħu (żbalji ta' ġestjoni, żieda fil-pagi, fl-ispejjeż jew fix-xiri) jew minn telf fid-dħul assoċjat ma' tnaqqis fit-traffiku meta mqabbel mal-previżjonijiet, DSB ma tistax tikseb kumpens addizzjonali mill-Istat. DSB għalhekk tassumi parti mir-riskju f'każ ta' prestazzjoni ħażina.


(218) Għaldaqstant, skont l-awtoritajiet Daniżi, il-politika dwar id-dividendi għandha r-rwol ta' sigurtà addizzjonali kontra kwalunkwe kumpens żejjed fil-każ li r-riżultat juri differenza pożittiva mill-estimi tal-baġit. Hija sservi bħala strument flessibbli li permezz tiegħu l-Istat jista' jżgura li ammont partikolari jittieħed lill-kumpanija.

- (219) Id-Danimarka tindika li DSB ma kellhiex il-possibbiltà li tibbenefika minn vantaġġ possibbli fi flus kontanti biex toholoq distorsjoni fil-kompetizzjoni fuq is-suq billi toffri servizzi oħrajn, eċċ., b'mod partikolari permezz ta' sussidju transversali.
- (220) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi jispeċifikaw li l-ammont totali ta' dividendi li jirreferu għall-kontijiet tas-snin finanzjarji mill-1999 sal-2007 jirrappreżenta 3469 miljun DKK aktar minn kemm stmat fil-baġit. Huma indikaw li DSB kienet ħallset lill-Istat Daniż 607 miljuni DKK f'dividendi fl-2007 u 359 miljun fl-2008.
- (221) Skont id-Danimarka, anki jekk huwa veru li l-ħlasijiet ta' dividendi ma sarux esklussivament fuq il-bażi ta' kalkolu li jiddetermina l-kumpens żejjed possibbli, l-ammont ta' dividendi miġbura jaqbeż sew id-differenza bejn ir-riżultati mistennija u r-riżultati reali. Jekk DSB irrilaxxat riżultati li jeċċedu l-figuri mbassra, dawn l-eċċessi ħarġu kompletament mill-kumpanija fil-forma ta' dividendi. Għaldaqstant, id-Danimarka tikkunsidra li ma kien hemm l-ebda kumpens żejjed.
- viii. Introduzzjoni ta' skema ta' restituzzjoni**
- (222) Bħala parti mill-formulazzjoni tal-kummenti tagħha u d-diskussjonijiet mal-Kummissjoni, id-Danimarka indikat il-pjan li ddaħħal mekkaniżmu ta' rkupru fil-kuntratti ta' servizz pubbliku inkwistjoni ma' DSB.
- (223) L-iskema proposta għandha l-karatteristiċi li ġejjin:
- Tħaddim tal-iskema ta' restituzzjoni*
- (224) Skont l-awtoritajiet Daniżi, f'każ li jkollhom minn qabel informazzjoni perfetta dwar il-prestazzjoni ta' DSB, l-iskema ta' kumpens għandha tkun espressa skont din l-ekwazzjoni:
- $$\text{Total tad-dħul (passiġġieri + ħlasijiet kuntrattwali) - profitt raġonevoli - Total tal-infiq} = 0$$
- (225) Issa, l-awtoritajiet Daniżi indikaw li huma ma jistgħux ikollhom minn qabel informazzjoni perfetta għat-tul ta' kuntratti multiannwali u li għaldaqstant din l-ekwazzjoni rarament tkun ugwali għal żero fil-prattika.
- (226) Fis-sistema attwali, l-ekwazzjoni hija, fil-fatt, aġġustata fuq ir-riżultat (in-naħa tal-lemin tal-ekwazzjoni) bl-użu tal-politika dwar id-dividendi. Soluzzjoni oħra proposta mill-awtoritajiet Daniżi tkun li jsiru aġġustamenti fuq id-dħul kollu (in-naħa tax-xellug tal-ekwazzjoni), bl-adatta-
- ment annwali tal-ħlasijiet kuntrattwali permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.
- (227) Il-kobor tal-aġġustament għandu jirrifletti t-tnaqqis gross espress f'din l-ekwazzjoni.
- $$\text{Total tad-dħul} - \text{profitt raġonevoli} - \text{Total tan-nefqa} = \text{tnaqqis gross}$$
- Aġġustamenti rigward l-effiċjenza u t-titjib tal-kwalità (tnaqqis nett)*
- (228) Biex ikun assigurat li DSB tkompli tkun imħeġġa ttejjeb l-effiċjenza tagħha u biex tattira passiġġieri ġodda, il-klaw-sola ta' restituzzjoni għandha skont l-awtoritajiet Daniżi tippremja t-titjib fil-prestazzjoni tal-kumpanija f'termini ta' parametri determinati minn qabel. Għaldaqstant, DSB għandha tkun tista' iżżomm parti mit-tnaqqis gross sakemm it-tnaqqis gross (li huwa ekwivalenti għal profitt raġonevoli/qligħ fuq il-kapital ta' ekwità ogħla minn dak iffissat fl-ekwazzjoni) ikun dovut għal:
- tnaqqis tal-ispejjeż imkejjeż skont kilometri-passiġġieri (minn hawn 'il quddiem pas.km) u/jew
 - żieda fin-numru ta' passiġġieri mkejla f'kilometri-passiġġieri
- (229) Għaldaqstant, l-awtoritajiet Daniżi jipproponu li jaġġustaw l-iskema ta' restituzzjoni f'dan il-mod:
- jekk DSB tnaqqas l-ispejjeż tagħha (f'kilometri-passiġġieri) meta mqabbla mal-ispiża medja tal-aħħar erba' snin, dan it-titjib għandu jkun ikkalkulat (differenzjali tal-ispiża f'perċentwal immultiplikata b'bażi ta' spiża totali); u
 - jekk in-numru tal-passiġġieri jiżdied, iż-żieda fit-traffiku tal-passiġġieri mkejla f'kilometri-passiġġieri tkun immultiplikata b'0,80 DKK, u t-tnaqqis gross ikun ukoll innaqqas minn dan l-ammont⁽³⁰⁾.
- (230) L-awtoritajiet Daniżi indikaw li t-total tat-tnaqqis minħabba titjib fil-prestazzjoni ma jstax jaqbeż it-tnaqqis gross ta' sena partikolari. Għalhekk, it-tnaqqis nett għandu jkun bejn żero u t-tnaqqis gross.
- (231) L-iskema ta' restituzzjoni għandha għalhekk issegwi din l-ekwazzjoni:
- $$\text{Skema ta' restituzzjoni} = \text{tnaqqis gross} - \text{varjabbli } (\Delta + \text{pas.km } \Delta) = \text{tnaqqis nett}$$

⁽³⁰⁾ L-ammont ta' 0,80 DKK jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għad-dħul unitarju għal kull passiġġier-kilometru fit-trasport ferrovjarju reġjonali u interreġjonali.

Impatt fuq il-politika dwar id-dividendi

- (232) L-awtoritajiet Daniżi indikaw li l-introduzzjoni ta' tali skema ta' restituzzjoni jkollha impatt sinifikanti fuq il-politika tad-dividendi tal-Istat Daniż, kif indikat fit-tabella hawn taħt:

*Mekkaniżmu ta' rkupru u livell massimu ta' profitt raġonevoli*

- (233) L-awtoritajiet Daniżi indikaw ukoll li dan il-mekkaniżmu ta' rkupru jkun komplut permezz tal-istabbiliment ta' limitu massimu biex ikun żgurat li DSB ma tingħatax benefiċċju li l-ammont tiegħu jaqbeż dak li hu kkunsidrat bħala livell raġonevoli.
- (234) L-awtoritajiet Daniżi qed jikkunsidraw li jiffissaw dan il-limitu massimu meta mqabbel mal-qligħ fuq il-kapital ta' ekwità ta' DSB, li lil hinn mil-livell ta' 6 % stabbilit fil-kuntratti jikkunsidra l-profitti addizzjonali ġġenerati mit-titjib fl-effiċjenza jew iż-żieda fl-għadd ta' passiġġieri. Dan il-limitu massimu għandu jkun stabbilit skont din l-ekwazzjoni:

$$\frac{\text{Profitt raġonevoli (6 \%)} + \text{varjabbli } (\Delta. + \text{ pas.km } \Delta)}{\text{Kapital ta' ekwità}} < 12 \%$$

- (235) Għaldaqstant, il-fatturi ta' inċentiva fl-iskema ta' restituzzjoni jistgħu jipprovdu benefiċċju addizzjonali għal DSB, jekk il-kumpanija ttejjeb l-istruttura tal-ispejjeż tagħha jew jekk jiżjed l-għadd ta' passiġġieri ($\Delta. + \text{ Pas.km } \Delta$).
- (236) L-awtoritajiet Daniżi indikaw li fil-kalkolu għet ikkunsidrata biss il-parti tal-kapital ta' ekwità ta' DSB li tikkorrispondi għall-attività ta' servizz pubbliku tagħha fuq il-bażi ta' separazzjoni tal-kontabilità.

- (237) Skont din l-iskema, il-limitu massimu tal-profiti raġonevoli jista' jiġi ffixxat għal qligħ fuq il-kapital ta' ekwità ta' 12 %. L-awtoritajiet Daniżi jindikaw li l-limitu annwali ma jistax jaqbeż 10 % imqasma fuq tliet snin.

Eżempju prattiku

- (238) L-awtoritajiet Daniżi baġtu lill-Kummissjoni analiżi li turi fil-prattika x'kien ikun l-impatt ta' skema ta' restituzzjoni bħal dan fuq il-perjodu 2004-2008, kif indikat fit-tabella ta' hawn taħt:

Attivitajiet ta' servizz pubbliku (miljuni DKK)	Riżultat qabel it-taxxa	Profitti raġonevoli (QK 6 % qabel it-taxxa)	Ħlas gross lura	Stima tal-kapital	Passiġġieri km (mljn)	Spiża għal kull passiġġier km (DKK/km.)	Differenza fl-ispejża għal kull passiġġier km (4 snin)	Tijib fl-effiċjenza ta' DSB'	Qligħ tijib f'passiġġieri km	Total tal-qligħ ta' DSB	Restituzzjoni- tnaqqis nett	Riżultat ta' DSBt	Qligħ fuq il-kapital wara l-skema ta' restituzzjoni (%)	Medja ta' QK wara l-restituzzjoni (%)
2004	943	594	349	6 931	4 353	1,25	3 %	151	78,4	230	119	824	11,9	
2005	919	575	344	6 906	4 392	1,32	- 3 %	0	31,2	31,2	312	607	8,8	
2006	977	583	394	6 994	4 526	1,3	- 2 %	0	107	107	287	690	9,9	10,2
2007	724	569	155	7 108	4 635	1,31	2 %	115	87	202	0	724	10,2	9,6
2008	717	523	188	6 609	4 759	1,33	- 2 %	0	99	99	89	628	9,5	9,9

- (239) Għalhekk, l-applikazzjoni tal-iskema ta' restituzzjoni kienet twassal għal qligħ fuq il-kapital ta' ekwità ta' DSB fuq il-perjodu 2004-2008 li jvarja bejn 8.8 % u 11.9 %.

- (240) Minħabba r-regola tal-medja ta' 10 % fuq 3 snin, li nqabżet b'0.2 % fl-2006, l-iskema ta' restituzzjoni kienet tinvolvi ħlas mill-ġdid ta' 38 miljun DKK għal din is-sena finanzjarja.

Taxxa fuq il-pagi

- (241) Id-Danimarka tfakkar li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-pagi issa tneħħiet.

- (242) Skont l-awtoritajiet Daniżi, din l-eżenzjoni ma gābet l-ebda vantaġġ ekonomiku għall-kumpaniji bħal DSB li kienu jibbenefikaw minnha. L-eżenzjoni ġiet ikkunsidrata fil-kuntratt, bħalma ġiet ikkunsidrata fis-sejħiet għall-offerti li kienu jirrigwardaw il-kuntratti ta' trasport, eċċ., b'tali mod li l-offerenti kollha sabu ruħhom fuq bażi ugwali.

- (243) Rigward il-possibiltà ta' kumpens lil DSB wara s-sotto-missjoni għat-taxxa fuq il-pagi, l-awtoritajiet Daniżi jinnutaw li l-ħlasijiet kuntrattwali mogħtija lil DSB inizzjalment ġew ikkalkulati fuq il-prinċipju li DSB ma kell-hiex tħallas taxxa fuq il-pagi. Il-kumpens għaldaqstant "tnaqqas" b'dan l-ammont. Peress li DSB issa hija soġġetta għat-taxxa fuq il-pagi, il-bażi ta' kalkolu tal-kumpens ma kinitx aktar valida u ingħata kumpens lil DSB biex din il-bidla tkun ikkunsidrata fil-parametri tal-kalkolu. Dan il-kumpens jammonta għal madwar 80 miljun DKK fis-sena u jirrigwarda biss l-attivitajiet ta' servizz pubbliku ta' DSB.

- (244) Skont id-Danimarka, l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-pagi u t-nehhija sussegwenti tal-eżenzjoni kellhom effett newtrali fuq il-finanzi ta' DSB.

8. EVALWAZZJONI TAL-MIŻURI INKLUŻI FIL-KUNTRATTI TA' SERVIZZ PUBBLIKU TA' TRASPORT

8.1. L-AMBITU TAD-DEĊIŻJONI

- (245) Din id-Deċiżjoni tirrigwarda l-kompatibbiltà tal-kuntratti ta' servizz pubbliku ta' trasport konklużi bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u Danske Statsbaner mar-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat.
- (246) Il-ftuħ ta' proċedura tal-10 ta' Settembru 2008 u, b'mod partikolari, il-kummenti tal-awtoritajiet Daniżi u l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati ippermettew lill-Kummissjoni sabiex tispeċifika l-limitu u l-ambitu tad-diversi kuntratti ta' servizz pubbliku involuti, il-metodi ta' determinazzjoni tal-kumpens għas-servizz pubbliku kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu għall-għoti ta' kumpens żejjed lil Danske Statsbaner.
- (247) Għaldaqstant, il-Kummissjoni identifikat erba' kuntratti ta' servizz pubbliku għall-perjodi 2000-2004 u 2005-2014 u li jirrigwardaw is-servizzi tat-trasport tal-linji prinċipali, reġjonali u lokali, li jistgħu jinvolvu elementi ta' għajnuna mill-Istat (ara l-premessi 28, 46, 50 u 69 aktar "il fuq). Ma" dawn jiżiedu wkoll il-kuntratti addizzjonali konklużi biex jitrattaw id-dewmien fil-kunsinna tal-materjal ferrovjarju (ara l-premessa 114).
- (248) Il-Kummissjoni tinnotta f'dan ir-rigward li l-partijiet interessati bagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom fuq id-diversi punti ta' diskussjoni u ta' dubju li esprimiet il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, u dan għall-kuntratti kollha.
- (249) Il-Kummissjoni teżamina wkoll l-impatt ta' miżuri fiskali oħrajn fuq il-kompatibbiltà tal-kumpens għas-servizz pubbliku inkwistjoni ⁽³¹⁾.

8.2. L-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA

- (250) Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, "Ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produttori għandha, safejn tolgot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

⁽³¹⁾ Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirreferi għad-Deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, li sabet li DSB ma kienet tgawdi mill-ebda garanzija espliċita jew impliċita mill-Istat Daniż li tippermettilha li tikseb kundizzjonijiet ta' kreditu aktar favorevoli minn dawk offruti lill-kumpaniji privati. Ara għal sitwazzjoni simili u għal konklużjoni simili, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26.06.08 fil-kawża T-442/03, punti 121 sa 127.

8.2.1. RIŻORSI TAL-ISTAT

- (251) Il-kuntratt ta' servizz pubbliku jipprovdi l-ħlas ta' kumpens għat-twettiq tal-kuntratt ta' servizz pubbliku lil DSB permezz tal-baġit tal-Istat Daniż. Għalhekk dan il-kumpens jingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat.

8.2.2. SELETTIVITÀ

- (252) DSB, kumpanija fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, hija l-uniku benefiċjarju tal-kumpens għas-servizz pubbliku previst fil-kuntratt. Il-miżura għaldaqstant hija selettiva fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

8.2.3. VANTAĠĠ EKONOMIKU

- (253) Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, kumpanija ma tirċevix vantaġġ ekonomiku meta l-kumpens għal servizz pubbliku jissodisfa l-erba' kriterji stabbiliti fis-sentenza Altmark. Għalhekk jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-kuntratti ta' servizz pubbliku konklużi bejn il-gvern Daniż u DSB jissodisfawx b'mod kumulattiv dawn l-erba' kriterji.
- (254) Minħabba li l-kriterji stabbiliti mis-sentenza Altmark huma kumulattivi, in-nuqqas ta' ssodisfar ta' wieħed minn dawn il-kriterji huwa biżżejjed sabiex jiverifika li l-miżuri eżaminati jagħtu vantaġġ selettiv. Għal raġunijiet ta' ċarezza u fir-rigward tal-partikolaritajiet tal-każ, il-Kummissjoni l-ewwel se tanalizza jekk f'dan il-każ partikolari hijiex effettivament kumpanija fdata b'obbligi ta' servizzi pubbliċi u bħala tali tirċevix kumpens stabbilit fuq bażi oġġettiva u trasparenti (l-ewwel żewġ kriterji Altmark) sabiex wara teżamina jekk fil-fatt l-għażla ta' din il-kumpanija saritx permezz ta' proċedura ta' akkwist pubbliku jew jekk le, jekk il-kumpens li jingħatalha għal dan il-għan huwiex ibbażat fuq l-analiżi tal-ispejjeż ta' kumpanija medja ġestita sew (ir-raba' kriterju Altmark).

L-ewwel kriterju: il-kumpanija benefiċjarja attwalment inkarigata mit-twettiq ta' missjonijiet ta' servizz pubbliku definiti b'mod ċar

- (255) Fid-Deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, il-Kummissjoni sabet li DSB kienet fil-fatt inkarigata mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku definiti b'mod ċar u li għaldaqstant l-ewwel kriterju tas-sentenza Altmark kien issodisfat.

- (256) Għalkemm il-Kummissjoni ma esprimietx dubji dwar dan il-kriterju, DKT ikkontestat ir-raġunament tagħha, billi l-Kummissjoni kellha tiverifika l-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku.

- (257) DKT hija wkoll tal-fehma li l-ħtieġa għandha tkun eżaminata linja b'linja u li l-proporzjonalità għandha tkun evalwata skont il-profitabbiltà potenzjali ta' kull linja involuta, minħabba l-limitazzjonijiet u r-rekwiżiti imposti mill-awtorità. Biex tappoġġja l-argument tagħha, DKT tikkwota l-eżempju tal-linja ferrovjarja Kopenhagen-Århus, koperta mill-kuntratti ta' servizz pubbliku, meta hija profittabbli skont analiżi magħmula minn DKT stess.
- (258) L-awtoritajiet Daniżi rrifjutaw dawn l-argumenti u rrifjutaw il-kalkoli magħmula minn DKT rigward il-linja ferrovjarja Kopenhagen-Århus, billi qalu li dawn mhumiex dettaljati biżżejjed u ma jikkorrispondux mal-figuri li għandhom. Skont l-awtoritajiet Daniżi, il-linja inkwistjoni ġgħib ukoll it-telf.
- (259) Il-Kummissjoni tfakkar li fis-settur tat-trasport tal-passiġġieri fuq l-art, il-ħtieġa ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali għandha tkun evalwata fid-dawl tal-Artikolu 93 tat-TFUE u tal-leġiżlazzjoni, f'dan il-każ ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, sat-3 ta' Diċembru 2009, u minn dakinhar 'il quddiem, ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007.
- (260) L-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 kien jipprovdi:
- “Sabiex [jiġu żgurati] servizzi ta' trasport adegwati li b'mod partikolari jieħdu inkonsiderazzjoni fatturi soċjali u ambjentali u l-ippjanar ta' b'liet u rħula, jew bil-għan li jiġu offruti nollijiet partikolari lil ċerti kategoriji ta' passiġġieri, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jagħmlu kuntratti ta' servizz pubbliċi ma' kull intrapriża tat-trasport”.
- (261) L-Artikolu 14(1) tal-imsemmi Regolamenti kien jiddefinixxi l-kontenut u l-karatteristiċi tal-kuntratti ta' servizz pubbliku – rekwiżiti ta' kontinwità, ta' regolarità, ta' kapaċità u ta' kwalità, tariffi u kundizzjonijiet partikolari.
- (262) L-obbligi ta' servizz pubbliku issa huma definiti fl-Artikolu 2(e) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 bħala:
- “rekwiżit definit jew determinat minn awtorità kompetenti sabiex jiġu żgurati servizzi tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri fl-interess ġenerali li operatur, li kieku kellu qjis l-interessi kummerċjali tiegħu, ma jassumix jew ma jassumix sal-istess punt jew taħt l-istess kundizzjonijiet mingħajr kumpens”.
- (263) Il-Kummissjoni għalhekk tinnota li l-leġiżlazzjoni speċifika fis-seħħ bl-ebda mod ma tillimita l-possibbiltà li tafda missjonijiet ta' servizzi li jkopru sett ta' linji għall-istabbiliment ta' sistema ta' trasport koerenti, b'mod partikolari bil-ħsieb li tippermetti ċerta kontinwità ta' trasport. L-ebda kriterju ma huwa f'fissat dwar il-profit-
- tabbiltà jew le tal-linji individwali kkonċernati. Fl-aħħar nett, din il-possibbiltà lanqas ma hija limitata mill-eżistenza ta' servizzi ta' trasport komparabbli, kif kien argumentat mill-ewwel parti li ppreżentat l-ilment fil-każ speċifiku tal-linja Kopenhagen-Ystad.
- (264) Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li l-argumenti użati minn DKT rigward mezzji oħra ta' trasport mhumiex rilevanti minħabba li l-leġiżlatur stabbilixxa regoli differenti għal kull wieħed minn dawn il-mezzji, li huma dovuti b'mod partikolari għal grad differenti ta' ftuħ tas-suq għall-kompetizzjoni u ta' karatteristiċi individwali differenti għall-utent u l-awtoritajiet pubbliċi.
- (265) Fl-aħħar nett, il-fatt li servizz ta' trasport jirrigwarda rotta transfrontali jew internazzjonali ma jtellifx l-opportunità li tkun operata bħala parti minn missjoni ta' servizz pubbliku. Il-Kummissjoni tenfasizza f'dan ir-rigward li anki f'setturi miftuħa kompletament għall-kompetizzjoni, jeżistu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali għal rotot internazzjonali ⁽³²⁾.
- (266) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li d-Danimarka ma tagħmilx żball manifest ta' evalwazzjoni jekk tinkludi f'kuntratt ta' servizz pubbliku linja profittabbli waħda jew aktar, sakemm dawn il-linji jiddaħħlu f'sistema ta' trasport koerenti, u dan mingħajr preġudizzju għall-eżistenza ta' tali linji, li d-Danimarka tiegħad f'dan il-każ. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li jekk linja minn din is-sistema kellha tkun ta' benefiċċju, dan id-dħul għandu jitqies fil-kalkolu globali tal-ispejjeż u d-dħul marbuta mas-servizzi kkonċernati u għad-determinazzjoni tal-livell ta' kumpens. Minn dan jirriżulta li r-riżultati ta' linja profittabbli jwasslu finalment għat-tnaqqis ekwivalenti tal-kumpens finanzjarju meħtieġ għall-operat tal-linji l-oħra mhux profittabbli ta' din is-sistema. Fin-nuqqas ta' regoli kontrarji preċiżi, l-Istat Membru jibqa' ħieles li jevalwa l-portata tal-missjoni ta' servizz pubbliku li jixtieq jafda lil kumpanija sabiex jistabbilixxi sistema ta' trasport adegwata.
- (267) Il-Kummissjoni temmen li l-evalwazzjoni ta' hawn fuq hija kkonfermata mill-ġurisprudenza stabbilita li tgħid:
- “Fir-rigward tal-kompetenza sabiex tiġi ddeterminata n-natura u l-portata ta' funzjoni SIEĠ fis-sens tat-Trattat, kif ukoll tal-livell ta' s'tħarriġ li l-istituzzjonijiet Komunitarji għandhom jeżerċitaw f'dan il-kuntest, jirriżulta [...] mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza li l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tad-definizzjoni ta' dak li huma jikkunsidraw bħala SIEĠ u li d-definizzjoni ta' dawn is-servizzi minn Stat Membru tista' tiġi kkontestata mill-Kummissjoni biss f'każ ta' żball manifest” ⁽³³⁾.

⁽³²⁾ Ara rigward dan ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Settembru 2008 li jstabbilixxi regoli komuni għall-operat ta' servizzi bl-ajru fil-Komunità, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3); ara wkoll il-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat lit-trasport marittimu, u b'mod partikolari l-punt 9(2) (ĠU C 13, 17.1.2004 p. 3).

⁽³³⁾ Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' Ġunju 2008, *SIC vs Il-Kummissjoni*, T-442/03, li għadha ma ġietx ippubblikata, punti 195-196, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Frar 2008, *BUPA vs Il-Kummissjoni*, T-289/03, Ġabra 2008, punt 166 u s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Ġunju 2005, *Olsen vs Il-Kummissjoni*, T-17/02, Ġabra p. II-2031, punt 216.

- (268) Ir-rwol tal-Kummissjoni huwa għaldaqstant limitat għall-verifika li l-Membri Danimarka ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni fid-determinazzjoni tal-portata tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku previsti mill-kuntratti inkwistjoni.
- (269) B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni ssostni li jirriżulta mill-bażi legali fil-liġi nazzjonali tal-kuntratt, jiġifieri l-liġi Daniża dwar it-trasport ferrovjarju, li DSB hija responsabbli mit-tweqqif ta' servizz pubbliku fuq il-bażi ta' kuntratti nneozjati mal-Ministeru Daniż tat-Trasport. Hija tfakkar ukoll li l-kuntratti jiddeskrivu fid-dettall l-obbligi ta' DSB f'dak li jirrigwarda r-rotot, il-puntwalità, il-kwalità u l-frekwenza tas-servizzi bil-ferrovija li għandha tipprovdi, għal żmien determinat (il-kuntratti ġew konklużi għall-perjodu 2000-2004 u l-2005-2014, rispettivament).
- (270) Il-Kummissjoni tinnotta li d-Danimarka wriet li l-għan ta' dawn il-kuntratti ta' servizz pubbliku kien li tiġi stabbilita sistema ta' trasport koerenti u ta' skala kbira li tipprovdi servizz ta' kwalità lill-passiġġieri u li tilħaq l-għanijiet ta' servizz tal-pajjiż.
- (271) Rigward il-każ speċifiku tar-rotta Kopenhagen - Ystad, il-Kummissjoni tinnotta li l-awtoritajiet Daniżi taw ukoll kjarifika dwar iċ-ċirkostanzi u l-passi differenti li wasslu għall-inklużjoni tagħha fis-sistema ta' trasport kopert mill-kuntratti ta' servizz pubbliku. Fil-fatt, l-awtoritajiet Daniżi spjegaw kif din il-linja ġiet operata suċċessivament bħala "attività ta' traffiku ħieles" sal-2002, imbagħad bħala "traffiku ta' servizz pubbliku" iżda mingħajr kumpens addizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2004 biex finalment ġiet inkluża fil-kuntratt ta' servizz pubbliku għall-perjodu 2005-2014 (ara rigward dan il-premessa 122). Hija tinnotta li din il-linja ma kinitx tagħmel qligħ meta kienet operata bħala "traffiku ħieles" u li ma nġhatat l-ebda rizzorsa pubblika għall-operat ta' din il-linja qabel l-2005.
- (272) Il-Kummissjoni tinnotta wkoll l-għan iddikjarat mill-awtoritajiet Daniżi li jgħaqqu l-gżira ta' Bornholm mhux biss ma' Kopenhagen iżda wkoll mal-bqija tat-territorju Daniż – kif turi l-offerta ta' tariffi li tinkoraġġixxi b'mod partikolari r-rotot bejn Jutland u Bornholm (DSB Orange). Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi kkunsidraw li l-eżistenza ta' servizz ferrovjarju kienet tindirizza ċertu tħassib speċifiku li s-servizz tal-karozzi tal-linja eżistenti ma kienx jindirizza, bħas-servizz lill-ibliet ġirien Żvediżi fuq ir-rotta tal-ferrovija bi tliet waqfiet fl-ibliet Żvediżi ta' Fositeby (Malmö), Svedala u Skurup. Dan is-servizz jikkonforma wkoll max-xewqa li jissaħħu l-possibbiltajiet ta' aċċess għall-gżira ta' Bornholm. Kif indikat hawn fuq fil-premessa 263, il-Kummissjoni tinnotta li l-fatt li din ir-rotta taqşam u tinkludi waqfiet fi Stat membru ieħor ma tqajjimx dubju dwar l-eżistenza ta' obbligu ta' servizz pubbliku jew ta' SIEĠ. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat l-interess li ċ-ċittadini Daniżi jistgħu jsibu f'servizz aqwa għall-ibliet Żvediżi kkonċernati.
- (273) Dawn l-elementi jikkomplimentaw dawk deskritti fid-Deċiżjoni ta' ftuħ u jsaħħu l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-gvern Daniż m'għamilx żball manifest ta' evalwazzjoni meta daħħal il-linja Kopenhagen - Ystad fis-sistema ta' kuntratti ta' servizz pubbliku.
- (274) B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tikkonferma l-konklużjoni inizjali tagħha u tikkunsidra li l-ewwel kriterju definit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Altmark huwa ssodisfat.
- It-tieni kriterju: parametri li fuqhom jiġi kkalkulat il-kumpens stabbilit minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti**
- (275) Il-Kummissjoni nnutat fid-Deċiżjoni ta' ftuħ li l-livell ta' kumpens ta' DSB sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' servizz pubbliku kien ġie ddeterminat fuq il-bażi ta' stima ta' baġit fuq għaxar snin. Il-Kummissjoni f'dan l-istadju kellha biss il-baġit fuq għaxar snin għall-perjodu 1999-2008. Għalhekk hija esprimiet dubji rigward il-perjodu 2009-2014 li wkoll kien kopert mill-kuntratti ta' servizzi pubbliċi.
- (276) Fil-kummenti tagħhom, l-awtoritajiet Daniżi spjegaw il-parametri applikabbli għal dan it-tieni perjodu billi bagħtu lill-Kummissjoni il-baġit fuq għaxar snin magħmul għall-perjodu 2005-2014, imħejji skont il-perspettivi ta' żvilupp operattiv ta' DSB matul il-perjodu kkonċernat. Għalhekk huma kkonfermaw li l-kumpens maħsub għal kull wieħed mill-kuntratti ta' servizz pubbliku kien jibbaża fuq stima ta' baġit għal 10 snin.
- (277) DKT madankollu kkontestat il-fatt li dawn l-estimi ta' baġits jistgħu jkunu biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet stabbiliti fis-sentenza Altmark, meta wieħed iqis li ma kinux jikkunsidraw b'mod dettaljat biżżejjed il-parametri magħżula u li l-kumpens kellu jkun ibbażat fuq analiżi tal-ispejjeż linja b'linja.
- (278) L-ewwel baġit 1999-2008 kien stabbilit fuq il-bażi ta' analiżi ekonomika prospettiva dettaljata ta' DSB. Dan ġie mfassal bħala bażi għat-tnejn tal-liġi li tistabbilixxi lil DSB bħala kumpanija indipendenti (ara premessa 8). Imbagħad, dan ġie aġġornat fir-rebbiegħa tal-1999 u ppreżentat lill-Kummissjoni tal-Finanzi tal-Parlament Daniż u approvat permezz tal-adozzjoni tal-Liġi Nru 249 tal-11 ta' Ġunju 1999.
- (279) Huwa kien jibbaża b'mod partikolari fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin:
- żieda fil-prezz tal-biljetti li tikkorrispondi għall-inflazzjoni (indiċi tal-prezzijiet nett),
 - żieda medja fil-produttività ta' 2 % fis-sena,

- rata ta' imgħax annwali ta' 5 %,
- qligħ fuq id-dħul wara t-taxxa ta' 6 %,
- investimenti fil-materjal ferrovjarju ta' madwar 10 biljun DKK,
- livelli ta' produzzjoni (km ferrovjarji) u ta' bejgħ (kilometri -passiġġieri) speċifikati fid-diversi tabelli u li jieħdu bħala livell inizjali fl-1999: 41 miljun km ferrovjarju u, 4,023 biljun kilometri-passiġġieri għat-trasport reġjonali, *intercity* u internazzjonali u, rispettivament, 15,6 miljun km ferrovjarju u 1,208 biljun km passiġġieri għat-trasport suburban.
- (280) L-awtoritajiet Daniżi spjegaw li t-tieni stima ta' baġit għall-2005-2014 kienet saret fuq il-bażi tad-dejta u s-suppożizzjonijiet li ġejjin:
- inflazzjoni annwali ġenerali ta' 2,5 %,
- żieda fil-prezz tal-biljetti ta' 2,5 % li tikkorrispondi għall-inflazzjoni,
- żieda medja fil-produttività ta' 2,5 % fis-sena,
- rata ta' imgħax annwali ta' 5,15 %,
- qligħ fuq id-dħul wara t-taxxa ta' 6 %,
- investimenti fil-materjal ferrovjarju ta' madwar 10 biljun DKK,
- żieda ta' madwar 20 % fl-għadd ta' kilometri vjaġġati,
- żieda ta' madwar 20 % fl-għadd ta' vjaġġaturi,
- l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-pagi tal-persunal ta' DSB.
- (281) Fuq il-bażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-baġits jibbażaw fuq dejta u suppożizzjonijiet raġonevoli u dettaljati biżżejjed sabiex ikunu stabbiliti l-parametri tal-kalkolu tal-kumpens. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnotta li saru xi aġġustamenti sabiex tiġi kkunsidrata r-reviżjoni tal-livell tal-ispejjeż fl-2003 u li dawn il-parametri kollha kienu spjegati mill-Ministeru Daniż tat-Trasport fil-legalizzjoni rilevanti⁽³⁴⁾. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnotta li l-ħlasijiet kuntrattwali kienu stabbiliti minn qabel minħabba li l-ammont tagħhom kien speċifikat fil-kuntratti, fuq bażi annwali, għall-perjodu kollu tal-kuntratti.
- (282) Kif indikat qabel, il-Kummissjoni tqis li, taħt il-kuntratti ta' servizz pubbliku li jipprovdut sistema ta' trasport magħmul minn diversi linji interdependenti, l-Istat Membru mhux bilfors jiddetermina l-ammont ta' kumpens għal kull linja individwali. It-tieni kriterju tas-sentenza Altmark jeħtieġ li l-Istat Membru jiddefinixxi minn qabel, b'mod trasparenti u oġġettiv, il-parametri li jstabbilixxu l-ammont globali tal-ħlasijiet għall-kumpens tal-obbligi kollha li jirriżultaw mill-kuntratt.
- (283) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-ħlasijiet kuntrattwali ġew ikkalkulati fuq il-bażi ta' parametri stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti u li t-tieni kriterju tas-sentenza Altmark huwa wkoll issodisfat.
- Ir-raba' kriterju: sejħa għall-offerti jew livell ta' kumpens meħtieġ iddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż ta' kumpanija medja, ġestita sew u mgħammra b'mod adegwat b'mezzi ta' trasport***
- (284) Il-kuntratt ta' servizz pubbliku ma kienx soġġett għal sejħa għall-offerti. Għalhekk jeħtieġ li jkun stabbilit jekk l-ammont totali tal-kuntratt kienx iddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż li kumpanija medja, ġestita sew u mgħammra b'mod adegwat b'mezzi ta' trasport sabiex tkun tista' tissodisfa l-eżiġenzi ta' servizz pubbliku, kien ikollha ssostni sabiex twettaq dawn l-obbligi, filwaqt li jitqies id-dħul rilevanti kif ukoll profitt raġonevoli għat-twertiq ta' dawn l-obbligi.
- (285) Id-Danimarka tikkunsidra li dan il-kriterju huwa ssodisfat u baġtet xi kummenti sabiex tneħħi d-dubji tal-Kummissjoni rigward il-metodoloġija użata għad-determinazzjoni tal-ammont ta' ħlasijiet kuntrattwali u tal-kumpens globali tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku.
- (286) L-awtoritajiet Daniżi fil-fatt innutaw li l-istabbiliment ta' DSB bħala kumpanija indipendenti mill-Istat kien akkumpanjat minn analiżi ekonomika dettaljata (rapport Bernstein) u minn azzjonijiet li jsaħħu l-effiċjenza u l-produttività tal-kumpanija. Bl-istess mod, ġew inklużi għanijiet ta' kisbiet fl-effiċjenza fil-baġits ta' kull għaxar snin li fuqhom ġew ikkalkulati l-ħlasijiet kuntrattwali. L-awtoritajiet Daniżi jargumentaw li l-obġettiv ta' qligħ fuq il-kapital ta' ekwità ta' 6 % huwa profitt raġonevoli. L-approċċ magħżul għad-determinazzjoni tal-ammont ta' kumpens fil-fehma tagħha huwa għalhekk ibbażat fuq evalwazzjoni ġenerali tad-dejta disponibbli u antiċipazzjoni tal-kisbiet ta' effikaċja, skont il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq.

(34) Liġi Daniża Nru 112 tal-2004.

- (287) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi kienu inizjalment ipprovdew elementi ta' paragun (proporzjonijiet) ma' kumpaniji ferrovjarji oħrajn. Il-kummenti mibgħuta mid-Danimarka bħala parti mill-proċedura madankollu kienu jindikaw id-diffikultajiet biex isiru paraguni bejn ir-rendiment finanzjarju tal-operaturi ferrovjarji, nazzjonali jew Ewropej. Dawn id-diffikultajiet huma dovuti għall-karatteristiċi individwali ta' dawn il-kumpaniji u tas-swieq ikkonċernati u għan-nuqqas ta' komparabbiltà tad-dejta tal-kontabilità u dawk finanzjarji b'mod partikolari fis-settur ferrovjarju.
- (288) Barra minn hekk, DKT osservat ukoll li sussidjarja ta' DSB setgħet tipparteċipa f'sejħiet għal offerti billi toffri servizzi u prezzijiet imnaqqsa meta mqabbla ma' dawk li DSB impenjat ruħha li toffri taħt il-kuntratti ta' servizz pubbliku. L-awtoritajiet Daniżi insistew fuq il-fatt li DSB u s-sussidjarja tagħha DSB First ma jstgħux jitqabblu, minħabba li ż-żewġ kumpaniji għandhom karatteristiċi u strutturi ta' prezzijiet differenti (persunal, materjal, prattiki kummerċjali).
- (289) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-Ministeru Daniż tat-Trasport ħa miżuri – studji finanzjarji u miżuri strutturali ta' ristrutturazzjoni – sabiex tistabbilixxi lil DSB bħala kumpanija indipendenti effikaċi. Hija tinnota wkoll l-għanijiet kwantifikati għall-qliġh fuq il-kapital ta' ekwità u għall-kisbiet ta' produttività.
- (290) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota wkoll il-komparabbiltà baxxa bejn il-kumpaniji tas-settur, ammessa kemm mill-awtoritajiet Daniżi kemm minn DKT, li ma tpoġġix l-indikaturi tal-prestazzjonijiet ta' DSB f'paragun ma' dawk ta' operaturi oħrajn.
- (291) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-eżempju msemmi tal-prestazzjonijiet tas-sussidjarja DSB First jissuġġerixxi li hemm opportunitajiet għal DSB li tagħmel kisbiet, fuq żmien twil, ta' produttività billi tapplika l-miżuri kollha jew parti mill-miżuri implimentati minn DSB First sabiex tnaqqas l-ispejjeż tagħha.
- (292) Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi b'mod ċert li l-kumpens mogħti lil DSB kien fil-fatt iddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż reali ta' kumpanija medja, ġestita sew u mgħammra b'mod adegwat b'mezzi ta' trasport.
- (293) F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni tqis li r-raba' kriterju tas-sentenza Altmark mhuwiex issodisfat.
- (294) Minħabba li l-kriterji definiti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Altmark għandhom ikunu evalwati b'mod kumulattiv, m'hemmx hteġa li jiġi eżaminat it-tielet kriterju u li jkun i-verifikat, f'dan l-istadju tar-raġunament, in-nuqqas ta' kumpens żejjeż. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kumpens seta' ta' vantaġġ ekonomiku lil DSB.
- 8.2.4. DISTORSJONI TAL-KOMPETIZZJONI U L-EFFETT FUQ IL-KUMMERĊ BEJN L-ISTATI MEMBRI
- (295) Il-vantaġġ huwa mogħti lil kumpanija ta' trasport, li hija attiva fit-trasport ferrovjarju fid-Danimarka, iżda wkoll fil-pajjiżi ġirien. Fid-Danimarka, is-swieq ta' trasport ferrovjarju tal-passiġġieri huma miftuħa għall-kompetizzjoni. Għaldaqstant, l-appoġġ finanzjarju joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni.
- (296) Kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Altmark, bosta Stati Membri fetħu wkoll is-suq nazzjonali tagħhom, u fost dawn hemm xi wħud mill-pajjiżi ġirien tad-Danimarka bħall-Isvezja jew il-Ġermanja. L-operaturi stabbiliti ta' dawn il-pajjiżi, iżda wkoll applikanti ġodda għandhom attivitajiet f'bosta Stati Membri tal-Komunità. Għaldaqstant, għajnuha mogħtija lil kumpanija ferrovjarja Daniża tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri li diġà fetħu t-trasport tan-nies bil-ferrovija għall-kompetizzjoni jew li l-kumpaniji tagħhom jinsabu fuq is-swieq nazzjonali miftuħa għall-kompetizzjoni.
- (297) Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi kkunsidrata l-kompetizzjoni bejn id-diversi mezzi ta' trasport, pereżempju it-trasport tal-passiġġieri bil-karozzi tal-linja.
- (298) Minħabba dan, il-miżuri ta' appoġġ f'dan il-każ jstgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (299) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni tqis li l-kumpens għas-servizz pubbliku huwa għajnuha mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

8.3. KOMPATIBBILTÀ MAS-SUQ INTERN

8.3.1. BAŻI ĠURIDIKA TA' KOMPATIBBILTÀ MAT-TFUE

- (300) L-Artikolu 93 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdri l-kondizzjonijiet għall-kompatibbiltà ta' "miżuri ta' għajnuha meħtieġa għall-koordinament tat-trasport, jew li jikkorrispondu ma' rimborżi dwar ċerti piżijiet li jeżistu fil-prinċipju ta' servizz pubbliku." Dan l-Artikolu huwa *lex specialis* meta mqabbel mal-Artikoli 106(2) ⁽³⁵⁾ u 107(2) u (3) tat-TFUE.

⁽³⁵⁾ Premessa 17 tad-Deċizzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2005 msemmija hawn fuq.

- (301) Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Regolamenti (KEE) Nru 1191/69 u (KEE) Nru 1107/70 tal-4 ta' Ġunju 1970 dwar l-għajnuniet mogħtija fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-baħar⁽³⁶⁾ jimplimentaw b'mod eżawrjenti l-Artikolu 93 tat-TFUE, li ma jistax jiġi applikat direttament⁽³⁷⁾.
- (302) Fid-Deċiżjoni ta' fteħ tagħha, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-kumpens inkwistjoni ma jistax jitqies kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 1107/70.
- (303) F'din l-istess Deċiżjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kuntratti konklużi bejn il-gvern Daniż u Danske Statsbaner jirrappreżentaw kuntratti ta' servizz pubbliku fis-sens tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 u li l-kompatibbiltà tal-għajnuniet inkwistjoni għandha tkun evalwata fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament.
- (304) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li fit-3 ta' Diċembru 2009, ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 dwar is-servizzi pubbliċi ta' trasport ta' passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq daħal fis-seħħ, u li dan fl-istess ħin ħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 1191/69 u (KEE) Nru 1107/70. Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-eżami tal-kompatibbiltà issa għandu jibbaża fuq ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007, għaliex din kienet il-leġiżlazzjoni applikabbli meta l-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni tagħha.
- (305) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Daniżi ma fformulawx kummenti dwar dan it-tibdil ta' bażi legali. DSB u DKT għall-kuntrarju ppreżentaw argumenti li l-Kummissjoni għandha ssostni l-evalwazzjoni tagħha fuq il-bażi tar-regoli fis-seħħ meta ġew konklużi l-kuntratti.
- (306) Wara li eżaminat l-argumenti ta' DSB u ta' DKT, il-Kummissjoni tikkunsidra madankollu li l-argumenti mressqa ma jitfughu dubji dwar l-approċċ tagħha tal-applikazzjoni *ratione temporis* tar-regoli tal-UE dwar l-għajna mill-Istat li jwassal għall-konklużjoni li l-Kummissjoni għandha tibbaża r-raġunament tagħha fuq il-liġi applikabbli meta tagħmel id-Deċiżjoni tagħha. Il-Kummissjoni tqis li ż-żewġ kuntratti ta' servizz pubbliku għandhom ikunu evalwati fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, u dan għar-raġunijiet li ġejjin.
- (307) Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni tinnota li r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jipprovdi huwa stess il-modalitajiet għad-dħul fis-seħħ tiegħu u l-applikazzjoni tiegħu *ratione temporis*. Skont l-Artikolu 12 tiegħu, ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 daħal fis-seħħ fit-3 ta' Diċembru 2009. Skont l-Artikolu 10(1) ir-Regolament Nru 1191/69 sadanittant huwa mħassar b'effett minn din l-istess data.
- Għaldaqstant mhuwiex possibbli għall-Kummissjoni li tibbaża fuq ir-Regolament Nru 1191/69, li ma kienx aktar fis-seħħ meta ttehdet id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni; għall-kuntrarju, il-Kummissjoni għandha tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007.
- (308) Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssib li m'hemm l-ebda indikazzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 li dan mhuwiex maħsub sabiex japplika għall-kuntratti ta' servizz pubbliku konklużi qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu. Fil-fatt, l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fih regoli tranżitorji għall-kuntratti konklużi qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu. Din id-dispożizzjoni fir-realtà hija deroga għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament li jirrigwarda r-rispett tar-regoli relatati mal-għoti tal-kuntratti, huma wkoll definiti fl-Artikolu 5. Madankollu, għandu jkun innutat li dawn ir-regoli tranżitorji straordinarji rigward l-għoti tal-kuntratti ma kinux ikunu meħtieġa kieku l-kuntratti ta' servizz pubbliku konklużi qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament ma kinux jaqgħu taħt l-ambitu ta' applikazzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 8 jikkonferma li d-dispożizzjonijiet l-oħra tar-Regolament japplikaw għal dawn il-kuntratti.
- (309) Fit-tielet lok, il-Kummissjoni tiddikjara li l-Komunikazzjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-evalwazzjoni tal-għajnuniet illegali tal-Istat⁽³⁸⁾ mhijiex applikabbli f'dan il-każ. Fil-fatt, din il-Komunikazzjoni tindika b'mod espliċitu li din ma taffettwax l-interpretazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuniet mill-Istat. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jipprovdi regoli speċifiċi għall-applikazzjoni provviżorja tagħha.
- (310) Fir-raba' lok, il-Kummissjoni tinnota li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ukoll il-prinċipju li regola ġdida tapplika minnufih għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li tkun inħolqot taħt ir-regola l-antika. Hija ddeċidiet ukoll li l-prinċipju tal-fiduċja leġittima ma jistax ikun estiż sal-punt li ma jħallix, b'mod ġenerali, li regola ġdida tapplika għall-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet li jinħolqu taħt ir-regola l-antika⁽³⁹⁾.
- (311) Fil-ħames lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-regoli Komunitarji tad-dritt sostantiv għandhom ikunu interpretati bħala li japplikaw biss għal sitwazzjonijiet preżenti qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom safejn jirriżulta b'mod ċar mit-termini tagħhom, mill-finalità tagħhom jew mill-ekonomija tagħhom li għandu jingħatalhom tali effett⁽⁴⁰⁾. Madankollu, din l-aħħar kundizzjoni hija, manifestament issodisfata fil-każ tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, kif indikat hawn fuq.

⁽³⁶⁾ ĠU L 130, 15.6.1970, p. 1.

⁽³⁷⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, kawża C-280/00, Altmark Trans, imsemmija iktar 'il fuq, punti 101, 106 u 107.

⁽³⁸⁾ ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.

⁽³⁹⁾ Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11.12.08 fil-kawża C-334/07 P, *Freistaat Sachsen*, punt 43.

⁽⁴⁰⁾ C-334/07 P, *Freistaat Sachsen*, punt 44.

- (312) Fis-sitt lok, il-Kummissjoni tinnota wkoll li fl-istess każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li kien jirriżulta li meta s-sistema legali li taħtha Stat Membru jkun għamel notifika ta' għajnuna ppjanata tinbidel qabel ma l-Kummissjoni tieħu deċizzjoni, din għandha tiddeċiedi fuq il-bażi tar-regoli l-ġodda⁽⁴¹⁾. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ukoll li n-notifika minn Stat Membru dwar għajnuna ppjanata ma toħloqx sitwazzjoni legali definittivament stabbilita u ma toħloqx aspettattiva leġittima li jimplika li l-Kummissjoni tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq komuni billi tapplika regoli fis-seħħ fid-data li fiha tkun saret in-notifika. Għaldaqstant, ma jkunx konsistenti li Stat Membru li, f'każ kuntrarju, ma kienx jirrispetta l-obbligu ta' notifika jitħalla jstabbilixxi sitwazzjoni legali definittivament stabbilita billi jagħti għajnuet illegali.
- (313) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li s-sentenza SIDE mhijiex rilevanti f'dan il-każ⁽⁴²⁾. Dan il-każ jirrigwarda l-kwistjoni tal-applikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' liġi primarja, jiġifieri l-Artikolu 87(3)(d) tat-Trattat tal-KE. Kif stabbiliet il-Qorti tal-Prim'Istanza f'dan il-każ, it-Trattat tal-KE ma kien fih l-ebda dispożizzjoni tranżitorja għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, lanqas xi indikazzjoni li kien maħsub sabiex japplika għal sitwazzjonijiet maħluqa qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu⁽⁴³⁾. Għaldaqstant din is-sitwazzjoni mhijiex komparabbli ma' dan il-każ. Fil-fatt ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jipprovdi dispożizzjonijiet tranżitorji, li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li r-Regolament japplika għall-kuntratti ta' servizz pubbliku konklużi qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, ħlief għar-regoli li jirrigwardaw l-għoti tal-kuntratti.
- (314) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 japplika f'dan il-każ.
- 8.3.2. KOMPATIBILITÀ MAS-SUQ INTERN FUQ IL-BAŻI TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1370/2007
- (315) L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jipprovdi li "Meta awtorità kompetenti tiddeċiedi li tagħti lill-operatur magħżul minnha dritt esklussiv u/jew kumpens, ta' kwalunkwe tip, bi tpattija għat-twertiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku, għandha tagħmel dan fi ħdan il-qafas ta' kuntratt għal servizz pubbliku". F'dan il-każ, il-missjonijiet ta' servizz pubbliku kienu fdati lil DSB permezz ta' diversi kuntratti ta' servizz pubbliku kif indikat fil-premessa 247 hawn fuq.
- Kontenut tal-kuntratti ta' servizz pubbliku**
- (316) L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jiddefinixxi l-kontenut obbligatorju tal-kuntratti ta' servizz pubbliku. Hawnhekk, il-Kummissjoni sejra teżamina
- suċċessivament l-elementi differenti deskritti f'din id-dispożizzjoni tar-Regolament.
- (317) Skont il-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu, il-kuntratti ta' servizz pubbliku "jiddefinixxu biċ-ċar l-obbligi ta' servizz pubbliku li magħhom għandu jkun konformi l-operatur ta' servizz pubbliku u ż-żoni ġeografiċi kkonċernati". Jirriżulta mill-evalwazzjoni li għamlet il-Kummissjoni tal-kuntratti inkwistjoni rigward l-ewwel kriterju tas-sentenza Altmark kemm fid-Deċizzjoni ta' ftuħ tagħha kif ukoll hawn fuq (ara l-premessa 274) li f'dan il-każ din il-kondizzjoni hija ssodisfata.
- (318) Fl-evalwazzjoni tat-tieni kriterju tas-sentenza Altmark (ara l-premessa 269), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ħlasijiet kuntrattwali ġew ikkalkulati fuq il-bażi ta' parametri stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti, li jġiegħla tikkunsidra li l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 huwa wkoll issodisfat. Din id-dispożizzjoni ttiprovdi fil-fatt li l-kuntratti ta' servizz pubbliku "jistabbilixxu minn qabel, b'mod oġġettiv u trasparenti: i) il-parametri li abbażi tagħhom il-kumpens, jekk ikun hemm, għandu jiġi kkalkolat, u, ii) in-natura u l-firxa ta' kwalunkwe drittijiet esklussivi mogħtija, b'mod li jevita l-kumpens żejjed". Il-kwistjoni tal-eżistenza tal-possibbiltà ta' kumpens żejjed fil-kuntratti taħt reviżjoni sejra tkun analizzata fid-dettal hawn taħt. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tinnota li dawn il-kuntratti ta' servizz pubbliku jiddefinixxu l-mod kif jinqasmu l-ispejjeż marbuta mal-provvista tas-servizzi. Rigward l-eżistenza ta' profitt raġonevoli, il-Kummissjoni tirreferi għar-raġunament li ġej.
- (319) Il-Kummissjoni tinnota li l-kuntratti ta' servizz pubbliku inkwistjoni jiddefinixxu l-mod tat-tqassim tad-dħul marbut mal-bejgħ ta' biljetti, skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. F'dan il-każ dan id-dħul jibqa' għand DSB.
- (320) Barra minn hekk, it-tul tal-kuntratti ta' servizz pubbliku, rispettivament ta' 5 u 10 snin huwa wkoll konformi marrekwiżiti tal-Artikolu 4(3) li jstabbilixxi t-tul massimu tal-kuntratti għas-servizz ta' trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija jew mezz oħra ferrovjarji għal 15-il sena.
- (321) Minħabba li d-dispożizzjonijiet l-oħra mhumiex rilevanti f'dan il-każ, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kuntratti ta' servizz pubbliku konklużi bejn il-Ministeru Daniż u DSB huma konformi mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007.
- Għoti ta' kuntratti ta' servizz pubbliku**
- (322) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jipprovdi r-regoli tal-għoti tal-kuntratti ta' servizz pubbliku. Madankollu, l-Artikolu 8 ta' dan l-istess Regolament jipprovdi ċerti regoli tranżitorji rigward dan.

⁽⁴¹⁾ C-334/07 P, Freistaat Sachsen, punt 53.

⁽⁴²⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 28.

⁽⁴³⁾ C 348/04, SIDE, punt 56. 56

- (323) Il-Kummissjoni tinnota li l-kuntratti kollha ta' servizz pubbliku taħt reviżjoni jirrigwardaw is-servizzi ta' trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u li kollha ngħataw b'mod dirett mill-Ministeru Daniż tat-Trasport lil DSB. Barra minn hekk, dawn il-kuntratti ġew iffirmati kemm qabel is-26 ta' Lulju 2000 kif ukoll mis-26 ta' Lulju 2000 u qabel it-3 ta' Diċembru 2009. Huma ġew konklużi għal tul ta' żmien ta' 5 u 10 snin rispettivament. Il-Kummissjoni tinnota għalhekk li l-ġhoti tal-kuntratti ta' servizz pubbliku huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007.
- (324) Skont l-Artikolu 8(2) "mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, l-ġhoti ta' kuntratti għal servizz pubbliku bil-ferrovija u bit-triq għandu jikkonforma mal-Artikolu 5 mit-3 ta' Diċembru 2019". Fuq din il-bażi, il-kuntratti ta' servizz pubbliku inkwistjoni setgħu wkoll jingħataw direttament.
- (325) Din id-dispożizzjoni tipprovdli wkoll li "matul dan il-perjodu ta' transizzjoni l-Istati Membri għandhom jiehdhu miżuri biex jikkonformaw gradwalment mal-Artikolu 5 sabiex jevitaw problemi strutturali serji b'mod partikolari relatati mal-kapaċità tat-trasport". Madankollu, jeħtieġ li jkun innutat li l-Artikolu 5(6) iżomm il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jagħtu direttament kuntratti ta' servizz pubbliku ta' trasport bil-ferrovija.
- (326) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-kuntratti ta' servizz pubbliku inkwistjoni huma konformi mar-regoli tal-ġhoti stabbiliti mill-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007.
- Kumpens għal servizz pubbliku**
- (327) L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1370 jitlob li "kull kumpens marbut ma' regola ġenerali jew ma' kuntratt għal servizz pubbliku għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 4, irrispettivament mill-mod li bih ingħata l-kuntratt. Il-kumpens kollu, ta' kwalunkwe tip, marbut ma' kuntratt mogħti direttament skont l-Artikolu 5, paragrafi 2, 4, 5 jew 6, jew marbut ma' regola ġenerali għandu wkoll jikkonforma mad-dispożizzjonijiet imniżżla fl-Anness".
- (328) Għaldaqstant, il-kompatibbiltà tal-kumpens għal servizz pubbliku għandha tkun evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, peress li l-kuntratti inkwistjoni ingħataw b'mod dirett skont l-Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007.
- (329) Dan l-Anness jispeċifika li "il-kumpens ma jistax jaqbeż l-ammont li jikkorrispondi għall-effett finanzjarju nett ekwivalenti għat-total tal-effetti, pożittivi jew negattivi, ta' konformità mal-obbligu ta' servizz pubbliku fuq l-ispejjeż u d-dħul tal-operatur ta' servizz pubbliku". Dan ifisser essenzjalment li l-Kummissjoni għandha tivverifika li l-ħlasijiet kuntrattwali ma tawx lok għal kumpens
- żejjed, filwaqt li jitqies profitt raġonevoli għal DSB. F'dan, hija tibbaża ruħha fuq il-kriterji definiti fl-Anness.
- (330) F'dan il-każ, il-Kummissjoni tinnota li l-kalkolu tal-ispejjeż u tad-dħul sar b'konformità mar-regoli tal-kontabilità u dawk fiskali fis-seħħ. Hija tfakkar li l-qafas legali applikabbli għal DSB dwar l-istandards tal-kontabilità u r-regoli nazzjonali tal-kompetizzjoni jeħtieġ li l-kumpanija żżomm kontijiet separati tad-diversi attivitajiet tagħha. Il-kontijiet tal-ħlasijiet kuntrattwali mogħtija lil DSB fuq il-bażi tal-kuntratti ta' servizz pubbliku jiġu wkoll miżmuma separati mill-attivitajiet l-oħra li jsiru fuq bażi kummerċjali. Għalhekk dawn ir-regoli jevitaw is-sussidji reċiproċi.
- (331) Għalkemm il-kuntratti ta' servizz pubbliku fihom dispożizzjonijiet rigward il-kontroll u r-reviżjoni tal-kumpens, il-Kummissjoni tinnota madankollu li dawn il-mekkaniżmi ma jevitawx il-possibbiltà ta' kumpens żejjed u li l-kuntratti ma fihomx skema li tippermetti r-rimbors tiegħu.
- (332) Il-Kummissjoni tikkunsidra fil-fatt li l-possibbiltà ta' kumpens żejjed tista' tkun evitata biss permezz tal-istabbiliment ta' skema ta' restituzzjoni. Konsegwentement, il-kuntratti ta' servizz pubbliku konklużi bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u DSB għandhom jinbidlu sabiex jikkonformaw mal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq, b'mod partikolari billi tiddaħħal skema ta' restituzzjoni.
- (333) Fid-Deċiżjoni ta' fteħ tagħha, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-kwistjoni ta' jekk il-kumpens kienx limitat għal dak li kien meħtieġ sabiex ikopri l-ispejjeż iġġenerati mit-twertiq tal-obbligi tas-servizz pubbliku. Dawn id-dubji kienu bbażati fuq ir-raġunijiet esposti fl-evalwazzjoni tar-rispett tat-tielet kriterju stabbilit mill-ġurisprudenza *Altmark*, jiġifieri:
- i. *Il-bilanċ favorevoli tar-riżultati ta' DSB*
 - ii. *Id-dewmien fil-kunsinna tal-materjal ferrovjarju*
 - iii. *Ir-rotta Kopenhagen – Ystad*
- (334) Il-Kummissjoni sejra teżamina dawn it-tliet aspetti suċċessivament sabiex tevalwa l-eżistenza ta' kumpens żejjed bħala parti mit-twertiq tal-kuntratti ta' servizz pubbliku u l-miżuri meħtieġa biex ikun evitat kwalunkwe kumpens żejjed fil-futur. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tqis id-definizzjoni ta' profitt raġonevoli mogħtija fil-punt 6 tal-Anness, jiġifieri "rata ta' dħul fuq il-kapital li hija normali għas-settur fi Stat Membru partikolari u li tieħu kont tar-riskju, jew in-nuqqas ta' riskju, li jkun għamel l-operatur ta' servizz pubbliku permezz tal-intervent tal-awtorità pubblika".

i. Il-bilanċ favorevoli tar-riżultati ta' DSB

- (335) Il-Kummissjoni eżaminat l-iżvilupp tal-kapital ta' ekwità u r-riżultati ta' DSB, f'dak li jirrigwarda l-attivitàjiet tagħha ta' servizz pubbliku, għat-tul tal-kuntratti inkwistjoni. Dan l-eżami jibbaża essenzjalment fuq l-analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' DSB fuq il-perjodu 1999-2006, li saret minn KPMG fit-30 ta' Jannar 2008 fisem l-Istat Daniż. L-awtoritajiet Daniżi barra minn hekk bagħtu elementi ulterjuri rigward is-snin finanzjarji 2007 u 2008 kif ukoll kjarifiki fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.
- (336) Il-Kummissjoni tinnota b'mod partikolari informazzjoni li nġhatat mill-awtoritajiet Daniżi sabiex jispjegaw dawn l-iżviluppi f'konfront mal-baġits fuq għaxar snin, b'mod partikolari dwar l-istabbiliment tal-baġit ta' kostituzzjoni ta' DSB fl-1999, il-bidla ta' ċerti regoli ta' kontabilità jew tal-livell tat-taxxa. L-iżvilupp tal-amortizzament, tal-ġestjoni finanzjarja jew tar-rati ta' interess ġew spjegati wkoll. Bl-istess mod, hija tammetti li DSB setgħet għamlet kisbiet ta' effikaċja li jippermettulha li ttejjeb ir-riżultati tagħha u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha.
- (337) Il-Kummissjoni tikkunsidra madankollu li l-elementi kollha setgħu jibdlu l-livell tal-ispejjeż ta' DSB għall-operat tas-servizzi ta' trasport previsti fil-kuntratti differenti ta' servizz pubbliku. Għaldaqstant, it-titjib tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' DSB kellu jgħib tnaqqis tal-ispiża għall-Istat Daniż għall-operat tal-imsemmija servizzi meta mqabbel mal-projezzjonijiet tal-baġits fuq għaxar snin. Dan it-tnaqqis jimplika għalhekk tnaqqis globali tal-kumpens għas-servizz pubbliku.
- (338) Fin-nuqqas ta' korrezzjoni ekwivalenti tal-ħlasijiet kuntrattwali, il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn il-fatturi differenti jirriflettu l-fatt li DSB irċeviet kumpens oġhla mill-ispejjeż ikkawżati mit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku flimkien ma' profitt raġonevoli f'fissat għal 6%. Il-Kummissjoni tinnota li l-ħlasijiet kuntrattwali tnaqqsu biss għas-snin 2002, 2003 u 2004 għal ammont ta' 1,018-il biljun DKK.
- (339) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Daniżi ma jikkuntestawx il-fatt li, b'kunsiderazzjoni ta' dawn l-elementi kollha, DSB esperjenzat livelli ta' profitti oġhla minn dak li kien oriġinarjament imbassar fil-baġits ta' għaxar snin, li kienu jirrappreżentaw il-bażi tal-kalkolu tal-kumpens għas-servizz pubbliku. Din il-konklużjoni tohrōg ukoll mill-kummenti mibgħuta mill-partijiet interressati, minkejja li t-tqabbil tal-prestazzjonijiet tal-kumpaniji ferrovjarji fid-Danimarka u fl-Ewropa jibqa' diffiċli kif indikat qabel (ara l-premessi 290-292).
- (340) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li r-riżultati ta' DSB s-tog a/s, sussidjarja 100% ta' DSB SV huma kkonolidati fil-livell tal-kumpanija prinċipali u li l-livell ta' profitt raġonevoli mistenni huwa l-istess għaż-żewġ kumpaniji. Għaldaqstant, il-Kummissjoni teżamina globalment il-bilanċ tar-riżultati taħt id-diversi kuntratti ta' servizz pubbliku fil-livell ta' DSB.
- (341) Il-Kummissjoni tinnota għalhekk li l-kontijiet ta' DSB juru żieda fir-riżultat wara t-taxxa ta' DSB fuq il-perjodu 1999-2006 ta' 2,715-il biljun DKK meta mqabbel mal-estimi tal-baġit. Id-dejta mibgħuta mill-awtoritajiet Daniżi turi li DSB irreġistrat riżultat wara t-taxxa ta' 670 miljun DKK fl-2007 u ta' 542 miljun DKK fl-2008, jiġifieri 227 miljun u 97 miljun DKK aktar rispettivament mill-estimi tal-baġit għal dawn is-sentejn⁽⁴⁴⁾. Għall-perjodu kollu bejn l-1999-2008, il-Kummissjoni tistma għalhekk bilanċ tar-riżultati ta' 3,039 biljun DKK meta mqabbel mal-baġits inizjali għal DSB.
- (342) Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan il-bilanċ juri li l-ħlasijiet kuntrattwali qabżu dak li kien meħtieġ sabiex jikkompensal-ispejjeż iġġenerati mit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku flimkien ma' profitt raġonevoli.
- (343) Il-Kummissjoni tfakkar madankollu li, skont l-awtoritajiet Daniżi, dan il-bilanċ tar-riżultat ma wassalx għal akkumulazzjoni tal-kapital għal DSB akbar minn dak li kien previst fil-bidu fl-estimi tal-baġit. Fil-fatt, l-awtoritajiet Daniżi jargumentaw li parti mill-bilanċ tar-riżultati nġhatat lura lill-Istat Daniż fil-forma ta' dividendi.
- (344) Il-Kummissjoni tinnota li DSB fil-fatt ħallset lill-Istat Daniż 4,826 biljun DKK f'dividendi bejn l-1999 u l-2007. Dan l-ammont jikkorrispondi għal madwar 3,5 biljun DKK f'dividendi għall-perjodu 1999-2007 aktar minn dak li kien previst fl-estimi tal-baġits. Fl-2008, DSB ħallset ukoll lill-Istat Daniż 359 miljun DKK, jiġifieri madwar 150 miljun aktar minn dak li kien previst ukoll fl-estimi tal-baġits⁽⁴⁵⁾. B'kollox, il-Kummissjoni tinnota li bejn l-1999 u l-2008, l-Istat Daniż għabar madwar 3,65 biljun DKK f'dividendi addizzjonali.

⁽⁴⁴⁾ Kalkoli magħmula fuq il-bażi tar-rapport ta' KPMG mibgħuta mill-awtoritajiet Daniżi lill-Kummissjoni (tabella 2.4 u t-tabelli 2.2, 2.3 u 2.28 aġġornati).

⁽⁴⁵⁾ Dan l-ammont huwa evalwat fuq il-bażi ta' riżultat wara t-taxxa fl-estimi tal-baġit għal 399 miljun DKK għas-sena 2008 tar-regola ta' għbir f'dividendi ta' nofs il-bilanċ wara t-taxxa ta' DSB stabbilita fil-premessa 102 ta' din id-Deċizzjoni.

- (345) Kuntrarju għal dak li jostnu l-awtoritajiet Daniżi, il-Kummissjoni tqis li l-politika tad-dividendi ma tistax tiġi mqabbla ma' klawżola ta' restituzzjoni li taġġusta l-kumpens għas-servizz pubbliku u li tevita l-kumpens żejjed. Il-ġbir tad-dividendi ma jissodisfax b'mod strutturali r-reqwiziti definiti fir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 u b'mod partikolari l-Anness tiegħu. Fil-fatt, il-ġbir tad-dividendi huwa deċiżjoni tal-azzjonisti tal-kumpanija u ma joffrix l-awtomatiċità meħtieġa biex ikun evitat il-kumpens żejjed. Barra minn hekk, id-dividendi ġeneralment jinġabru aktar tard fis-sena meta mqabbla mal-aġġustamenti tal-kumpens li għandhom isiru fl-aħħar tas-sena finanzjarja.
- (346) Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-Istat Daniż għabar matul il-perjodu 1999-2008 dividendi addizzjonali (meta mqabbla ma' dawk li kienu ġew

stmati fil-bidu) ta' ammont globali li jaqbeż sew dak tal-bilanċ tar-riżultat ta' DSB. Il-Kummissjoni tinnota li d-dividendi addizzjonali miġbura mid-Danimarka huma oġhla b'madwar 20 % mill-bilanċ tar-riżultati ta' DSB.

- (347) B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tinnota li, mill-aspett tal-kontabilità, il-ġbir ta' dividendi jseħħ wara d-determinazzjoni tar-riżultat u ġeneralment ma jevitax il-kumpens żejjed. Madankollu l-Kummissjoni ma tistax ma tinnutax li, fil-fatt, permezz tal-ġbir tad-dividendi mill-kumpanija tiegħu, l-Istat Daniż aġġusta kompletament is-sitwazzjoni tal-bilanċ ta' DSB b'mod li din ma nġhatatx kumpens żejjed fil-prattika. Fil-fatt, l-effetti ekonomiċi tal-bilanċ tar-riżultat akbar mis-6 % previst fil-bidu ġew innwtralizzati mill-ġbir ta' dividendi u DSB ma setgħetx tużah sabiex iżżid il-kapital ta' ekwità tagħha jew tkabbar il-ġid tagħha.

(milj. DKK)

Riżultati ta' DSB SV (f'miljuni DKK)	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	Total
Dħul mill-passiġġieri	3 278	3 550	3 789	3 895	3 888	4 052	4 164	4 264	4 391	4 541	
Ħlasijiet kuntrattwali	3 296	3 460	3 820	3 642	4 147	3 968	4 326	4 342	4 247	4 130	
Spejjeż attwali	(6 728)	(6 869)	(6 304)	(6 362)	(7 362)	(7 182)	(7 647)	(7 792)	(7 940)	(8 326)	
Riżultat attwali tal-operat, wara t-taxxa	595	777	846	774	697	664	745	726	767	558	
Dividendi mħallsa	135	268	103	610	649	736	895	775	655	364	5 190
Dividendi previsti fil-bidu	50	51	53	183	188	192	212	205	222	223	1 579
Dividendi attwali ulterjuri	85	217	50	427	461	544	683	570	433	141	3 611

- (348) Il-Kummissjoni tenfasizza li din il-konklużjoni tirrigwarda lil DSB SV, sakemm ir-riżultati ta' DSB S-tog a/s jiġu kkonsolidati fil-livell tal-kumpanija prinċipali u l-politika tad-dividendi hija ddeterminata fil-livell ta' din il-korporazzjoni.
- (349) Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li dan ir-raġunament ma jggarantix in-nuqqas ta' kumpens żejjed b'mod sostenibbli għat-tul kollu tal-kuntratti ta' servizz pubbliku. Dan jibbaża fuq eżami empiriku u dettaljat tal-kontijiet ta' DSB fuq il-perjodu li għadda, iżda ma joffrix soluzzjoni strutturali għall-aġġustamenti annwali meħtieġa fil-livell ta' kumpens għas-servizz pubbliku.
- (350) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Daniżi jikkunsidraw li jemendaw il-kuntratti ta' servizz pubbliku kurrenti sabiex idaħħlu skema ta' restituzzjoni. L-iskema ta' restituzzjoni deskritta hawn fuq (ara l-

premessi 222-240) għandha taġġusta fuq il-bażi ta' ekwazzjoni ta' kontabilità l-ammont tal-ħlasijiet kuntrattwali. Skont skema bħal din, il-ħlasijiet żejda potenzjali jkunu jistgħu jitħallsu lura lill-Istat fuq il-bażi tal-kontijiet fl-aħħar tas-sena finanzjarja, u dan sabiex ikun żgurat li l-qligħ fuq il-kapital ta' ekwità ta' DSB jibqa' fil-limiti previsti mill-Istat.

- (351) Fil-fatt, l-iskema ta' restituzzjoni taħseb sabiex taġġusta l-ħlasijiet kuntrattwali fl-aħħar tas-sena finanzjarja (ara l-premessa 227). L-applikazzjoni tiegħu twassal għal tnaqqis gross tal-ħlasijiet kuntrattwali sabiex jinżamm livell ta' profitt raġonevoli ffissat għal 6 % tal-qligħ fuq il-kapital ta' ekwità skont din l-ekwazzjoni:

Total tad-dħul – profitt raġonevoli – Total tan-nefqa = tnaqqis gross

(352) Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li din l-iskema ta' restituzzjoni tissodisfa r-rekwiżiti definiti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 iżda wkoll fil-qafas Komunitarju tal-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizz pubbliku⁽⁴⁶⁾. Fil-fatt, il-Kummissjoni tinnota li sistema bħal din tixbah il-kontrolli deskritti fis-sezzjoni 3 ta' dan il-qafas. Hija tinnota wkoll li l-livell ta' profitt raġonevoli bażiku jibqa' f'fissat għal 6 % tal-qligħ fuq il-kapital ta' ekwità, li hija tqis bħala livell raġonevoli għal dan it-tip ta' attività, meta wieħed iqis il-livelli miksuba mill-kompetituri nazzjonali attwali ta' DSB kif indikat DKT.

(353) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li din l-iskema tinkludi aġġustamenti dwar l-effiċjenza u t-titjib kwalitattiv. L-iskema proposta tipprovdi fil-fatt modulazzjoni tat-tnaqqis gross sabiex DSB tkun tista' iżomm parti minnu minħabba t-tnaqqis tal-ispejjeż għal kull passiġġier-kilometru u ż-żieda fin-numru ta' passiġġieri mkejla f'kilometri-passiġġieri (ara l-premessa 228). Dawn l-aġġustamenti huma applikati skont din l-ekwazzjoni:

$$\text{Skema ta' restituzzjoni} = \text{tnaqqis gross} - \text{aġġustamenti (spejjeż } \Delta \text{ + pas.km } \Delta) = \text{tnaqqis nett}$$

(354) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-parametri li jiddeterminaw it-tnaqqis nett u għaldaqstant il-kunsiderazzjoni ta' dawn l-aġġustamenti huma ddeterminati minn qabel u kkwantifikati (ara l-premessa 229). Fil-fatt, l-iskema ta' restituzzjoni tista' tiġi aġġustata kif ġej:

— spejjeż Δ : jekk DSB tnaqqas l-ispejjeż tagħha (għal kull passiġġier-kilometru) meta mqabbla mal-ispiża medja tal-aħħar erba' snin, dan it-titjib għandu jkun ikkalkulat kif ġej: differenzjal fl-ispiża għal kull passiġġier-kilometru (f'perċentwal) meta mqabbel mal-ispiża medja tal-aħħar erba' snin immultiplikata b'bażi ta' spiża totali; u

— pas.km Δ : jekk in-numru tal-passiġġieri jiżdied, iż-żieda fit-traffiku tal-passiġġieri mkejla f'kilometri-

passiġġieri tkun immultiplikata b'0,80 DKK, u t-tnaqqis gross ikun ukoll imnaqqas minn dan l-ammont⁽⁴⁷⁾.

(355) Il-Kummissjoni tinnota li dawn l-aġġustamenti huma konformi mal-punt 7 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 li jipprovdi li:

"Il-metodu ta' kumpens għandu jipromwovi ż-żamma jew l-iżvilupp ta' ġestjoni effettiva min-naħa tal-operatur tas-servizz pubbliku, li tista' tkun is-suġġett ta' valutazzjoni oġġettiva, u il-forniment ta' servizzi tat-trasport tal-passiġġieri ta' standard għoli biżżejjed".

(356) F'dan il-każ, l-aġġustament previst, ibbażat fuq iż-żieda fin-numru ta' passiġġieri u t-tnaqqis fil-prezz tal-unità, jirrifletti sew il-kunċetti ta' titjib effiċjenti u ta' kwalità fil-ġesjoni tas-servizz ipprovdut. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li kull aġġustament jista' jsir biss sakemm kull wieħed mill-parametri magħżula jirrifletti wkoll titjib meta mqabbel mar-riżultati miksuba qabel fuq dawn il-parametri. Din ir-restrizzjoni fil-fatt hija meħtieġa sabiex jiġi evitat li f'każ ta' titjib kbir ta' wieħed mill-parametri, ikun jista' jinkiseb bonus taħt il-parametru l-ieħor minkejja li dan it-tieni parametru jirrifletti biss inqas titjib minn dak imbassar.

(357) Fl-aħħar nett, l-iskema ta' restituzzjoni hija kompluta permezz tal-istabbiliment ta' limitu għoli maħsub sabiex jiżgura li l-livell tal-profiti ma jaqbiżx dak ta' profiti raġonevoli skont din l-ekwazzjoni (ara l-premessa 233-237):

$$\frac{\text{Profitt raġonevoli (6 \% + aġġustamenti (Spejjeż } \Delta \text{ + pas.km } \Delta))}{\text{Kapital ta' ekwità}} < 12 \%$$

(358) Għaldaqstant, l-aġġustamenti applikati sabiex jiġu kkunsidrati l-kisbiet fl-effiċjenza u/jew it-titjib fil-kwalità tas-servizz għandhom ivarjaw il-profiti raġonevoli bejn 6 % u 12 %, b'limitu annwali f'fissat għal 10 % fuq tliet snin, fuq il-baży ta' kriterji oġġettivi (ara l-premessa 235-237).

(359) Il-Kummissjoni tikkunsidra li f'din il-medda l-profiti mogħti mid-Danimarka lil DSB bħala parti mill-attivitàjiet tagħha ta' servizz pubbliku jibqa' raġonevoli speċjalment minħabba li huwa limitat għal 10 % fuq tliet snin. Il-konklużjoni tal-Kummissjoni tibbaża fuq firxa ta' provi fuq il-baży ta' informazzjoni li għandha sabiex tevalwa l-karattru raġonevoli tal-livell tal-profiti.

⁽⁴⁶⁾ ĠU C 297, 29.11.2005, p. 4. Għalkemm din il-linja gwida ma tapplikax normalment għas-settur tat-trasport, il-prinċipji tagħha jistgħu jintużaw b'analoġija fl-ispeċifikar tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. Ara rigward dan id-Deċiżjoni ta' ftuħ, iċċitata iktar 'il fuq, u Deċiżjoni 2009/325/KE, Deċiżjoni 2009/845/KE, Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2007, C 31/07 – l-Irlanda – Għajnuna mill-Istat lil Kumpaniji tal-karozzi tal-linja ta' Córás Iompair Éireann (Dublin Bus u Irish Bus), (ĠU C 217, 15.9.2007, p. 44); 23 ta' Ottubru 2007, Għajnuna mill-Istat C 47/2007 – il-Ġermanja – Kuntratt ta' servizz pubbliku bejn id-Deutsche Bahn Regio u l-Länder ta' Berlin u Brandebourg (ĠU C 35, 8.2.2008, p. 13).

⁽⁴⁷⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 30.

- (360) Għaldaqstant, l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni hija bbażata b'mod partikolari fuq studju tas-sitwazzjoni tal-kumpaniji ferrovjarji fl-Ewropa⁽⁴⁸⁾ li jippreżenta b'mod partikolari paragun tal-profitt ekonomiku⁽⁴⁹⁾ tal-kumpaniji ferrovjarji fl-2004. Skont din l-analiżi, ir-redditu fuq l-ishma (ROE) ta' DSB stabbilit fl-2004 (9 %) jikkorrispondi għal redditu fuq l-attiv (ROA) ta' 3 % għall-kumpanija; ta' min jinnotta li din il-figura ta' 9 % ta' ROE tikkorrispondi għall-medja tal-medda mogħtija lil DSB taħt il-kuntratt. Din l-analiżi turi wkoll li ċerti kumpaniji ferrovjarji f'dan il-perjodu kellhom dħul ekonomiku dgħajjef jekk mhux saħansitra negattiv (PKP, Eurostar, NSB). Skont dan l-istudju, diversi kumpaniji għall-kuntrarju kellhom dħul ekonomiku simili (SNCF: 2 %, SNCB: 2 %, Trenitalia 3 %) jekk mhux saħansitra ogħla haġna (Arriva Tog a/s 21,3 %, Chiltern Railways 16,1 %, Arriva Trains Wales 16 %, Great North Eastern Railway 12,2 %, DB Regio AG 12 %) mil-livell ta' ROA ta' 3 % ta' DSB.
- (361) Il-Kummissjoni tibbaża wkoll fuq id-Deċiżjonijiet preċedenti tagħha rigward is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali⁽⁵⁰⁾.
- (362) Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tikkunsidra l-fatt li DSB iġġorr parti mir-riskju marbut ma' din l-attività, minħabba li l-ħlasijiet kuntrattwali huma stabbiliti minn qabel u ma jistgħux jiżdiedu f'każ ta' devjazzjoni negattiva meta mqabbla mat-tbassir li tirrifletti tnaqqis fil-prestazzjoni ta' DSB li jkun ikkawżat pereżempju minn żieda fl-ispejjeż jew tnaqqis fid-dħul tal-kumpanija. Il-Kummissjoni tinnotta li minħabba li l-kumpanija hija esposta għal dan ir-riskju negattiv fuq il-profittabilità tagħha, li ma jagħtihix garanzija li l-profittabilità kuntrattwali prevista ta' 6 % sejra tintlaħaq, jidher xieraq li għandha tkun imħeġġa sabiex tikseb żieda fl-effiċjenza u, billi tagħmel dan, iżżomm parti mill-profitt iġġenerat b'dan il-mod inkluż meta taqbeż il-livell kuntrattwali, u dan fil-medda deskritta hawn fuq.
- (363) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnotta fuq il-bażi tad-dimostrazzjoni empirika li għamli l-awtoritajiet Daniżi li l-applikazzjoni ta' din l-iskema ta' restituzzjoni fil-passat kienet twassal għal qligħ fuq il-kapital ta' ekwità ta' DSB li jvarja bejn it-8.8 % u l-11.9 % fuq il-perjodu 2004-2008 u li dan kien jinvolvi restituzzjoni ta' 38 miljun DKK fuq is-sena 2006 skont ir-regola ta' 10 % fuq tliet snin (ara l-premessi 238-240).
- (364) B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-bilanċ tar-riżultat ta' DSB ifisser li l-ħlasijiet kuntrattwali qabżu dak li kien meħtieġ għall-kumpens tal-ispejjeż ikkawżati mit-tweġiq tal-obbligi taħt il-kuntratti kollha ta' servizz pubbliku flimkien ma' profitt raġonevoli. F'dawn il-fatti, il-Kummissjoni tqis li l-għbir ta' dividendi addizzjonali ta' ammont ogħla sew minn dan il-bilanċ evita li DSB tingħata kumpens żejjed. Għalkemm il-Kummissjoni tikkonkludi li ma kienx hemm kumpens żejjed f'dan il-każ, hija tibbaża l-konklużjoni tagħha fuq il-kundizzjoni li tiġi implimentata l-iskema ta' restituzzjoni kif deskritta f'din id-Deċiżjoni u spjegata fil-premessa 356 hawn fuq.
- ii. **Dewmien fil-kunsinna tal-materjal ferrovjarju**
- (365) Il-Kummissjoni tinnotta li ħadd ma jikkontesta l-fatt li kien hemm dewmien kbir fil-kunsinna tal-materjal ferrovjarju prevista taħt il-kuntratti ta' servizz pubbliku mill-manifattur Ansaldobreda. Biex tweġtaq l-obbligi tagħha, DSB kellha tuża materjal mikri, li kien soġġett għal kuntratti oħra mal-Ministeru Daniż tat-Trasport.
- (366) Il-Kummissjoni tfakkar li skont il-kuntratti ta' servizz pubbliku konklużi bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u DSB, din tal-aħħar kellha teħel l-ispejjeż tal-amortizzament tal-ferroviji u tal-interessi, u li dawn l-ispejjeż kienu koperti mill-ħlasijiet kuntrattwali.
- (367) Il-Kummissjoni tinnotta madankollu li l-konsegwenzi finanzjarji tad-dewmien u l-impatt tagħhom fuq il-ħlasijiet kuntrattwali ma kienux previsti fil-kuntratt ta' servizz pubbliku għall-2000-2004. Għall-kuntrarju, kienu previsti fil-kuntratt ta' servizz pubbliku għall-2005-2014.
- (368) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li jeħtieġ li wieħed jiddistingwi tliet aspetti.
- (369) L-ewwel nett, taħt il-kuntratt ta' servizz pubbliku għall-2000-2004, il-Kummissjoni tinnotta li l-konsegwenzi tad-dewmien ma ġewx ikkunsidrati kompletament fil-kalkolu tal-ħlasijiet kuntrattwali. L-awtoritajiet Daniżi ammettew li dan wassal għal impatt pożittiv ta' 154 miljun DKK. Minn din is-somma, 50 miljun tħallsu lill-Istat fil-forma ta' tnaqqis volontarju tal-ħlasijiet kuntrattwali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li DSB irċeviet ħlasijiet kuntrattwali ta' 104 miljuni DKK li jikkorrispondu għal spejjeż li ma ġarrbitx.
- (370) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tikkunsidra li ma jistax ikun argumentat li din is-somma kienet tikkumpensa (parzjalment) id-dannu ekonomiku ta' DSB marbut mad-dewmien. Fil-fatt, il-kwistjoni tad-dannu li sofriet DSB taq' taħt il-kuntratt ta' kunsinna bejn DSB u l-fornitur tagħha, li jista' jkun soġġett għal proċeduri ta' soluzzjoni (amikevoli, arbitrali jew kontenzjuża). Il-Kummissjoni tinnotta li din il-kwistjoni ma ġietx solvuta definittivament, minkejja li tħallas xi kumpens provviżorju.

(48) "Analysis of the financial situation of railway undertakings in the European Union" (Analiżi tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-imprizi ferrovjarji fl-Unjoni Ewropea), minn ECORYS f'isem il-Kummissjoni Ewropea, Frar 2006 http://ec.europa.eu/transport/rail/studies/doc/2006_financial_situation_railway_undertakings.zip

(49) Il-Kummissjoni tagħmel it-tqabbil tagħha b'mod partikolari fuq il-bażi tal-profitt ekonomiku (ROA – return on assets) sabiex tevita l-problemi ta' tqabbil marbut mal-istrutturi ta' djun-kapital differenti haġna bejn il-kumpaniji ferrovjarji.

(50) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2007, Ghajnnuna mill-Istat N388/2007 – Renju Unit, Post Office Limited (POL) programm ta' trasformazzjoni (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 19), b'mod partikolari l-punt 53.

- (371) It-tieni, taħt il-kuntratt ta' servizz pubbliku għall-2005-2014, il-Kummissjoni tinnota li għall-kuntrarju l-konsegwenzi tad-dewmien ġew ikkunsidrati fil-kalkolu tal-ħlasijiet kuntrattwali. L-awtoritajiet Daniżi wrew kif kienet taħdem l-iskema ta' aġġustament tal-ħlasijiet kuntrattwali minħabba d-dewmien fil-kunsinna u skont it-tip ta' materjal ikkonċernat. Il-Kummissjoni tinnota li l-ħlasijiet kuntrattwali tnaqqsu b'645 miljun DKK fuq l-ewwel sentejn tal-kuntratt. Hija tqis għalhekk li d-dewmien fil-kunsinna tal-materjal ferrovjarju ma wassalx għal kumpens żejjed taħt il-kuntratt ta' servizz pubbliku.
- (372) It-tielet, il-Kummissjoni ssib li l-materjal ferrovjarju ta' sostituzzjoni mikri kien soġġett għal kuntratti oħra bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u DSB. Hija tinnota li DSB ma kinitx teħtieġ, skont il-kuntratti ta' servizz pubbliku, li tuża materjal ta' sostituzzjoni. Il-Kummissjoni tinnota li dawn il-kuntratti addizzjonali kienu qegħdin jindirizzaw sitwazzjoni ġdida li ma kinitx għet ikkunsidrata fil-kuntratti, jiġifieri l-konsegwenzi tad-dewmien fil-kunsinna tal-ferroviji l-ġodda. Hija tqis għalhekk li l-kumpens mogħti lil DSB kien qed jindirizza obbligi ġodda tal-operatur ferrovjarju u, għaldaqstant, ma kienu iwassal għal kumpens żejjed taħt il-kuntratti ta' servizz pubbliku.
- (373) Il-Kummissjoni tispjega f'dan ir-rigward li jekk il-proċeduri ta' soluzzjoni (amikevoli, arbitrarja jew kontenzjuża) bejn DSB u Ansaldobreda dwar id-dewmien fil-kunsinna jwasslu biex jiġu rikonxxuti ċerti danni għal DSB, jekk dawn id-danni jirrigwardaw l-użu ta' materjal ferrovjarju ta' sostituzzjoni mikri u jekk jiġi deċiż xi kumpens min-naħa ta' Ansaldobreda biex jagħmel tajjeb għal dan, dan il-kumpens għandu għalhekk jingħata lill-Istat Daniż għaliex huwa assumu l-ispiża taġġhom permezz ta' kuntratti addizzjonali. Il-Kummissjoni tqis il-ħtieġa li timponi din il-kundizzjoni lill-Istat Daniż.
- (374) Fid-dawl ta' dan li ntqal, il-Kummissjoni tikkonkludi li DSB irċeviet kumpens żejjed ta' 104 miljun DKK minħabba d-dewmien fil-kunsinna tal-materjal ferrovjarju previst fil-kuntratti ta' servizz pubbliku. Il-Kummissjoni tikkunsidra madankollu li l-effetti ta' dan il-kumpens żejjed ġew evitati permezz tal-ġbir tad-dividendi kif deskritt qabel. Fil-fatt, id-dividendi addizzjonali li nġabru mill-Istat Daniż jibqgħu globalment ogħla mill-bilanċ kollu tar-riżultati miżjuda minn dan l-ammont li jirrigwarda d-dewmien tal-kunsinna tal-materjal ferrovjarju. Il-Kummissjoni tikkonkludi għalhekk li fil-fatt DSB ma rċeviet l-ebda kumpens żejjed.
- iii. Il-każ speċifiku tar-rotta Kopenhagen – Ystad**
- (375) Fid-Deċiżjoni ta' ftuħ taġġha, il-Kummissjoni kienet esprimiet dubji speċifiċi dwar il-fatt li DSB setgħet ingħatat vantaġġ sabiex topera din il-linja partikolari. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat żewġ aspetti.
- (376) Minn naħa, il-Kummissjoni vverifikat li għall-perjodu 2000-2004 DSB ma kinitx irċeviet appoġġ finanzjarju fil-forma ta' sussidji mill-kuntratt ta' servizz pubbliku waqt li r-rotta kienet qiegħda titħaddem mingħajr ma kienet soġġetta għal servizz pubbliku.
- (377) Il-Kummissjoni tinnota f'dan ir-rigward li l-awtoritajiet Daniżi iċċaraw il-kundizzjonijiet tal-operat tal-linja Kopenhagen-Ystad sa mis-sena 2000. Huma spjegaw b'mod partikolari li din ma kinitx għet inkluża fl-iskema ta' "traffiku ta' servizz pubbliku" qabel l-2002 permezz ta' kuntratt speċifiku meta meta kien deher li din il-linja ma setgħetx tagħmel profitt. Huma indikaw ukoll li dan il-kuntratt speċifiku ma kien jipprovd i l-ebda kumpens addizzjonali min-naħa tal-Istat Daniż lil DSB għall-operat ta' din il-linja bejn l-2002 u l-2004. L-awtoritajiet Daniżi għaldaqstant stabbilixxew li l-linja ferrovjarja bejn Kopenhagen u Ystad ma ngħatat l-ebda finanzjament pubbliku qabel l-2005.
- (378) Il-Kummissjoni tinnota li l-inklużjoni ta' din il-linja fl-iskema ta' "traffiku ta' servizz pubbliku" bejn l-2000 u l-2004 mingħajr kumpens addizzjonali meta mqabbel mal-kumpens imħallas taħt il-kuntratt ta' servizz pubbliku ma' DSB għall-perjodu 2000-2004 ma tiġġenerax kumpens żejjed. Fil-fatt, l-inklużjoni taġġha fl-iskema ta' traffiku ta' trasport pubbliku rriżultat fiż-żieda tal-obbligi ta' DSB mingħajr ma żdiedu l-ħlasijiet kuntrattwali. Hija kienet tfigħer ukoll l-integrazzjoni tad-dħul minn din il-linja fid-dħul kollu ta' DSB taħt l-attivitajiet taġġha ta' servizz pubbliku. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota l-fatt li din il-linja ma kinitx tagħmel qligħ fl-2002 u huwa proprju minħabba din ir-raġuni li għet inkluża fl-iskema ta' "traffiku ta' servizz pubbliku". Din l-integrazzjoni għaldaqstant ma twassalx għal kumpens żejjed.
- (379) Fi kwalunkwe każ, kieku l-linja kienet tkun ta' benefiċċju, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-dħul speċifiku għal din il-linja kien ikabbar id-dħul kollu ta' DSB taħt l-attività taġġha ta' servizz pubbliku. L-evalwazzjoni tal-possibbiltà ta' kumpens żejjed tkun għalhekk koperta mill-eżami globali tal-possibbiltà ta' kumpens żejjed lil DSB permezz tal-bilanċ tar-riżultati taġġha fil-kuntest tat-twettiq tal-kuntratt ta' servizz għall-perjodu 2000-2004. Il-Kummissjoni tirreferi għalhekk għar-raġunament taġġha fil-premessi 324-353 ta' din id-Deċiżjoni.
- (380) Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni eżaminat l-ispejjeż ta' DSB fuq ir-rotta kollha bejn Kopenhagen u Bornholm u, b'mod partikolari, il-kunsiderazzjoni tal-korrispondenza bil-vapur bejn Ystad u Rønne⁽⁵¹⁾ fil-biljetti integrati għall-passiġġieri taġġha.
- (381) Il-Kummissjoni tfakkar li r-rotta bil-baħar bejn dawn iż-żewġ portijiet hija operata minn Bornholmtrafikken A/S, kumpanija pubblika, fuq il-bażi ta' kuntratt konkluż mal-Istat Daniż wara sejħa għall-offerti. L-awtoritajiet Daniżi spjegaw l-obbligi ta' Bornholmtrafikken A/S taħt dan il-kuntratt, b'mod partikolari f'termini ta' koordinazzjoni tal-ħinijiet mal-operaturi tal-karozzi tal-linja jew tal-ferroviji. Huma spjegaw ukoll li ma ġie stabbilit l-ebda obbligu rigward il-politika ta' tariffi minbarra l-iffissar ta' tariffi minimi.

(51) Port tal-wasla tal-vapur f'Bornholm.

- (382) Fid-dawl tal-elementi mibgħuta mill-awtoritajiet Daniżi, il-Kummissjoni tinnota li l-prezzijiet mitluba minn Bornholmtrafikken A/S huma l-istess bħal ta' DSB u ta' Gradhundra. L-unika rata li hija applikabbli biss għal DSB hija l-prezz speċjali għal DSB Orange fil-qsim tal-Grand Belt. Din ir-rata madankollu twieġeb għal għanijiet kummerċjali speċifiċi ta' Bornholmtrafikken A/S sakemm il-programm DSB Orange jiġbed vjaġġaturi mill-Jutland għal Bornholm. Il-kisba ta' din ir-rata speċifika twieġeb għal kundizzjonijiet preċiżi (xi ferroviji biss huma kkonċernati, sistema ta' riservar permezz tal-Internet, numru ta' biljetti limitati, eċċ) u tindirizza servizzi differenti minn dawk offruti mill-operaturi tal-karozzi tal-linja fuq din il-linja. Il-Kummissjoni tinnota li din l-offerta kienet tirrigwarda biss numru limitat ħafna ta' passiġġieri u li ma baqgħetx tiġi proposta mill-2009.
- (383) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-prezzijiet mitluba għal dan il-vjaġġ bil-vapur minn Bornholmtrafikken A/S ma tawx vantaġġ lil DSB meta mqabbla mal-kompetituri tagħha li jipproponu rotta bil-karozza tal-linja u jipprattikaw ukoll is-sistema ta' prezzijiet integrati. Il-Kummissjoni għalhekk hija tal-fehma li l-fatturazzjoni tar-rotot bil-vapur ma wasslitx għal kumpens żejjed lil DSB.
- (384) In ġenerali, il-Kummissjoni tqis għalhekk li l-kumpens għas-servizz pubbliku inkwistjoni kien ikkalkulat skont ir-regoli stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007.
- (385) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna mill-Istat misjuba fil-ħlasijiet kuntrattwali u mħallsa taħt il-kuntratti ta' servizz pubbliku bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u DSB huma kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 li jimplementa l-Artikolu 93 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- 8.3.3. L-IMPATT TA' ĊERTI MIŻURI FISKALI FUQ IL-KOMPATIBILITÀ TAL-KUMPENS GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU.
- (386) Fid-Deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, il-Kummissjoni sabet li l-kumpaniji privati Daniżi li joperaw f'setturi eżentati mill-VAT bħas-settur tat-trasport pubbliku huma soġġetti għal sistema ta' taxxa speċjali fuq il-pagi ("lønsumsafgift"). Hija nmutat madankollu li l-kumpaniji pubbliċi bħal DSB ma kinux soġġetti għal din it-taxxa.
- (387) Għalkemm DKT, it-tieni parti li ppreżentat l-ilment, allegat li l-eżenzjoni ta' DSB minn din it-taxxa fuq il-pagi setgħet tagħtiha vantaġġ kompetittiv, il-Kummissjoni ma eżaminatx il-kwistjoni tat-taxxa fuq il-pagi, minħabba li din kienet soġġetta għal reviżjoni globali tal-Kummissjoni fi proċedura separata⁽⁵²⁾. Il-parti li ppreżentat l-ilment stess kienet ikkwotat mistoqsija parlamentari u t-tweġiba li kienet għamlet is-Sinjura Kroes għall-Kummissjoni⁽⁵³⁾.
- (388) Permezz ta' ittra tad-9 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni infurmat lil DKT li wara reviżjoni tal-miżuri inkwistjoni, il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li tagħlaq il-proċedura msemmija hawn fuq. Il-Kummissjoni fil-fatt indikat li saru diskussjonijiet u skambji ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Daniżi sabiex tikseb kjarifiki dwar il-problemi potenzjali u l-ambigwitatijiet li jirriżultaw minn din l-eżenzjoni fir-rigward tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Daniżi aċċettaw li jibdlu l-leġiżlazzjoni tagħhom.
- (389) Il-Kummissjoni tinnota għaldaqstant li d-Danimarka adottat il-Liġi Nru 526 tal-25 ta' Ġunju 2008 li tneħħi kwalunkwe distorsjoni potenzjali bejn il-kumpaniji pubbliċi u privati fir-rigward tal-implimentazzjoni tat-taxxa fuq il-pagi. Hija tinnota wkoll li din il-liġi daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009 u li minn din id-data DSB hija soġġetta għat-taxxa fuq il-pagi.
- (390) Għall-finijiet ta' din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni tinnota li l-eżenzjoni ta' DSB minn din it-taxxa kienet inkluża fil-parametri li wasslu għad-determinazzjoni tal-livell tal-ħlasijiet kuntrattwali ta' DSB taħt il-kuntratti ta' servizz pubbliku, kif indikat fil-premessa 88 ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni tinnota li l-eżenzjoni tat-taxxa kienet tnaqqas l-ispejjeż operattivi ta' DSB għall-operat tas-servizzi ta' trasport previsti mill-kuntratti ta' servizz pubbliku. Għaldaqstant, hija tikkonkludi li fin-nuqqas ta' eżenzjoni, l-Istat Daniż kellu jżid b'daqstant l-ammont tal-ħlasijiet kuntrattwali tiegħu.
- (391) B'hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li jekk l-eżenzjoni mit-taxxa ta' DSB kienet tinvolvi għajnuna mill-Istat, dawn għandhom ikunu trattati bħala "ħlasijiet kuntrattwali addizzjonali" ta' ammont ekwivalenti għall-ispiża fiskali eżentata. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tikkonkludi li dawn il-"ħlasijiet kuntrattwali addizzjonali" ma wasslux għal kumpens żejjed lil DSB.
- (392) Il-Kummissjoni tinnota barra minn hekk li mill-1 ta' Jannar 2009 DSB hija soġġetta għat-taxxa fuq il-pagi. Għalhekk, l-ispejjeż fiskali ta' DSB żdiedu, fatt li jħalli impatt fuq l-ispejjeż operattivi meħtieġa għall-operat tas-servizzi ta' trasport previsti fil-kuntratti ta' servizz pubbliku. L-awtoritajiet Daniżi indikaw li l-ispejjeż żejda ġġenerati għal DSB sejrin ikunu kkompensati biex jirriflettaw din il-bidla fil-parametri tal-kalkolu tal-ħlasijiet kuntrattwali.
- (393) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tqis li l-kumpens tal-ispejjeż fiskali addizzjonali li rriżultaw mit-tmiem tal-eżenzjoni fiskali ta' DSB jagħmel parti mill-ekonomija ġenerali tas-sistema ta' kumpens għall-kuntratti ta' servizz pubbliku. Il-Kummissjoni kkunsidrat li dan il-kumpens kien jikkorrispondi b'mod strett għall-ispiża fiskali addizzjonali mħallsa minn DSB taħt l-attivitatijiet esklussivi tagħha ta' servizz pubbliku.

⁽⁵²⁾ L-ilment ġie rreġistrat għand il-Kummissjoni. Dan il-fajl iġib ir-referenza CP78/2006.

⁽⁵³⁾ L-ittra tas-Sinjura Kroes lis-Sinjura Riis-Jørgensen tad-19 ta' Jannar 2009, D(09)6.

- (394) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens mill-Istat Daniż għat-taxxa fuq il-pagi mħallsa minn DSB ma wassalx għal kumpens żejjed u għaldaqstant għandu jitqies kompatibbli mas-suq intern skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007.

9. KONKLUŻJONI

- (395) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kuntratti ta' servizz pubbliku konklużi bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u DSB jinvolve għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- (396) Il-Kummissjoni tikkonkludi madankollu li din l-għajjnuna hija kompatibbli mas-suq intern skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007, sakemm id-Danimarka ddaħħal l-iskema ta' restituzzjoni deskritta f'din id-Deċiżjoni fil-premessi 222 sa 240 u 356 fil-kuntratti ta' servizz pubbliku fis-seħħ. F'dawn il-kundizzjonijiet, l-għajjnuniet ikkonċernati huma kompatibbli sat-tmiem tal-kuntratti ta' servizz pubbliku fis-seħħ.

- (397) L-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajjnuniet soġġetti għal din id-Deċiżjoni saret fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, applikabbli fiż-żmien li l-Kummissjoni ħadet id-Deċiżjoni tagħha.

- (398) Il-Kummissjoni tinnotta li r-regoli ta' evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 huma sostanzjalment simili għal dawk tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, kif spjegati u interpretati mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni ta' ftuħ tagħha. Hija tikkonkludi fil-fatt li, f'dan il-każ, l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 ma kinitx twassal għal konklużjoni differenti.

- (399) Fl-aħħar nett, l-għajjnuniet ikkonċernati huma kompatibbli sat-tmiem tal-kuntratti ta' servizz pubbliku fis-seħħ. Fil-fatt, dawn huma kuntratti konklużi fl-2004, jiġifieri mis-26 ta' Lulju 2000 u qabel it-3 ta' Diċembru 2009, mingħajr proċedura għal kompetizzjoni ġusta u ta' tul ta' 10 snin. B'hekk huma jaqgħu taħt l-Artikolu 8(3)(d) u l-aħħar sentenza u ta' qabel tal-aħħar tal-paragrafu 3, tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. Il-Kummissjoni tfakkar madankollu li skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, l-Istati Membri jieħdu miżuri sabiex jikkonformaw gradwalment mar-regoli tal-għoti tal-imsemmija kuntratti skont ir-regoli tal-Artikolu 5 qabel it-3 ta' Diċembru 2019,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kuntratti ta' servizz pubbliku konklużi bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u Danske Statsbaner jinvolve għajjnuna mill-Istat taħt l-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Din l-għajjnuna mill-Istat hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 93 tat-TFUE.

Artikolu 2

Id-Danimarka ddaħħal f'kull kuntratt ta' servizz pubbliku ta' Danske Statsbaner fis-seħħ l-iskema ta' restituzzjoni deskritta fil-premessi 222 sa 240 u 356 ta' din id-Deċiżjoni li l-karatteristiċi ewlenin tagħha huma dawn:

- Aġġustament tal-ħlasijiet kuntrattwali fl-aħħar tas-sena finanzjarja għad-determinazzjoni ta' tnaqqis gross ikkalkulat fuq il-bażi ta' din l-ekwazzjoni:

$$\text{Total tad-dħul} - \text{profitt raġonevoli} - \text{Total tan-nefqa} = \text{tnaqqis gross}$$

- Modulazzjoni tat-tnaqqis gross biex jiġu kkunsidrati kisbiet fl-effiċjenza u ta' titjib fil-kwalità tas-servizz skont l-ekwazzjoni u l-parametri li ġejjin:

$$\text{Skema ta' restituzzjoni} = \text{tnaqqis gross} - \text{korrezzjoni (spejjeż } \Delta \text{ + pas.km } \Delta) = \text{tnaqqis nett}$$

- spejjeż Δ : tnaqqis tal-ispejjeż (għal kull kilometru-passiġġier) meta mqabbel mal-ispiża medja tal-aħħar tal-aħħar erba' snin, skont il-kalkolu: differenzjal fl-ispiża għal kull kilometru-passiġġier (f'perċentwal) meta mqabbel mal-ispiża medja tal-aħħar erba' snin immultiplikata b'bażi ta' spiża totali; u

- pas.km Δ : żieda fit-traffiku tal-passiġġieri mkejla f'kilometri-passiġġieri (0,80 DKK għal kull kilometru-passiġġier);

- it-total tat-tnaqqis marbut mat-titjib fil-prestazzjonijiet ma jistax jaqbeż it-tnaqqis gross ta' sena partikolari. It-tnaqqis nett huwa għalhekk bejn zero u t-tnaqqis gross.

— L-istabbiliment ta' limitu massimu għall-iskema ta' restituzzjoni li jggarantixxi ż-żamma ta' profitt fil-livell raġonevoli skont il-formola u l-karatteristiċi li ġejjin:

$$\frac{\text{Profitt raġonevoli (6 \%)} + \text{aġġustamenti (Spejjeż } \Delta \cdot + \text{ pas.km } \Delta)}{\text{Kapital ta' ekwità}} < 12 \%$$

— Il-kalkolu jikkunsidra biss il-parti tal-kapital ta' ekwità li tirrigwarda l-attività ta' servizz pubbliku ta' DSB;

— Il-limitu massimu tal-profitt raġonevoli huwa ffissat għal qligħ fuq il-kapital ta' ekwità ta' 12 %, imniżżel għal 10 % fuq tliet snin.

Artikolu 3

Il-kumpens li jista' jitħallas lil DSB mill-kumpanija AnsaldoBreda minħabba d-dewmien fil-kunsinna tal-materjal ferrovjarju għandu jingħata lill-Istat Daniż.

Artikolu 4

Id-Danimarka tinforma lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li tkun ħadet sabiex tikkonforma mal-Artikoli 2 u 3 ta' din id-Deċiżjoni fix-xahrejn ta' wara n-notifika tagħha.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2010.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Viċi-president